# MANWAL

DWAR

# IL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA



© Parlament Ewropew (2017)

Gwida għal kif il-Parlament Ewropew jikkoleġiżla

Novembru 2019

**Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni**

**Direttorat għall-Koordinament Leġiżlattiv u tal-Kumitati**

**Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi (LEGI)**

PE 640.179

**MT**

L-għan ta' dan il-manwal huwa li jinforma lill-Membri tal-Parlament u lill-persunal tal-PE. Tħejja mill-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi (LEGI), u bħala tali huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni espressa mill-Parlament. Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal finijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, bil-kundizzjoni li jissemma s-sors u li l-Parlament Ewropew jiġi avżat minn qabel u tintbagħatlu kopja. © Unjoni Ewropea, 2019.

LEGI Unit@europarl.europa.eu

## DAĦLA

Bħala Viċi Presidenti responsabbli għall-konċiljazzjoni fil-Parlament Ewropew u bħala President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, għandna l-pjaċir nippreżentaw dan il-*Manwal aġġornat dwar il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja*, imħejji mill-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi. L-għan ta' dan il-Manwal huwa li jipprovdi informazzjoni prattika dwar kif il-Parlament jorganizza l-ħidma tiegħu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Matul it-tmien leġiżlatura, seħħew numru ta' żviluppi importanti, inklużi l-konklużjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali ġdid dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li daħal fis-seħħ f'April 2016, u r-reviżjoni ġenerali tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li daħlu fis-seħħ f'Jannar 2017.

Huwa essenzjali li l-atturi rilevanti kollha fil-Parlament ikunu jafu l-proċeduri, sabiex ikompli jissaħħaħ ir-rwol tal-Parlament bħala koleġiżlatur fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE u biex tissaħħaħ il-leġittimità demokratika.

Għalhekk nirrakkomandaw dan il-Manwal lill-Membri kollha, lill-persunal kollu u lil dawk kollha li huma interessati fil-ħidma leġiżlattiva tal-Parlament.



© Unjoni Ewropea 2019 – PE/fotografu

**Katarina BARLEY, Nicola BEER , Mairead McGUINNESS**
Viċi Presidenti responsabbli għall-konċiljazzjoni



**Antonio TAJANI**
President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati

**WERREJ**


1. INTRODUZZJONI ....... 1

2. L-ATTURI EWLENIN U R-RWOLI TAGĦHOM FIL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA ....... 3

2.1. Il-Parlament ....... 3

2.2. Il-Kunsill ....... 4

2.3. Il-Kummissjoni ....... 5

2.4. Atturi istituzzjonali oħra marbuta mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ....... 7

3. IL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA ....... 11

3.1. It-tressiq ta' proposta leġiżlattiva ....... 11

3.2. L-istadju tal-ewwel qari ....... 13

3.2.1. L-ewwel qari tal-Parlament ....... 14

3.2.2. L-ewwel qari tal-Kunsill ....... 21

3.3. L-istadju tat-tieni qari ....... 23

3.3.1. It-tieni qari tal-Parlament ....... 24

3.3.2. It-tieni qari tal-Kunsill ....... 25

3.4. L-istadju tal-konċiljazzjoni u tat-tielet qari ....... 25

4. IN-NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI ....... 27

4.1. Introduzzjoni ....... 27

4.2. It-trilogi ....... 29

4.3. Il-proċedura biex jinbdew negozjati interistituzzjonali ....... 30

4.3.1. Il-Parlament ....... 30

4.3.2. Il-Kunsill ....... 33

4.3.3. Il-Kummissjoni ....... 33

4.4. L-atturi fin-negozjati interistituzzjonali ....... 34

4.4.1. Il-Parlament ....... 34

4.4.2. Il-Kunsill ....... 34

4.4.3. Il-Kummissjoni ....... 34

4.5. Trasparenza tal-proċedimenti tal-Parlament u modi biex tiġi żgurata r-responsabilità ....... 36

5. IL-PROĊEDURA TA' KONĊILJAZZJONI FID-DETTALL ....... 38

6. FINALIZZAZZJONI, IFFIRMAR U PUBBLIKAZZJONI TAT-TEST ADOTTAT .......... 41
6.1. Finalizzazzjoni ġuridika lingwistika .......... 41
6.2. Iffirmar .......... 42
6.3. Pubblikazzjoni .......... 42
7. IL-PROĊEDURI L-OĦRA LI L-PARLAMENT INVOLUT FIHOM .......... 43
7.1. Il-proċeduri leġiżlattivi speċjali .......... 43
7.1.1. Konsultazzjoni .......... 43
7.1.2. Approvazzjoni .......... 44
7.2. L-atti delegati u ta' implimentazzjoni .......... 44
8. IL-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI DWAR IT-TFASSIL AĦJAR TAL-LIĠIJIET .......... 46
9. IĊ-ĊIFRI RELATATI MAL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA .......... 49
10. TERMINOLOĠIJA .......... 53
11. LINKS UTLI .......... 57
ANNESS I - L-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea .......... 61
ANNESS II - L-artikoli mir-Regoli ta' Proċedura rilevanti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja .......... 63
ANNESS III - Kodiċi ta' kondotta għan-negozjati fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja .......... 74
ANNESS IV - L-ordni tal-Presidenzi tal-Kunsill .......... 77
Anness V - L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq il-maġġoranzi u l-limiti użati għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja .......... 78

# 1. INTRODUZZJONI

Bit-Trattat ta' Lisbona, il-kodeċiżjoni[1] saret uffiċjalment il-'proċedura leġiżlattiva ordinarja' (Artikolu 294 TFUE[2]) u r-regola ġenerali għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni Ewropea, li tkopri l-maġġoranza l-kbira tal-oqsma ta' azzjoni tal-Unjoni (ara l-Kaxxa Nru 1).

Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja hija bbażata fuq il-prinċipju ta' parità bejn il-Parlament Ewropew elett b'mod dirett, li jirrappreżenta n-nies tal-Unjoni, u l-Kunsill, li jirrappreżenta l-gvernijiet tal-Istati Membri. Abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, iż-żewġ koleġiżlaturi jadottaw leġiżlazzjoni b'mod konġunt. L-ebda wieħed minnhom ma jista' jadotta leġiżlazzjoni mingħajr il-ftehim tal-ieħor, u ż-żewġ koleġiżlaturi jridu japprovaw test identiku. Tali ftehim jista' jintlaħaq f'kull qari mit-tlieta possibbli skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Jekk proposta leġiżlattiva tiġi miċħuda fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, jew il-Parlament u l-Kunsill ma jistgħux jilħqu kompromess, il-proposta ma tiġix adottata u l-proċedura tintemm.

Dan il-Manwal huwa maħsub biex jagħti ħarsa ġenerali prattika lejn il-proċedura leġiżlattiva ordinarja bħala l-proċedura leġiżlattiva ewlenija għall-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE. Il-Manwal jibda b'żewġ kapitoli ġenerali, li jipprovdu introduzzjoni dwar l-atturi differenti u r-rwol tagħhom fil-proċedura (Kapitolu 2) u dwar id-diversi stadji tal-proċedura (Kapitolu 3). Il-Kapitolu 4 jindirizza f'aktar dettall it-twettiq ta' negozjati interistituzzjonali (kif il-Parlament jingħata l-mandat tiegħu u x'jiġri fit-trilogi), imbagħad tingħata informazzjoni dwar il-proċedura ta' konċiljazzjoni (Kapitolu 5) u, fl-aħħar nett, informazzjoni dwar l-iffirmar u l-pubblikazzjoni tat-test adottat (Kapitolu 6).

Il-Kapitolu 8 jipprovdi aktar tagħrif dwar il-Ftehim Interistituzzjonali rivedut dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li daħal fis-seħħ fit-13 ta' April 2016 u kellu impatt kbir fuq il-mod kif il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaħdmu flimkien billi jistabbilixxu għadd ta' inizjattivi u proċeduri favur it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Finalment, il-gwida hija kkompletata b'ħarsa ġenerali qasira lejn proċeduri rilevanti oħra li l-Parlament għandu rwol fihom (Kapitolu 7), b'kapitolu li jipprovdi statistika rilevanti dwar il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (Kapitolu 9) u bi glossarju ta' termini, taqsiriet u akronimi (Kapitolu 10). Fl-Annessi tista' ssib, fost l-oħrajn, l-aktar regoli rilevanti relatati mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, kif ukoll il-maġġoranzi u l-limiti tat-teħid ta' deċiżjonijiet post-Brexit rilevanti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

---

[1] Fil-prattika, it-terminu 'kodeċiżjoni' għadu jintuża spiss minflok it-terminu uffiċjali 'proċedura leġiżlattiva ordinarja'.

[2] It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem 'TUE') u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem 'TFUE').
Ara l-Anness I għall-Artikolu 294 TFUE.

**Kaxxa Nru 1 – L-istadji importanti ewlenin: mill-kodeċiżjoni għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja**

**Trattati:**

- **It-Trattat ta' Maastricht, Novembru 1993**: Introduzzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni li kienet tkopri numru limitat ta' oqsma leġiżlattivi (prinċipalment is-suq intern).
- **It-Trattat ta' Amsterdam, Mejju 1999**: Semplifikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, biex ikun possibbli li ftehimiet jiġu konklużi fl-ewwel qari. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal aktar minn 40 bażi legali (inklużi t-trasport, l-ambjent, il-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali).
- **It-Trattat ta' Nizza, Frar 2003**: Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni għal aktar oqsma.
- **It-Trattat ta' Lisbona, Diċembru 2009**: Il-kodeċiżjoni ssir uffiċjalment il-'proċedura leġiżlattiva ordinarja', li tkopri 85 qasam ta' azzjoni tal-Unjoni (inklużi l-agrikoltura, is-sajd u l-politika kummerċjali komuni).

**Ftehimiet Interistituzzjonali:**

- **Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni, 2007[1]:** tistabbilixxi arranġamenti prattiċi rigward il-funzjonament tal-proċedura ta' kodeċiżjoni. Id-dikjarazzjoni kif adottata fl-1999 ġiet riveduta fl-2007, biex ġiet rikonoxxuta b'mod espliċitu l-importanza tas-'sistema ta' trilogu' matul il-proċedura ta' kodeċiżjoni.
- **Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, 2010[2]:** jistabbilixxi miżuri biex jitwessa' d-djalogu bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, jittejbu l-fluss ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni dwar proċeduri u ppjanar; fih dispożizzjonijiet dwar laqgħat tal-Kummissjoni ma' esperti, it-tressiq ta' informazzjoni kunfidenzjali lill-Parlament, in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali u l-iskeda ta' żmien għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.
- **Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, 2016[3]:** ftehim bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni li daħal fis-seħħ f'April 2016 u ssostitwixxa l-ftehim preċedenti tal-2003. Jistabbilixxi sensiela ta' inizjattivi u proċeduri miftiehma bejn it-tliet istituzzjonijiet bl-għan tat-tfassil aħjar tal-liġijiet, l-indirizzar tal-programmazzjoni, għodod aħjar għat-tfassil tal-liġijiet, inklużi l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-partijiet ikkonċernati, l-għażla tal-bażi legali, l-atti delegati u ta' implimentazzjoni, it-trasparenza, l-implimentazzjoni u s-semplifikazzjoni.

[1] Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2007 dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni. ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

[2] Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47

[3] Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

# 2. L-ATTURI EWLENIN U R-RWOLI TAGĦHOM FIL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA

## 2.1. Il-Parlament

Il-funzjonament ta' kuljum tal-Parlament, anke fir-rigward tal-organizzazzjoni interna u l-proċeduri deċiżjonali tiegħu, huwa rregolat mir-**Regoli ta' Proċedura** tiegħu. Fil-Parlament, il-ħidma leġiżlattiva titwettaq mill-kumitat(i)[1] parlamentari responsabbli[2]. Kull proposta leġiżlattiva li tiġi attribwita lil kumitat tiġi allokata (normalment wara deċiżjoni tal-koordinaturi tal-kumitat) lil grupp politiku, li jinnomina '**rapporteur**' biex ifassal ir-rapport f'isem il-kumitat. Gruppi politiċi oħra jistgħu jaħtru '**shadow rapporteurs**' biex jikkoordinaw fil-kumitat il-pożizzjoni tagħhom rigward il-kwistjoni.

Il-**President** huwa responsabbli biex jippresiedi l-laqgħat tal-kumitat u tal-koordinaturi tiegħu. Il-President għandu awtorità fuq il-proċeduri ta' votazzjoni u r-regoli dwar l-ammissibilità tal-emendi. Il-President jippresiedi wkoll matul in-negozjati interistituzzjonali.

Fil-bidu tal-leġiżlatura, kull grupp politiku jista' jaħtar membru wieħed biex jaġixxi bħala l-**koordinatur** tiegħu fil-kumitat. Il-koordinaturi jiltaqgħu f'sessjoni bil-magħluq ('in camera') sikwit bħala parti mil-laqgħat tal-kumitati. Il-kumitat jista' jiddelegalhom is-setgħa li jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tar-rapporti u l-opinjonijiet lill-gruppi, l-organizzazzjoni ta' seduti ta' smigħ fil-kumitat, l-ikkummissjonar ta' studji, delegazzjonijiet tal-kumitat u kwistjonijiet oħra ta' sustanza jew relatati mal-organizzazzjoni tal-ħidma tal-kumitat.

Fin-negozjati interistituzzjonali matul l-ewwel u t-tieni qari, il-Parlament huwa rappreżentat minn **tim tan-negozjati** li jitmexxa mir-rapporteur, ippresedut mill-President tal-kumitat(i) responsabbli jew minn Viċi President maħtur mill-President. It-tim tan-negozjati għandu jinkludi tal-anqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku li jixtiequ jipparteċipaw (Artikolu 74 RtP). Għal aktar informazzjoni dwar in-negozjati interistituzzjonali, ara l-Kapitolu 4.

Il-kumitati parlamentari u l-Membri tagħhom huma assistiti fil-ħidma leġiżlattiva tagħhom f'livell amministrattiv mis-segretarjati tal-kumitati (li jorganizzaw il-laqgħat u l-ippjanar tal-kumitati u jipprovdu appoġġ u pariri rigward l-attivitajiet tal-kumitati), il-konsulenti tal-gruppi politiċi (li jipprovdu appoġġ u pariri lill-koordinatur tal-grupp u l-Membri individwali tagħhom), l-assistenti tal-Membri, u servizzi parlamentari oħra, inklużi l-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi (LEGI), is-servizz legali, id-direttorat għall-atti leġiżlattivi, id-Dipartimenti Tematiċi, is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS), l-uffiċċju stampa tal-PE u d-Direttorati Ġenerali għat-Traduzzjoni u l-

[1] Xi drabi msejjaħ ukoll kumitat 'ewlieni', ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1.

[2] L-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament jiddeskrivi s-setgħat u r-responsabilitajiet rispettivi ta' kull wieħed mill-kumitati permanenti tal-Parlament (li hemm 20 minnhom).

Interpretazzjoni, rispettivament. Fit-tielet qari, il-LEGI tikkoordina l-assistenza amministrattiva lid-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

**Kaxxa Nru 2 – Il-korpi politiċi tal-Parlament**

**Il-Konferenza tal-Presidenti** (CoP, Artikolu 26 / 27 RtP) tikkonsisti mill-President tal-Parlament u mill-Presidenti tal-gruppi politiċi. Hija responsabbli għall-ġestjoni politika ġenerali tal-Parlament u l-aspetti politiċi tal-attivitajiet tiegħu, inklużi l-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Parlament, ir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra tal-Unjoni Ewropea u r-relazzjonijiet mal-pajjiżi li mhumiex membri. Il-laqgħat tagħha normalment isiru fil-ġimgħa ta' qabel u matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu (ġeneralment nhar ta' Ħamis filgħodu).

**Il-Bureau** (Artikolu 24 / 25 RtP) jikkonsisti mill-President tal-Parlament, l-14-il Viċi President (li tlieta minnhom huma responsabbli għall-konċiljazzjoni), u l-5 Kwesturi f'kapaċità konsultattiva. Jittratta l-kwistjonijiet amministrattivi u finanzjarji li għandhom x'jaqsmu mal-funzjonament tal-istituzzjoni. Il-laqgħat tiegħu normalment isiru nhar ta' Tnejn filgħaxija matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu.

**Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati** (CCC; (Artikolu 29 RtP): tikkonsisti mill-presidenti tal-kumitati parlamentari permanenti u speċjali kollha. Tissorvelja l-progress tax-xogħol fil-kumitati u tiżgura l-kooperazzjoni u l-koordinament bejniethom. Tippreżenta wkoll rakkomandazzjonijiet lis-CoP fir-rigward, *inter alia*, tal-abbozz ta' aġenda tas-sessjonijiet plenarji li jmiss. Il-laqgħat tagħha normalment isiru nhar ta' Tlieta matul is-sessjonijiet ta' Strasburgu. Il-President jiġi elett minn fost il-membri tagħha għal mandat ta' sentejn u nofs.

## 2.2. Il-Kunsill

Il-Kunsill jirrappreżenta lill-gvernijiet tal-Istati Membri. Jikkonsisti mill-ministri nazzjonali minn kull pajjiż tal-UE, li jiltaqgħu f'sensiela ta' konfigurazzjonijiet skont il-qasam tematiku, biex jadottaw liġijiet u jikkoordinaw il-politiki. Il-Kunsill jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi b'mod konġunt mal-Parlament (Artikolu 16(1) TUE). Huwa jaħdem fuq tliet livelli: **il-gruppi ta' ħidma** jħejju x-xogħol tal-'Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti' tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (**Coreper**), li, *inter alia*, iħejji x-xogħol tad-diversi konfigurazzjonijiet tal-**Kunsill**.

Il-laqgħat li jseħħu f'dawn it-tliet livelli kollha huma preseduti mill-Istat Membru li jkollu f'idejh il-**Presidenza tal-Kunsill** b'rotazzjoni ta' kull sitt xhur[1].

L-aġendi għal-laqgħat tal-Kunsill jirriflettu x-xogħol magħmul mill-Coreper u fil-gruppi ta' ħidma u l-kumitati korrispondenti. Jikkonsistu fil-**punti A**, biex jiġu approvati mingħajr diskussjoni wara ftehim fil-Coreper, u fil-**punti B**, biex jiġu diskussi.

[1] Ħlief għall-Kunsill Affarijiet Barranin, normalment ippresedut mir-Rappreżentant Għoli, il-Presidenza tal-Kunsill tinbidel kull sitt xhur fost l-Istati Membri tal-UE (mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju jew mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru). Il-Presidenza tippresiedi l-laqgħat tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tiegħu u tirrappreżenta lill-Kunsill fir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. L-ordni tal-Presidenza 'b'rotazzjoni' tiġi stabbilita mill-Kunsill (ara l-lista fl-Anness IV).

Il-Coreper jiltaqa' f'żewġ konfigurazzjonijiet:

**Coreper II**: magħmul mir-rappreżentanti permanenti għall-Unjoni Ewropea u ppresedut mir-rappreżentant permanenti tal-pajjiż li jkollu l-Presidenza. Iħejji 4 konfigurazzjonijiet tal-Kunsill: affarijiet ekonomiċi u finanzjarji; affarijiet barranin; affarijiet ġenerali; ġustizzja u affarijiet interni. Il-ħidma tiegħu hija mħejjija mill-hekk imsejjaħ '**Grupp Antici**'.

**Coreper I**: magħmul mill-viċi rappreżentanti permanenti għall-Unjoni Ewropea u ppresedut mill-viċi rappreżentant permanenti tal-pajjiż li jkollu l-Presidenza. Iħejji 6 konfigurazzjonijiet tal-Kunsill: agrikoltura u sajd[1]; kompetittività; edukazzjoni, żgħażagħ, kultura u sport; impjiegi, politika soċjali, saħħa u affarijiet tal-konsumatur; ambjent; trasport, telekomunikazzjoni u enerġija. Il-ħidma tiegħu hija mħejjija mill-hekk imsejjaħ '**Grupp Mertens**'.

Kif indikat, il-ħidma tal-Coreper titħejja minn aktar minn 150 grupp ta' ħidma u kumitat, magħrufa bħala l-'korpi preparatorji tal-Kunsill'. Dawn il-korpi għandhom rwol simili għal dak tal-kumitati parlamentari fil-Parlament: jiltaqgħu b'mod regolari biex jeżaminaw il-proposti leġiżlattivi u jwettqu ħidma preparatorja oħra li twitti t-triq għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Il-biċċa l-kbira tal-gruppi ta' ħidma u l-kumitati, li jinkludu esperti minn kull Stat Membru, jitwaqqfu mill-Coreper u jiġu stabbiliti skont is-suġġett, konformi mal-qasam tematiku tal-konfigurazzjoni tal-Kunsill li jappoġġaw[2].

Il-qafas u l-prinċipji tal-proċeduri deċiżjonali tal-Kunsill huma stabbiliti fir-**Regoli ta' Proċedura** tiegħu[3]. B'mod simili għas-Segretarjat tal-Parlament, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jiżgura l-koordinament tal-proċess deċiżjonali tal-Kunsill. Jiżvolġi rwol importanti bħala konsulent legali (permezz tas-Servizz Legali tiegħu) u fornitur ta' loġistika, fiż-żamma tar-rekords (memorja istituzzjonali) u bħala medjatur. Għandu funzjoni ta' appoġġ essenzjali għall-Presidenzi.

## 2.3. Il-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tirrappreżenta l-interess ġenerali tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi (f'kuntrast mal-interessi tal-Istati Membri individwali) u hija responsabbli biex, *inter alia*, tipproponi leġiżlazzjoni, timplimenta deċiżjonijiet, tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u tiżgura r-rispett tat-Trattati tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tikkonsisti mill-**Kulleġġ tal-Kummissarji** li jinkludi President u 27 Kummissarju, i.e. membru wieħed minn kull

---

[1] Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji, kif ukoll il-fajls kollha relatati mal-Politika Komuni tas-Sajd, huma mħejjija mill-Coreper I. Parti mill-ħidma tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, b'mod partikolari l-fajls kollha relatati mal-Politika Agrikola Komuni, hija madankollu mħejjija mill-**Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA)**.

[2] Xi kumitati bħall-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali u l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà huma stabbiliti direttament mit-Trattati, deċiżjonijiet intergovernattivi jew deċiżjonijiet tal-Kunsill. Dawn il-kumitati huma fil-biċċa l-kbira permanenti u sikwit ikollhom president maħtur jew elett. Barra minn hekk, jistgħu jinħolqu kumitati *ad hoc* għal skop speċifiku li ma jibqgħux jeżistu wara li jwettqu l-kompitu tagħhom.

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, 2009/937/UE, ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.

Stat Membru[1]. Il-kolleġjalità, il-prinċipju skont liema l-membri kollha tal-Kummissjoni huma responsabbli b'mod konġunt għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet li jittieħdu, hija l-prinċipju fundamentali għall-proċeduri deċiżjonali kollha fil-Kummissjoni, kemm jekk waqt it-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi (eż. konsultazzjonijiet jew laqgħat interservizzi tal-Kabinetti tal-Kummissarji) u kemm jekk waqt in-negozjati interistituzzjonali. Il-qafas u l-prinċipji tal-proċeduri deċiżjonali tal-Kummissjoni huma stabbiliti fir-**Regoli ta' Proċedura** tagħha.

F'Novembru 2014, il-President Juncker iddeċieda li jorganizza l-Kummissjoni b'mod differenti mill-predeċessuri tiegħu, permezz tal-ħatra ta' seba' Viċi Presidenti li jaġixxu f'isem il-President, fl-oqsma ta' responsabilità tagħhom. Il-Viċi Presidenti jiġu inkarigati bi proġetti prijoritarji definiti sew u jmexxu u jikkoordinaw il-ħidma fil-Kummissjoni kollha fl-oqsma ewlenin tal-linji gwida politiċi tal-President[2].

It-Trattat jipprovdi lill-Kummissjoni kważi b'monopolju fuq l-inizjattiva leġiżlattiva (Artikolu 17(2) TUE)[3]. Għalhekk, il-Kummissjoni hija responsabbli għat-tħejjija ta' kważi l-atti leġiżlattivi proposti kollha, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Biex tħejji proposta leġiżlattiva, il-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati u mal-pubbliku, tqis ir-rapporti li jsiru minn esperti u tadotta **Green u White Papers**[4] (għalkemm ma tagħmilx dan sistematikament), eċċ. Barra minn hekk, twettaq valutazzjoni tal-impatt biex tanalizza l-implikazzjonijiet diretti u indiretti ta' miżura proposta[5].

Il-proposta tal-Kummissjoni tiġi adottata mill-Kulleġġ tal-Kummissarji jew abbażi ta' proċedura bil-miktub (l-ebda diskussjoni fost il-Kummissarji) jew ta' proċedura orali (id-dossier jiġi diskuss mill-Kulleġġ tal-Kummissarji).

Il-proposta tiġi ppreżentata simultanjament lill-Parlament u lill-Kunsill, f'liema punt tibda l-proċedura leġiżlattiva ordinarja[6]. Kif spjegat f'aktar dettall fil-Kaxxa Nru 3, il-Kummissjoni tista' tbiddel jew tirtira l-proposta tagħha fi kwalunkwe ħin, iżda taħt ċerti

---

[1] Skont it-Trattati, mill-1 ta' Novembru 2014 'il quddiem il-Kummissjoni għandha tikkonsisti minn numru ta' membri li jkun jikkorrispondi għal żewġ terzi tan-numru ta' Stati Membri, sakemm il-Kunsill Ewropew ma jiddeċidix, b'unanimità, li jbiddel dan in-numru (Artikolu 17(5) TUE). F'Mejju 2013, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li għalissa l-Kummissjoni għandha tibqa' tikkonsisti minn numru ta' membri li jkun ugwali għan-numru ta' Stati Membri.

[2] Ara l-Komunikazzjoni C(2014)9004 dwar il-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2014 - 2019.

[3] Ara l-Kaxxa Nru 5 fil-Kapitolu 3.1 dwar id-Dritt ta' inizjattiva biex tiġi proposta leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

[4] Il-Green Papers huma dokumenti tal-Kummissjoni biex tiġi stimolata d-diskussjoni dwar temi partikulari fil-livell Ewropew. Jistiednu lill-korpi jew lil individwi rilevanti jieħdu sehem fi proċess ta' konsultazzjoni. Il-Green Papers jistgħu jirriżultaw fi żviluppi leġiżlattivi deskritti fil-White Papers. Il-White Papers jinkludu proposti għal azzjoni tal-UE f'qasam speċifiku, xi kultant b'segwitu għal Green Paper. L-għan huwa li jingħata bidu għal dibattitu mal-pubbliku, il-partijiet ikkonċernati, il-Parlament u l-Kunsill sabiex jiġi ffaċilitat kunsens politiku.

[5] Skont il-Komunikazzjoni C(2014)9004 dwar Il-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea 2014-2019, "*L-inizjattivi kollha li x'aktarx ikollhom impatti ekonomiċi, soċjali jew ambjentali diretti sinifikanti għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt u opinjoni pożittiva mill-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt. Dan il-prinċipju japplika wkoll għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni li huwa mistenni li jkollhom impatti sinifikanti.*" Fil-verità, madankollu, fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' dan il-manwal ħafna proposti leġiżlattivi ma kinux akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt (ara r-Rapport tal-Attività tal-Parlament dwar il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja (2014 - 2016).

[6] F'konformità mal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni trid tgħaddi abbozz ta' att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali fl-istess ħin li tgħaddih lill-koleġiżlaturi, li jistgħu joħorġu opinjonijiet motivati dwar il-konformità tal-abbozz ta' att leġiżlattiv mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, fi żmien skadenza ta' tmien ġimgħat. Ara l-Kapitolu 2.4 għal aktar informazzjoni.

kundizzjonijiet, sakemm il-Kunsill ikun għadu ma ħa ebda azzjoni (i.e. qabel ma l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari).

Matul il-proċedura leġiżlattiva, il-Kummissjoni tappoġġa lill-koleġiżlaturi billi tipprovdi l-ispjegazzjonijiet tekniċi u tiżvolġi r-rwol ta' medjatur onest u faċilitatur matul in-negozjati interistituzzjonali.

**Kaxxa Nru 3 – Irtirar**

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat id-dritt tal-Kummissjoni li tirtira l-proposti leġiżlattivi tagħha, taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Fis-sentenza tagħha tal-14 ta' April 2015 (kawża C-409/13) il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat id-dritt tal-Kummissjoni li tirtira l-proposti leġiżlattivi tagħha, u għaldaqstant iċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, skont l-Artikolu 293(2) TFUE.

Il-Qorti fakkret li d-dritt tal-Kummissjoni li tirtira proposta fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura leġiżlattiva sakemm il-Kunsill ikun għadu ma ħa ebda azzjoni (i.e. qabel il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari) oriġina direttament mid-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni. Madankollu, ippreċiżat li dan ma kienx 'dritt ta' veto', u kien neċessarjament limitat mill-prerogattivi tal-istituzzjonijiet l-oħra.

Il-Qorti ddikjarat li rtirar mill-Kummissjoni jrid jiġi ġġustifikat b'mod xieraq lill-koleġiżlaturi u, jekk meħtieġ, appoġġat b'evidenza jew argumenti konvinċenti.

Il-Qorti żiedet tgħid li l-Kummissjoni hija intitolata li tirtira proposta leġiżlattiva jekk emenda ppjanata mill-Parlament u mill-Kunsill tbiddilha b'mod li l-objettivi oriġinali tal-proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu, u għalhekk tispiċċa fix-xejn ir-raison d'être tagħha, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ispirtu ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet.

Il-paragrafu 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ara l-Kapitolu 8) jistipula li l-Kummissjoni jkollha tagħti r-raġunijiet għall-irtirar, u jekk applikabbli, indikazzjoni tal-passi sussegwenti intiżi flimkien ma' skeda ta' żmien preċiża. Ikollha twettaq konsultazzjonijiet interistituzzjonali xierqa u tieħu kont debitu tal-pożizzjonijiet tal-koleġiżlaturi u tirrispondi għalihom.

F'konformità mal-Artikolu 38(4) RtP, il-Kummissarju kompetenti għandu jiġi mistieden mill-kumitat responsabbli jekk il-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni tirtira proposta, sabiex jiddiskutu dik l-intenzjoni (il-Presidenza tal-Kunsill tista' tiġi mistiedna wkoll). Jekk il-kumitat responsabbli ma jaqbilx mal-irtirar maħsub, jista' jitlob lill-Kummissjoni tagħmel stqarrija lill-plenarja.

## 2.4. Atturi istituzzjonali oħra marbuta mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja

**Il-Kunsill Ewropew**: jikkonsisti mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri, flimkien mal-President tiegħu u l-President tal-Kummissjoni. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipparteċipa fil-ħidma tiegħu. Normalment il-Kunsill Ewropew jiltaqa' darbtejn kull sitt xhur, imma jista' jitlaqqa' f'laqgħat straordinarji, meta s-sitwazzjoni tkun tirrikjedi dan. Ħlief meta t-Trattati jistipulaw mod ieħor, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Ewropew jittieħdu b'kunsens u jirriżultaw f'konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. L-Artikolu 15 TUE jistabbilixxi b'mod ċar li l-Kunsill Ewropew m'għandux jeżerċita funzjonijiet leġiżlattivi. Madankollu, il-

konklużjonijiet tiegħu bl-għan li jagħtu spinta lill-iżvilupp tal-Unjoni u li jiddefinixxu d-direzzjonijiet u l-prijoritajiet politiċi ġenerali, ħafna drabi jkollhom impatt fuq fajls taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Fil-passat il-Parlament ilmenta dwar il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li jirrigwardaw il-kontenut speċifiku ta' fajls leġiżlattivi billi tali konklużjonijiet setgħu jċaħħdu lil-leġiżlaturi mil-libertà tagħhom li jilleġiżlaw kif jidhrilhom xieraq.

**Il-Parlamenti Nazzjonali**: L-Artikolu 12 TUE jiddefinixxi r-rwol tal-parlamenti nazzjonali, li huwa li "*jikkontribwixxu attivament għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni*". Bosta dispożizzjonijiet oħra tat-Trattati jagħtu drittijiet speċifiċi lill-parlamenti nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontroll tal-konformità ta' abbozz ta' att leġiżlattiv mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Il-protokolli Nri 1 u 2 annessi mat-Trattati jkomplu jiddeskrivu dan ir-rwol.

F'konformità mal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali u l-Protokoll Nru 2 dwar il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, kull parlament nazzjonali jista', fi żmien skadenza ta' tmien ġimgħat, jagħti **opinjoni motivata** fejn jispjega għaliex jikkunsidra li abbozz ta' att leġiżlattiv[1] ma jkunx konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Biex jirrispetta din l-iskadenza l-kumitat responsabbli fil-Parlament Ewropew ma jistax jipproċedi bil-votazzjoni finali tiegħu qabel tmiem dan il-perjodu ta' tmien ġimgħat[2].

Kull parlament nazzjonali għandu żewġ voti. Fil-każ ta' sistema parlamentari bikamerali, kull kamra jkollha vot wieħed.

Jekk mill-anqas terz tal-parlamenti nazzjonali jkunu tal-opinjoni li l-abbozz ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-abbozz irid jiġi eżaminat mill-ġdid mill-Kummissjoni (jew kwalunkwe istituzzjoni oħra minn fejn tkun oriġinat il-proposta) ('**karta safra**'). Dan il-limitu jonqos għal kwart fil-każ ta' abbozz ta' proposta leġiżlattiva mressaq abbażi tal-Artikolu 76 TFUE (kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali). Wara tali rieżami, l-istituzzjoni awtorizzanti tista' tiddeċiedi li żżommu, temendah jew tirtirah.

Barra minn hekk, jekk maġġoranza tal-parlamenti nazzjonali tikkunsidra li abbozz ta' proposta leġiżlattiva mressaq taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ma jikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, l-abbozz irid jiġi rieżaminat mill-Kummissjoni ('**karta oranġjo**'). Wara tali rieżami, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li żżomm, temenda jew tirtira l-proposta. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li żżomm il-proposta, imbagħad iż-żewġ fergħat tal-leġiżlatur iridu jikkunsidraw qabel jikkonkludu l-ewwel qari jekk il-proposta hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. Jekk il-Parlament, b'maġġoranza sempliċi tal-Membri tiegħu, u l-Kunsill, b'maġġoranza ta' 55% tal-Membri tiegħu, jikkunsidraw li l-proposta ma tikkonformax mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, il-proposta ma tibqax tiġi kkunsidrata.

---

[1] Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 2, abbozz ta' att leġiżlattiv jirreferi għal, "il-proposti mill-Kummissjoni, l-inizjattivi ta' grupp ta' Stati Membri, l-inizjattivi tal-Parlament Ewropew, it-talbiet mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rakkomandazzjonijiet mill-Bank Ċentrali Ewropew jew it-talbiet mill-Bank Ewropew tal-Investiment, għall-adozzjoni ta' att leġiżlattiv".

[2] Ħlief fil-każijiet ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1, ara l-Artikolu 43 RtP.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE; magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali; ibbażata fil-Lussemburgu)**: tinterpreta l-liġi primarja u sekondarja tal-UE u tiddeċiedi dwar il-validità tal-liġi sekondarja. Il-leġiżlazzjoni tal-UE tista' tiġi kkontestata mill-Istati Membri, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni jew individwi, kumpaniji jew organizzazzjonijiet fi żmien xahrejn mill-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, jew fi kwalunkwe mument permezz ta' mistoqsija preliminari minn qorti jew tribunal nazzjonali. Il-Qorti tiżgura wkoll li l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt it-Trattati (proċeduri ta' ksur) u teżamina l-legalità tan-nuqqas tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni Ewropea li jaġixxu.

Il-Parlament jipparteċipa fi proċedimenti quddiem il-Qorti (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali) sabiex jiddefendi l-interessi, id-drittijiet u l-prerogattivi tal-istituzzjoni, b'mod partikolari meta jkun involut att leġiżlattiv adottat mill-Parlament (waħdu jew b'mod konġunt mal-Kunsill). Il-Parlament jista' jikkontesta att leġiżlattiv, pereżempju għaliex ma jkunx ġie adottat korrettament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jew jiddefendi att adottat taħt dik il-proċedura, f'każ li l-validità tiegħu ġiet ikkontestata minn individwi.

F'każijiet speċifiċi previsti fit-Trattati, il-QĠUE tista' titlob proposta għal att leġiżlattiv skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (Artikolu 294(15) TFUE). Il-QĠUE tista' tagħmel dan b'rabta ma' kwistjonijiet bħalma huma l-istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-istabbiliment ta' qrati speċjalizzati annessi mal-Qorti Ġenerali (ara wkoll l-Kaxxa Nru 5 fil-Kapitolu 3.1).

**Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE; ibbażat fi Frankfurt, il-Ġermanja)**: huwa l-bank ċentrali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro, u l-għan ewlieni tiegħu huwa li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro. Fil-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-BĊE issa huwa responsabbli wkoll għas-superviżjoni ta' banek li jinsabu fiż-żona tal-euro jew fi Stati Membri li jieħdu sehem fl-Unjoni Bankarja. F'każijiet speċifiċi previsti fit-Trattati, il-BĊE jista' jirrakkomanda proposta għal att leġiżlattiv skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (Artikolu 294(15) TFUE). Il-BĊE jista' jagħmel dan f'każ ta' leġiżlazzjoni relatata ma' ċerti artikoli tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni (KESE u KtR; it-tnejn ibbażati fi Brussell)**: iridu jiġu kkonsultati mill-Kummissjoni, mill-Parlament u mill-Kunsill meta t-Trattat jipprevedi dan (ġeneralment għal politiki relatati mal-oqsma ta' interess rispettivi tagħhom). Meta l-konsultazzjoni tal-kumitat(i) tkun mandatorja skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament ma jistax jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari qabel ma jkun irċieva l-opinjonijiet tal-kumitati. Il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jistabbilixxu limitu ta' żmien għall-kumitat(i) għat-tressiq tal-opinjoni tiegħu/tagħhom (Artikoli 304 u 307 TFUE). Meta jagħlaq iż-żmien stabbilit, in-nuqqas ta' opinjoni m'għandux jimpedixxi azzjoni ulterjuri. Iż-żewġ kumitati jistgħu, barra minn hekk, jadottaw ukoll opinjonijiet fuq inizjattiva proprja.

Il-KESE huwa korp konsultattiv tal-Unjoni magħmul minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet ta' min iħaddem, tal-impjegati, u ta' partijiet oħra li jirrappreżentaw

is-soċjetà ċivili (partikolarment fl-oqsma soċjoekonomiċi, ċiviċi, professjonali u kulturali; Artikoli 301-304 TFUE). Il-KtR huwa korp konsultattiv tal-Unjoni magħmul minn rappreżentanti reġjonali u lokali (Artikoli 300 u 305 sa 307 TFUE). Barra minn hekk, il-KtR huwa intitolat li jibda proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal annullament ta' att leġiżlattiv għal raġunijiet ta' ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà[1].

[1] Fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' dan il-manwal din il-possibilità għadha ma seħħitx fil-prattika.

# 3. IL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA

Mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, żewġ tipi ta' proċeduri jistgħu jwasslu għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi (i.e. regolamenti, direttivi jew deċiżjonijiet), jiġifieri l-proċedura leġiżlattiva ordinarja (ittrattata f'dan il-Kapitolu) u l-proċedura leġiżlattiva speċjali f'każijiet speċifiċi previsti fit-Trattati (ittrattata fil-Kapitolu 7).

## 3.1. It-tressiq ta' proposta leġiżlattiva

Il-Kummissjoni għandha dritt ta' inizjattiva (ara l-Kaxxa Nru 5 fil-Kapitolu 3.1). Għaldaqstant, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tibda bit-tressiq mill-Kummissjoni ta' proposta għal att leġiżlattiv lill-Parlament u lill-Kunsill. It-tressiq tal-proposta huwa preċedut mill-adozzjoni tagħha, mill-Kulleġġ tal-Kummissarji abbażi ta' proċedura bil-miktub jew orali.

Il-proposta tal-Kummissjoni tintbagħat simultanjament lill-parlamenti nazzjonali u, meta previst mit-Trattat, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni (ara l-Kapitolu 2.4).

| **Kaxxa Nru 4 – Atti leġiżlattivi** | |
|---|---|
| **Atti leġiżlattivi** (Artikolu 288 TFUE) | Adottati bi proċedura leġiżlattiva (proċedura leġiżlattiva ordinarja jew speċjali), Artikolu 289 TFUE. |
| Regolament | Att leġiżlattiv ta' applikazzjoni ġenerali u li jorbot fl-intier tiegħu. Huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. |
| Direttiva | Att leġiżlattiv li jorbot, fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb, għal kull Stat Membru li jkun indirizzat lilu. Madankollu, iħalli f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali l-għażla tal-forma u l-metodi. |
| Deċiżjoni | Att leġiżlattiv li jorbot fl-intier tiegħu għal dawk li jkun indirizzat lilhom (eż. Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew l-Istati Membri kollha jew kumpanija individwali) u huwa applikabbli direttament. |

**Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja pass b'pass (Artikolu 294 TFUE)**



**Kaxxa Nru 5 – Dritt ta' inizjattiva biex tiġi proposta leġiżlazzjoni tal-Unjoni**

Il-Kummissjoni għandha d-'dritt ta' inizjattiva', i.e. il-prerogattiva li tipproponi leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni (Artikolu 17 TUE). Wieħed għandu jinnota, madankollu, li f'każijiet speċifiċi previsti fit-Trattati, proposta għal att leġiżlattiv tista' titressaq ukoll fuq inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri, fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja (Artikolu 294(15) TFUE)[1].

Il-Parlament u l-Kunsill, skont l-Artikoli 225 u 241 TFUE, rispettivament, jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni tressaq proposti xierqa għal atti leġiżlattivi. Din it-talba għal azzjoni leġiżlattiva, madankollu, mhijiex vinkolanti għall-Kummissjoni – il-Kummissjoni tista' tagħżel li ma tressaqx il-proposta leġiżlattiva, iżda trid tagħti raġunijiet għal dan. Fil-paragrafu 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ara l-Kapitolu 8) ġie miftiehem li l-Kummissjoni twieġeb għal tali talbiet fi żmien tliet xhur, filwaqt li tiddikjara s-segwitu li biħsiebha tagħtihom billi tadotta komunikazzjoni speċjali. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tressaqx proposta, hija tipprovdi raġunijiet dettaljati u, meta jkun xieraq, analiżi tal-alternattivi possibbli (ara wkoll l-Artikolu 47 RtP).

Bl-istess mod, inizjattiva taċ-ċittadini tista' tistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti xierqa għall-implimentazzjoni tat-Trattati f'konformità mal-Artikolu 11 TUE[2], i.e. proposti għal leġiżlazzjoni fi kwalunkwe qasam li fih il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tipproponi leġiżlazzjoni. L-inizjattivi taċ-ċittadini jridu jkunu appoġġati minn tal-anqas miljun ċittadin tal-UE li jiġu minn tal-anqas seba' Stati Membri differenti. L-inizjattivi taċ-ċittadini li jiksbu dawn il-miljun firma[3] sussegwentement iridu jgħaddu minn proċedura speċifika li tista' tirriżulta fi proposti konkreti għal leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

## 3.2. L-istadju tal-ewwel qari

Fl-ewwel qari, il-Parlament u l-Kunsill jeżaminaw b'mod parallel il-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, huwa l-Parlament li jrid jagħixxi l-ewwel, billi japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi, billi jemendaha jew jiċħadha. Wara li l-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill jista' jiddeċiedi li japprova dik il-pożizzjoni u, f'dan il-każ, l-att leġiżlattiv jiġi adottat, jew jista' jemenda l-pożizzjoni tal-Parlament u jikkomunika l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari lill-Parlament għat-tieni qari. Il-Parlament u l-Kunsill jistgħu jilħqu ftehim informali fi kwalunkwe punt, li jwassal għal ftehim fl-ewwel qari (jekk jintlaħaq ftehim bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar test ta' kompromess li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni qabel il-votazzjoni tal-

---

[1] Pereżempju: kwart tal-Istati Membri jistgħu jagħtu bidu għal proċedura leġiżlattiva fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali (Artikolu 76 TFUE); l-istatut u l-leġiżlazzjoni komplementari rigward l-istatut tas-sistema Ewropea ta' banek ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew jistgħu jiġu emendati permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew (Artikolu 40 tal-Protokoll 4); qrati speċjalizzati marbuta mal-Qorti Ġenerali jistgħu jiġu stabbiliti permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja (Artikolu 257(1) TFUE).

[2] Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini, *ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.*

[3] L-inizjattivi taċ-ċittadini li rnexxielhom jilħqu n-numru meħtieġ ta' firem fil-mument tal-pubblikazzjoni ta' dan il-manwal huma: 1. 'Ban glyphosate and protect people and the environment from toxic pesticides'. 2. 'Stop vivisection', 3. 'One of Us' (dwar 'protezzjoni ġudizzjarja tad-dinjità, tad-dritt għall-ħajja u tal-integrità ta' kull bniedem mill-kunċizzjoni fl-oqsma ta' kompetenza tal-UE li fihom tali protezzjoni hija ta' importanza partikolari') u 4. 'Water and sanitation are a human right! Water is a public good, not a commodity!'. Għal aktar informazzjoni, ara l-website: https://ec.europa.eu/citizens-initiative/public/welcome?lg=mt

Parlament fl-ewwel qari) jew għal ftehim kmieni fit-tieni qari (jekk jintlaħaq ftehim dwar tali test ta' kompromess qabel il-votazzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari).

Matul l-istadju kollu tal-ewwel qari, la l-Parlament u lanqas il-Kunsill mhuma soġġetti għal xi limitu ta' żmien sa meta jridu jikkonkludu l-ewwel qari tagħhom.

### 3.2.1. L-ewwel qari tal-Parlament

#### L-istadju tal-kumitat

Fil-Parlament il-proposta tiġi riferuta mill-President lill-kumitat responsabbli biex jeżaminaha[1]. L-eżami ta' proposta tal-Kummissjoni matul l-istadju tal-kumitat jista' jinvolvi wkoll lil diversi kumitati, skont il-proċedura tal-kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni (Artikolu 56 RtP), il-proċedura ta' kumitati assoċjati (Artikolu 57 RtP) jew il-proċedura b'kumitat konġunt (Artikolu 58 RtP). Jekk jinqala' kunflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew aktar, din il-kwistjoni ta' kompetenza trid titressaq quddiem il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati fi żmien erba' ġimgħat mit-tħabbir fil-plenarja. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati mbagħad tressaq rakkomandazzjoni lill-Konferenza tal-Presidenti. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti ma tiħux deċiżjoni dwar dik ir-rakkomandazzjoni fi żmien sitt ġimgħat wara li tkun irċevietha, din titqies li ġiet approvata (Artikolu 211 RtP).

| **Kaxxa Nru 6 – L-involviment ta' diversi kumitati matul il-proċedura leġiżlattiva ordinarja** | |
|---|---|
| Kumitat responsabbli (magħruf ukoll bħala 'kumitat ewlieni') | Il-kumitat inkarigat mill-ħidma preparatorja għall-plenarja billi jfassal rapport leġiżlattiv (ara wkoll ir-rwol tal-kumitati fid-deċiżjoni dwar il-bidu ta' negozjati, Kapitolu 4.3). |
| Kumitat li jintalab jagħti opinjoni (Artikolu 56 RtP)[2] | Jekk il-kumitat responsabbli jrid l-opinjoni ta' kumitat ieħor jew jekk kumitat ieħor fuq inizjattiva proprja jrid jagħti l-opinjoni tiegħu lill-kumitat responsabbli, huma jistgħu jitolbu lill-**President** għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 210(2). Jista' jaħtar **rapporteur għal opinjoni**. |

[1] Il-proposti jiġu attribwiti abbażi tal-kompetenzi rispettivi tal-kumitati, li huma stabbiliti fl-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. F'każ ta' dubju, il-President jista', qabel jitħabbar fil-Parlament li dawn id-dokumenti ġew riferuti lill-kumitat responsabbli, iressaq mistoqsija li tikkonċerna l-kompetenza lill-Konferenza tal-Presidenti, li tadotta d-deċiżjoni tagħha abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati (Artikolu 48 RtP). Dan ġie applikat preċedentement f'ċerti proċeduri ta' approvazzjoni, fejn r-riferiment formali tal-Kunsill wasal xi ftit taż-żmien mhux ħażin wara l-proposta tal-Kummissjoni (pereżempju l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna).

[2] Il-kumitati kultant jużaw ukoll il-**proċedura informali tal-Artikolu 56+**, li tinvolvi arranġament informali bejn il-kumitati u li hija approvata mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Skont arranġament bħal dan, il-kumitat responsabbli jaqbel dwar wieħed jew aktar mill-elementi li ġejjin ta' kooperazzjoni ma' kumitat li jintalab jagħti opinjoni:

- stedina sistematika tar-rapporteur għal opinjoni għall-iskambji ta' fehmiet, il-workshops u s-seduti ta' smigħ kollha fil-kumitat responsabbli;
- stedina tar-rapporteur għal opinjoni għal laqgħat max-shadow rapporteurs tal-kumitat responsabbli;
- parteċipazzjoni tar-rapporteur għal opinjoni fit-trilogi;
- laqgħat bilaterali bejn ir-rapporteur tal-kumitat ewlieni u r-rapporteur għal opinjoni rigward l-interessi u l-preokkupazzjonijiet speċifiċi tagħhom.

| | |
|---|---|
| | Jista', sal-iskadenza stabbilita mill-kumitat responsabbli, jagħti l-opinjoni tiegħu lil dak il-kumitat, li tikkonsisti f'emendi għall-proposta tal-Kummissjoni, rigward dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu.<br><br>Inkella, il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni jista' jiddeċiedi li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu fil-forma ta' emendi li għandhom jitressqu direttament fil-kumitat responsabbli mill-president jew mir-rapporteur, f'isem il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni.<br><br>**Ma jistax iressaq emendi** fil-plenarja. |
| Kumitat assoċjat<br>(Artikolu 57 RtP) | Meta l-**Konferenza tal-Presidenti**, abbażi ta' proposta **mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew tal-President tagħha**, tikkunsidra li kwistjoni partikolari taqa' kważi ugwalment fil-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, jew li partijiet differenti tal-kwistjoni jaqgħu fil-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, dawk il-kumitati għandhom jiġu 'assoċjati'.<br><br>Huwa jikkoopera mal-kumitat responsabbli skont regoli speċifiċi, bħal skeda ta' żmien konġunta u kooperazzjoni bejn ir-rapporteurs.<br><br>Il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni emendi minn kumitat assoċjat jekk jikkonċernaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-**kompetenza esklużiva** ta' dak il-kumitat.<br><br>**Jista' jressaq emendi f'kompetenza kondiviża** direttament fil-plenarja jekk ma jiġux adottati fil-kumitat responsabbli. |
| Kumitat konġunt<br><br>(Artikolu 58 RtP) | Meta l-kwistjoni taqa' b'mod inseparabbli taħt il-kompetenzi ta' diversi kumitati u tkun ta' importanza kbira, il-**Konferenza tal-Presidenti**, abbażi ta' proposta **mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew il-President tagħha**, tista' tiddeċiedi li dawn il-kumitati jaħdmu bħala kumitati konġunti.<br><br>Dan ifisser laqgħat tal-kumitati konġunti u votazzjoni konġunta dwar abbozz ta' rapport wieħed. Il-kumitati huma responsabbli b'mod konġunt għan-negozjati interistituzzjonali[1]. |

Il-kumitat responsabbli jaħtar ir-rapporteur li l-kompitu ewlieni tiegħu huwa li jmexxi l-proposta matul id-diversi stadji tal-proċedura inklużi n-negozjati mal-Kunsill u mal-Kummissjoni, jekk ikun xieraq. Il-Kumitat responsabbli jista' fil-fatt jiddeċiedi wkoll li jaħtar rapporteur biex isegwi l-fażi preparatorja qabel ma l-Kummissjoni tadotta l-

[1] Eżempju importanti huwa l-proposta għal regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD; 2016/0281(COD)), li għaliha kien deċiż, minħabba n-natura trasversali u l-importanza tal-kwistjoni koperta mill-proposta, li l-Kumitati għall-Iżvilupp, għall-Affarijiet Barranin u għall-Baġit għandhom jaħdmu skont l-Artikolu 58, b'mod ugwali. Din hija l-ewwel darba li tliet rapporteurs fasslu b'mod konġunt abbozz ta' rapport wieħed, li tliet kumitati vvutaw b'mod konġunt, taħt il-presidenza konġunta tal-presidenti tal-kumitati tagħhom u nnegozjaw b'mod konġunt mal-istituzzjonijiet l-oħra.

proposta tagħha, b'mod partikolari meta l-proposta tkun elenkata fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni (Artikolu 48 RtP).

Matul il-fażi tan-negozjati interistituzzjonali, ir-rapporteur u x-shadow rapporteurs jiġu assistiti minn tim tal-proġett ikkoordinat mis-segretarjat tal-kumitat responsabbli, u li tal-anqas jinkludi l-unità LEGI, is-servizz legali, id-direttorat għall-atti leġiżlattivi, l-uffiċċju stampa tal-PE, u servizzi rilevanti oħra li għandhom jiġu deċiżi fuq bażi ta' każ b'każ (ara l-Kodiċi ta' Kondotta għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja; Anness III). Barra minn hekk, ir-rapporteur u x-shadow rapporteurs jiġu assistiti mill-assistenti parlamentari tagħhom u mill-persunal tal-gruppi politiċi li huma jagħmlu parti minnhom.

Ir-rapporteur huwa responsabbli għat-tħejjija tal-'**abbozz ta' rapport**' tal-kumitat u, għaldaqstant, ikun l-ewwel Membru li jipproponi emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. F'xi każijiet, ir-rapporteur jagħżel li l-ewwel jippreżenta dokument ta' ħidma biex jinbdew id-diskussjonijiet ma' Membri u partijiet ikkonċernati oħra sabiex jitħejja l-abbozz ta' rapport.

Il-gruppi politiċi l-oħra jistgħu jaħtru 'shadow rapporteurs' biex jirrappreżentaw il-pożizzjoni tagħhom rigward il-proposta. Wara l-preżentazzjoni mir-Rapporteur tal-abbozz ta' rapport f'laqgħa tal-kumitat, jistgħu jitressqu emendi minn kwalunkwe Membru tal-Parlament sakemm l-emenda tkun kofirmata minn tal-anqas Membru wieħed sħiħ jew sostitut tal-kumitat responsabbli (Artikolu 218 RtP). **Skadenza għat-tressiq tal-emendi** tiġi stabbilita mill-President tal-Kumitat (fuq proposta mir-rapporteur). Wara dik l-iskadenza, emendi jistgħu jitressqu biss jekk ikunu emendi ta' kompromess jew jekk ikun hemm problemi tekniċi (Artikolu 181 RtP). **Emendi orali** huma possibbli waqt il-votazzjoni, sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni minn ċertu numru ta' Membri[1].

Matul l-istadju tal-kumitati, jista' jiġi deċiż li jiġu organizzati seduti ta' smigħ jew li jiġu kkummissjonati studji jew **valutazzjonijiet tal-impatt** minbarra l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni (anke dwar emendi sostanzjali).

L-abbozz ta' rapport u l-emendi sussegwentement jiġu diskussi fil-kumitat, waqt laqgħa waħda jew diversi laqgħat tal-kumitat. Spiss jiġri li, qabel ma l-kumitat jipproċedi bil-votazzjoni, iseħħu diskussjonijiet informali bejn ir-rapporteur u x-shadow rapporteurs, fi sforz biex il-pożizzjonijiet tal-gruppi politiċi differenti jiġu kemm jista' jkun rikonċiljati. Dawn id-diskussjonijiet sikwit isiru waqt l-hekk imsejħa '**laqgħat max-shadow rapporteurs**'. Ir-riżultat ta' tali diskussjonijiet informali jista' jkun il-preżentazzjoni ta' '**emendi ta' kompromess**' li sussegwentement jitqiegħdu għall-votazzjoni u jkollhom l-għan li jiġbru flimkien ċertu numru ta' emendi jew iservu ta' alternattiva għal emendi konfliġġenti.

[1] In-numru ta' Membri meħtieġa fi ħdan il-kumitat ikkonċernat huwa determinat proporzjonalment għal dak applikabbli fil-plenarja, aġġustat jekk ikun meħtieġ; ara l-Artikolu 180 RtP, li jistabbilixxi li fil-plenarja jinħtieġu tal-anqas 40 Membru.

Il-kumitat responsabbli jadotta r-rapport tiegħu, li jieħu l-forma ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni, permezz ta' **maġġoranza sempliċi**. Il-votazzjoni finali dwar rapport jew opinjoni għandha ssir permezz ta' **votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet** (Artikolu 218 RtP). Il-Kummissjoni normalment tkun preżenti waqt id-dibattiti tal-kumitat u tista' tiġi mistiedna tesprimi l-pożizzjoni tagħha dwar l-emendi proposti. Anke l-Presidenza tal-Kunsill tista' tkun preżenti u tiġi mistiedna tikkummenta.

Abbażi tar-rapport tiegħu, il-kumitat jista' jiddeċiedi li jidħol f'**negozjati** informali mal-istituzzjonijiet l-oħra qabel l-ewwel qari tal-Parlament. Tali deċiżjoni tirrikjedi **maġġoranza kwalifikata** tal-membri tal-kumitat u approvazzjoni mill-plenarja (ara l-Artikolu 71 RtP u l-Kapitolu 4.3.1). Kwalunkwe ftehim milħuq bejn il-koleġiżlaturi b'riżultat ta' dawk in-negozjati jitqies bħala provviżorju u jrid jitressaq lill-kumitat għall-eżami u l-approvazzjoni tiegħu qabel ma jkun jista' jiġi ppreżentat fil-plenarja.






Votazzjoni fil-kumitat: turija tal-idejn u lista tal-votazzjoni © Parlament Ewropew (2017)






Votazzjoni fil-kumitat: votazzjoni elettronika © Parlament Ewropew (2017)

**Kaxxa Nru 7 – Passi possibbli fl-ewwel qari matul l-istadju tal-kumitat**

- Tħabbira fil-plenarja li fajl leġiżlattiv ġie riferut lill-kumitat responsabbli
- Deċiżjoni tal-koordinaturi dwar liema grupp politiku jista' jaħtar ir-rapporteur
- Il-gruppi politiċi jaħtru r-rapporteur jew ix-shadow rapporteurs tagħhom
- Skambju ta' fehmiet mingħajr l-abbozz ta' rapport (xi kultant abbażi ta' dokument ta' ħidma)
- Studji, seduti ta' smigħ jew workshops (fakultattivi)
- Eżami tal-abbozz ta' rapport
- Skadenza għat-tressiq tal-emendi
- Eżami tal-emendi
- Tentattivi biex jintlaħaq ftehim dwar emendi ta' kompromess (laqgħat bejn ir-rapporteur u x-shadow rapporteurs) u possibilment eżami fil-kumitat
- Votazzjoni fil-kumitat
- Deċiżjoni dwar jekk għandhomx jinbdew negozjati interistituzzjonali
- Jekk isiru negozjati: rendikont mill-President u mir-Rapporteur wara kull trilogu
- Votazzjoni dwar il-ftehim provviżorju (wara negozjati interistituzzjonali)

## L-istadju tal-plenarja

Meta l-kumitat responsabbli jkun adotta r-rapport tiegħu fil-forma ta' emendi għall-proposta tal-Kummissjoni, ir-rapport jitressaq għal votazzjoni fil-plenarja (Artikolu 59 RtP). Jekk in-negozjati fl-ewwel qari jkunu wasslu għal ftehim provviżorju li jkun ġie approvat mill-kumitat responsabbli, dan jitressaq għal eżami fil-plenarja fil-forma ta' test konsolidat (Artikolu 74 RtP).

Li jiġri l-aktar hu li, qabel il-votazzjoni dwar fajls leġiżlattivi importanti fil-plenarja, issir diskussjoni fil-plenarja. F'tali dibattitu, u qabel il-votazzjoni, il-President tal-Parlament jista' jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jindikaw il-pożizzjoni tagħhom dwar l-emendi proposti. Emendi addizzjonali jistgħu jitressqu fl-istadju tal-plenarja, iżda biss mill-kumitat responsabbli, minn grupp politiku jew minn grupp ta' Membri individwali li jirrappreżenta tal-anqas wieħed minn kull għoxrin tal-Membri komponenti tal-Parlament (limitu baxx; i.e. tal-anqas 38 Membru).

Il-Parlament, li jaġixxi b'**maġġoranza sempliċi** (i.e. maġġoranza tal-Membri li jivvutaw), imbagħad jadotta l-ewwel qari tiegħu tal-proposta tal-Kummissjoni: jista' jiċħad il-proposta kollha kemm hi[1], japprovaha mingħajr emendi jew, fil-biċċa l-kbira,

[1]It-Trattat ma jipprevedix espliċitament il-possibilità li l-Parlament jiċħad il-proposta fl-istadju tal-ewwel qari, kif jagħmel fit-tieni qari (Artikolu 294(7)(b) TFUE). Il-Parlament ikkunsidra li ċ-ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni fl-ewwel qari hija possibbli. Il-Parlament b'dan il-mod ċaħad proposti fl-ewwel qari (pereżempju, il-proposta dwar l-istatistika Ewropea rigward is-sikurezza mill-kriminalità 2011/0146(COD) u l-proposta dwar il-possibilità għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' ikel u għalf ġenetikament modifikat fit-territorju tagħhom (2015/0093(COD)). Madankollu, iċ-ċaħda ta' proposta tal-Kummissjoni għadha pjuttost eċċezzjonali.

jadotta emendi għall-proposta. L-Artikolu 59 RtP jistabbilixxi l-ordni tal-votazzjonijiet fil-plenarja.

Inkella, il-President, ir-Rapporteur jew grupp politiku jew tal-anqas 38 Membru (il-limitu baxx) jistgħu jitolbu wara l-adozzjoni tal-att leġiżlattiv kollu kif emendat, deċiżjoni dwar ir-riferiment tal-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli, għal negozjati interistituzzjonali (Artikolu 59.4 RtP).

Jekk il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tirrifletti ftehim provviżorju li jkun intlaħaq waqt negozjati interistituzzjonali, il-pożizzjoni fl-ewwel qari sussegwentement tingħadda lill-Kunsill, li jadottaha mingħajr emendi bħala l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Il-proċedura leġiżlattiva għaldaqstant tiġi konkluża f'dan l-istadju.

| **Kaxxa Nru 8 – Maġġoranzi użati għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja** | |
|---|---|
| **Fil-Parlament** | |
| Maġġoranza sempliċi: | Maġġoranza tal-voti mitfugħa |
| Maġġoranza kwalifikata: | Maġġoranza tal-Membri komponenti (għal votazzjoni fil-plenarja, 376 mis-751 vot) |
| **Fil-Kunsill** | |
| Maġġoranza sempliċi: | Maġġoranza tal-Istati Membri tiegħu (15-il Stat Membru favur) |
| Maġġoranza kwalifikata: | 55% tal-Istati Membri favur (i.e. 16-il Stat Membru) li jkunu jirrappreżentaw mill-inqas 65% tal-popolazzjoni tal-UE[1] |
| Unanimità: | L-Istati Membri kollha li jivvutaw ikunu favur (astensjoni ma timpedix l-adozzjoni b'unanimità) |

[1] Din ir-regola ta' 'maġġoranza doppja' tapplika mill-1 ta' Novembru 2014 'il quddiem. Sa dakinhar maġġoranza kwalifikata tikkorrispondi għal 255 vot favur (minn total ta' 352), mitfugħa minn tal-anqas 15-il Stat Membru. Stat Membru jista' jinvoka kriterju addizzjonali ta' 62% tal-popolazzjoni li l-Istati Membri favur huma meħtieġa jirrappreżentaw.



Sessjoni plenarja fi Strasburgu © Parlament Ewropew (2017)

| **Kaxxa Nru 9 – Passi possibbli fl-ewwel qari matul l-istadju tal-plenarja** | |
|---|---|
| **Mingħajr deċiżjoni tal-kumitat li jinbdew negozjati** | **B'deċiżjoni tal-kumitat li jinbdew negozjati** |
| • Tressiq tar-rapport tal-kumitat<br>• Skadenza għat-tressiq tal-emendi<br>• Dibattitu (Konferenza tal-Presidenti / Plenarja tista' madankollu tagħżel li ma jsirx dibattitu)<br>• Votazzjoni dwar:<br>  ○ iċ-ċaħda tal-abbozz ta' att leġiżlattiv<br>  ○ l-emendi għall-abbozz ta' att leġiżlattiv<br>  ○ l-abbozz ta' att leġiżlattiv kollu kif emendat jew mod ieħor<br>• Possibilment riferiment lura lill-kumitat biex jinbdew negozjati (jew eżami mill-ġdid f'każ li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ġie miċħud) | • Tressiq tar-rapport tal-kumitat (mandat)<br>• Tħabbir tad-deċiżjoni tal-kumitat li jinbdew negozjati fil-plenarja<br>• Possibilment, talba (minn limitu medju, 1/10 tal-Membri tal-PE magħmula minn grupp politiku wieħed jew aktar u/jew minn Membri tal-PE individwali, i.e.76 Membru) għal votazzjoni dwar deċiżjoni tal-kumitat biex jinbdew negozjati u, fil-każ ta' tali talba, votazzjoni unika matul l-istess sessjoni jew, fil-każ ta' plenarji qosra, fis-sessjoni li jmiss<br>• Jekk ma jkun hemm ebda talba jew ċaħda tad-deċiżjoni, jistgħu jibdew in-negozjati interistituzzjonali<br>• Jekk id-deċiżjoni tiġi miċħuda, il-votazzjoni dwar il-fajl fil-prinċipju ssir fis-sessjoni parzjali li jmiss<br>• Skadenza għat-tressiq tal-emendi<br>• Dibattitu (Konferenza tal-Presidenti / Plenarja tista' madankollu tagħżel li ma jsirx dibattitu)<br>• Votazzjoni dwar:<br>  ○ iċ-ċaħda tal-abbozz ta' att leġiżlattiv<br>  ○ l-emendi għall-abbozz ta' att leġiżlattiv<br>  ○ l-abbozz ta' att leġiżlattiv kollu kif emendat jew mod ieħor<br>• Possibilment riferiment lura lill-kumitat biex jinbdew negozjati abbażi tal-mandat tal-plenarja (jew eżami mill-ġdid f'każ li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ġie miċħud) |

### 3.2.2. L-ewwel qari tal-Kunsill

Kif jagħmel il-Parlament, wara li jirċievi proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill jibda l-ħidmiet preparatorji tiegħu. Iż-żewġ istituzzjonijiet jistgħu jaħdmu simultanjament, iżda l-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill ma tistax tiġi adottata qabel ma l-Parlament ikun ittrażmetta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Xi drabi l-Kunsill jista' jadotta ftehim

politiku, fl-istennija tal-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament, magħruf ukoll bħala '**Approċċ Ġenerali**'.

Kif spjegat fil-Kapitolu 2.2, il-proposta tgħaddi minn tliet livelli fil-Kunsill:

- Grupp ta' ħidma;
- Coreper;
- Kunsill.

Il-proposta tintbagħat lill-grupp ta' ħidma rilevanti biex tiġi diskussa. L-eżami tal-proposta fil-**grupp ta' ħidma** rilevanti jista' jikkoinċidi fir-rigward taż-żmien mal-eżami tal-istess proposta mill-kumitat responsabbli fil-Parlament. Meta d-diskussjonijiet ikunu maturi biżżejjed fil-grupp ta' ħidma u, skont is-sensittività jew l-importanza tal-fajl ikkonċernat, id-diskussjonijiet jistgħu jibdew jew ikomplu fil-livell tal-Coreper jew aktar rarament fil-livell tal-Kunsill.

Il-biċċa l-kbira tal-proposti jiġu inklużi fl-aġenda tal-**Coreper** diversi drabi, biex tinstab soluzzjoni għad-differenzi li l-grupp ta' ħidma ma jkunx għeleb. Il-Coreper jista' jiddeċiedi li jerġa' jirreferi l-proposta lura lill-grupp ta' ħidma, possibilment b'suġġerimenti għal kompromess u jista' jgħaddi l-kwistjoni lill-Kunsill. Fl-ewwel qari l-Coreper jista' jadotta wkoll mandat ta' negozjar fil-perspettiva tan-negozjati interistituzzjonali li jmiss, għalkemm dejjem aktar l-**Approċċ Ġenerali** kif adottat mill-Kunsill jiffunzjona bħala l-mandat tal-Kunsill.

Formalment, votazzjonijiet isiru biss fil-livell tal-**Kunsill**. Fil-livell tal-grupp ta' ħidma jew tal-Coreper, il-Presidenza tal-Kunsill tipprova tikseb l-usa' ftehim possibbli dwar il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet indikati mill-Istati Membri, filwaqt li dejjem tivvaluta jekk il-kompromessi jkollhomx il-maġġoranza meħtieġa fil-Kunsill. L-għan huwa li jifdal ftit kwistjonijiet politiċi pendenti jew l-ebda waħda fil-laqgħa tal-Kunsill, wara li l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet politiċi u tekniċi jkunu ssolvew fil-livell tal-Coreper u tal-grupp ta' ħidma. Il-Presidenza tal-Kunsill tista' wkoll tagħżel li jkollha diskussjonijiet fil-Coreper jew fil-Kunsill abbażi ta' **rapporti ta' progress**, li jiddeskrivu l-progress li sar u l-kwistjonijiet pendenti ewlenin.

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jirreferi l-proposti lura lill-Coreper jew lill-grupp ta' ħidma u jista' jagħti gwida jew jissuġġerixxi kompromessi. Jekk il-Coreper ikun irnexxielu jiffinalizza diskussjonijiet dwar proposta, din issir punt 'A' fl-aġenda tal-Kunsill, li jfisser li jkun mistenni li jintlaħaq ftehim mingħajr dibattitu. Madankollu, id-diskussjoni dwar dawn il-punti tista' terġa' tinfetaħ jekk Stat Membru wieħed jew aktar jitolbu dan. Kwalunkwe waħda mill-konfigurazzjonijiet tiegħu tista' tadotta att tal-Kunsill li jaqa' taħt il-kompetenza ta' konfigurazzjoni oħra.

Jekk il-Kunsill, li jaġixxi b'**maġġoranza kwalifikata**, jew b'**unanimità** jekk il-Kummissjoni topponi, japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari (i.e. japprova l-emendi kollha tal-Parlament, bħal, pereżempju, f'każ ta' ftehim fl-ewwel qari) l-att ikkonċernat jiġi adottat bid-diċitura li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament. Jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jaċċetta kompletament l-eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament, huwa jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari (preċedentement magħrufa

bħala l-'pożizzjoni komuni' tal-Kunsill) u jikkomunikaha lill-Parlament sabiex ikun jista' jibda t-tieni qari[1]. Il-Kummissjoni tinforma bis-sħiħ lill-Parlament dwar il-pożizzjoni tagħha.

Jekk il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari mingħajr ftehim mal-Kunsill, huwa possibbli wkoll li jintlaħaq ftehim qabel it-tieni qari tal-Parlament: huwa l-hekk imsejjaħ '**ftehim kmieni fit-tieni qari**' (Artikolu 72 RtP, din il-proċedura hija spjegata f'aktar dettall fil-Kapitolu 4.3).



Laqgħa fil-Kunsill © Unjoni Ewropea

## 3.3. L-istadju tat-tieni qari

Ladarba l-Parlament jirċievi formalment il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari[2], tibda l-fażi tat-tieni qari. Fit-tieni qari, iż-żewġ koleġiżlaturi huma marbutin b'limiti ta' żmien stretti stabbiliti fit-Trattat: kull wieħed mill-koleġiżlaturi għandu tliet xhur li jistgħu jiġu

[1] Filwaqt li dan mhuwiex stabbilit b'mod espliċitu fit-Trattat, hija ħaġa ġeneralment aċċettata li, jekk jaġixxi permezz ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kunsill jista' jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni kollha kemm hi. Madankollu, fil-prattika il-Kunsill normalment ma jiċħadx il-proposti tal-Kummissjoni formalment. Minflok, u b'differenza għall-Parlament, jiddeċiedi biss li la jibda u lanqas ikompli x-xogħol fuq proposta partikolari tal-Kummissjoni, biex fil-prattika tiġi imblukkata.

[2] Kif stabbilit fil-paragrafu 20 tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni (ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5) il-Kunsill normalment jikkonsulta lill-Parlament dwar il-mument tat-trażmissjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi żgurata effiċjenza massima. Huwa importanti li jiġi żgurat l-użu sħiħ tat-tliet jew tal-erba' xhur disponibbli u li jitqiesu, pereżempju, il-perjodi ta' vaganza.

estiżi b'xahar li għall-Parlament jibdew jiddekorru mit-tħabbir tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fil-plenarja[1]. Fit-tieni qari, il-Parlament jista' japprova, jiċħad jew jemenda l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari[2].

### 3.3.1. It-tieni qari tal-Parlament

**L-istadju tal-kumitat**

Ir-Rapporteur (normalment l-istess Membru li jkun fassal ir-rapport għall-ewwel qari) ifassal abbozz ta' rakkomandazzjoni li għandu jitressaq mill-kumitat responsabbli (l-istess kumitat li kien responsabbli fl-ewwel qari) lill-plenarja, li jipproponi l-approvazzjoni, l-emenda jew iċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.

L-abbozz ta' rakkomandazzjoni jinkludi l-emendi proposti mir-Rapporteur. Membri sħaħ jew sostituti biss tal-kumitat responsabbli jistgħu jressqu proposti għal ċaħda u emendi addizzjonali. Madankollu, fit-tieni qari, japplikaw ċerti restrizzjonijiet ulterjuri għall-ammissibilità tal-emendi. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 68(2) RtP, l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill huma ammissibbli biss jekk ikollhom l-għan li:

- ireġġgħu lura kompletament jew parzjalment il-pożizzjoni adottata mill-Parlament fl-ewwel qari, jew
- jintlaħaq kompromess bejn il-Parlament u l-Kunsill, jew
- jemendaw parti mit-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li ma kinitx inkluża fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni jew li kienet differenti minnha fil-kontenut, jew
- iqisu fatt ġdid jew sitwazzjoni legali ġdida li jkunu żviluppaw mill-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.

Il-President tal-kumitat responsabbli u l-President tal-Parlament jiddeċiedu dwar l-ammissibilità tal-emendi fl-istadji tal-kumitat u tal-plenarja rispettivament: Id-deċiżjoni tagħhom hija finali (Artikolu 68 RtP). Jekk ikunu saru elezzjonijiet ġodda wara l-ewwel qari, u l-Parlament ma jkunx talab lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta tagħha lill-Parlament[3], jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx dawn ir-restrizzjonijiet dwar l-ammissibilità.

Fit-tieni qari m'hemm l-ebda rwol għal kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni. Madankollu, kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 RtP huma involuti fil-proċess tan-negozjati[4].

Hekk kif jiġri fl-ewwel qari, l-abbozz ta' rakkomandazzjoni u l-emendi addizzjonali jistgħu jsiru s-suġġett ta' diskussjonijiet informali fost ir-rapporteur u x-shadow rapporteurs b'mod li l-pożizzjonijiet jiġu kemm jista' jkun rikonċiljati u jistgħu jwasslu għal emendi ta' kompromess li sussegwentement jitqiegħdu għall-votazzjoni.

---

[1] Skont l-Artikolu 294(14), l-iskadenza ta' tliet xhur, kif previst fil-paragrafu 7, tista' tiġi estiża b'massimu ta' xahar. B'mod ġenerali, il-Parlament juża din l-estensjoni possibbli, peress li tliet xhur normalment ikunu perjodu qasir wisq.
[2] Jekk il-Parlament ma jieħu ebda deċiżjoni sa l-iskadenza, l-att jitqies li jkun ġie adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. Madankollu, dan qatt ma seħħ fil-prattika.
[3] L-Artikolu 68(2) RtP flimkien mal-Artikolu 61 RtP.
[4] Ara l-interpretazzjoni tal-Artikolu 57 RtP mill-Kumitat AFCO: "Deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti li tiġi applikata l-proċedura b'kumitati assoċjati tapplika fl-istadji kollha tal-proċedura inkwistjoni."

Fit-tieni qari, il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jidħol f'negozjati mal-Kunsill fi kwalunkwe żmien wara li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tkun ġiet ittrasferita lilhom, bil-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament bħala l-mandat tiegħu. Meta l-pożizzjoni tal-Kunsill ikun fiha elementi mhux koperti mill-proposta tal-Kummissjoni jew mill-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament, il-kumitat jista' jadotta linji gwida għat-tim tan-negozjati (ara l-Artikolu 73 RtP u l-Kapitolu 4.3.1).

Il-kumitat responsabbli jiddeċiedi permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-Membri tiegħu (i.e. maġġoranza tal-voti mitfugħa). Wara l-votazzjoni fil-kumitat responsabbli, ir-rakkomandazzjoni titressaq għal votazzjoni fil-plenarja.

**L-istadju tal-plenarja**

Ir-rakkomandazzjoni għat-tieni qari, kif adottata fil-kumitat, u fil-każ ta' ftehim fit-tieni qari, it-test tal-ftehim provviżorju, titressaq għal votazzjoni fil-plenarja. Fl-istadju tal-plenarja jistgħu jitqiegħdu fuq il-mejda emendi addizzjonali, imma biss mill-kumitat responsabbli, minn grupp politiku jew minn tal-anqas 38 Membru (il-limitu baxx).

Qabel il-votazzjoni fil-plenarja, il-President tal-Parlament jista' jitlob lill-Kummissjoni tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill jagħmel il-kummenti tiegħu.

Il-Parlament jista' japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi (jew b'riżultat ta' ftehim kmieni fit-tieni qari jew għax l-emendi proposti ma jkunux ġew adottati fil-plenarja). Jekk l-ebda emenda jew proposta għal ċaħda ma titressaq jew tiġi adottata mill-maġġoranza tal-Membri kostitwenti tal-Parlament (i.e. mill-inqas 376 vot favur minn total possibbli ta' 751), il-President sempliċement iħabbar li l-att propost finalment ġie adottat. F'każijiet bħal dawn ma ssirx votazzjoni formali.

Jekk il-Parlament japprova jew jiċħad il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, il-proċedura leġiżlattiva tingħalaq. Fil-każ ta' ċaħda, tista' titnieda mill-ġdid biss bi proposta ġdida mill-Kummissjoni.

### 3.3.2. It-tieni qari tal-Kunsill

Ladarba l-Parlament ikun ikkonkluda t-tieni qari tiegħu u jkun irrefera l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, dan tal-aħħar ikollu tliet xhur oħra (jew erba' xhur, jekk tintalab estensjoni, ara l-bidu tal-paragrafu 3.3) biex jikkonkludi t-tieni qari tiegħu.

Fit-tieni qari, il-Kunsill jista' japprova l-emendi tal-Parlament b'maġġoranza kwalifikata, jew b'unanimità jekk il-Kummissjoni topponi emenda tal-Parlament. F'dan il-każ, l-att jiġi adottat.

Jekk il-Kunsill ma jaċċettax l-emendi kollha tal-Parlament, jitlaqqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, f'konformità mat-Trattat.

## 3.4. L-istadju tal-konċiljazzjoni u tat-tielet qari

Il-konċiljazzjoni tikkonsisti f'negozjati bejn il-Parlament u l-Kunsill fil-qafas tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, bl-għan li jintlaħaq ftehim fil-forma ta' 'test konġunt' (ara wkoll il-Kapitolu 5 għal deskrizzjoni aktar dettaljata).

Il-**Kumitat ta' Konċiljazzjoni** jikkonsisti minn żewġ delegazzjonijiet:

- id-delegazzjoni tal-Kunsill, li tinkludi rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru (Ministri jew ir-rappreżentanti tagħhom), u
- id-delegazzjoni tal-Parlament, li tinkludi numru ugwali ta' Membri u ppreseduta minn wieħed mit-**tliet Viċi Presidenti responsabbli għall-konċiljazzjoni**.

Għalhekk, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni bħalissa jikkonsisti minn 56 (28+28) membru. Il-Kummissjoni hija rappreżentata mill-Kummissarju responsabbli għall-fajl, li jkollu l-kompitu li jieħu l-inizjattivi meħtieġa kollha biex jirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill.

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jrid jitlaqqa' fi żmien sitt ġimgħat (jew tmien ġimgħat, jekk ikun hemm qbil li tingħata estensjoni) minn mindu l-Kunsill jikkonkludi t-tieni qari tiegħu u jinnotifika b'mod uffiċjali lill-Parlament li ma jinsabx f'pożizzjoni li jaċċetta l-emendi kollha tal-Parlament fit-tieni qari. Jiġi kkostitwit b'mod separat għal kull proposta leġiżlattiva li tirrikjedi konċiljazzjoni u għandu sitt ġimgħat oħra (jew tmien ġimgħat, jekk ikun hemm qbil li tingħata estensjoni) biex jilħaq ftehim kumplessiv fil-forma ta' '**test konġunt**', li għad irid jiġi approvat formalment mill-Parlament u mill-Kunsill. Fil-prattika, minħabba l-perjodi relattivament qosra mogħtija biex jintlaħaq ftehim, in-negozjati interistituzzjonali informali ġeneralment jibdew qabel il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jitlaqqa' formalment.

Jekk il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma jilħaqx ftehim, jew jekk il-Parlament (li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi) jew il-Kunsill (li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata) ma japprovax it-'test konġunt' fit-tielet qari fi żmien sitt ġimgħat (jew tmien ġimgħat, jekk ikun hemm qbil li tingħata estensjoni,) l-att jitqies li ma jkunx ġie adottat.

# 4. IN-NEGOZJATI INTERISTITUZZJONALI

## 4.1. Introduzzjoni

Sa mit-Trattat ta' Amsterdam, li daħħal il-possibilità għall-koleġiżlaturi li jilħqu ftehim fl-ewwel qari, huwa possibbli li tiġi ffaċilitata l-konklużjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja fl-istadji kollha tal-proċedura (ara l-Kaxxa Nru 10 wara l-paragrafu 4.4.3)[1]. Il-prattika sussegwenti ġiet kodifikata fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Arranġamenti Prattiċi għall-Proċedura ta' Kodeċiżjoni (ara l-Kaxxa Nru 1), skont liema "*l-istituzzjonijiet għandhom jikkooperaw in bona fede matul il-proċedura kollha bil-ħsieb li jirrikonċiljaw il-pożizzjonijiet tagħhom kemm jista' jkun u b'hekk iwittu t-triq, fejn ikun xieraq, għall-adozzjoni tal-att konċernat fi stadju bikri tal-proċedura*". Ir-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tintlaħaq permezz ta' laqgħat ta' negozjati interistituzzjonali informali fil-forma ta' laqgħat tat-trilogu.



Laqgħa tat-trilogu © Parlament Ewropew (2017)

Ir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li daħlu fis-seħħ fis-16 ta' Jannar 2017, ipprovdiet opportunità biex tissaħħaħ it-trasparenza tan-negozjati leġiżlattivi interistituzzjonali (ara wkoll il-paragrafu 4.5). Din ir-riforma tibni fuq id-dispożizzjonijiet imdaħħla fi tmiem l-2012, li jikkonċernaw l-adozzjoni tal-mandat tal-Parlament ta' negozjar u t-tmexxija tan-negozjati. Ir-Regoli tfasslu kompletament mill-ġdid biex ikomplu jissaħħu l-obbligu ta' rendikont u l-iskrutinju parlamentari tan-negozjati leġiżlattivi tan-negozjati leġiżlattivi, b'mod partikolari billi jissaħħaħ ir-rwol tal-plenarja fid-deċiżjoni dwar il-bidu tan-negozjati u dwar il-mandat.

---

[1] Għal ħarsa ġenerali mill-kuntest storiku, ara r-rapport tal-Konferenza dwar '20 sena ta' kodeċiżjoni' tal-5 ta' Novembru 2013

## Il-passi differenti biex jintlaħaq ftehim skont il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja



**Il-proċess tan-negozjati interistituzzjonali**




## 4.2. It-trilogi

Biex att ikun jista' jiġi adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-koleġiżlaturi, f'xi punt matul il-proċedura, iridu jaqblu dwar test konġunt aċċettabbli kemm għall-Parlament kif ukoll għall-Kunsill. Dan jirrikjedi li l-istituzzjonijiet jikkomunikaw ma' xulxin, u dan iseħħ fil-forma ta' trilogi: laqgħat tripartitiċi informali dwar proposti leġiżlattivi bejn rappreżentanti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. It-trilogi jistgħu jiġu organizzati fi kwalunkwe stadju tal-proċedura leġiżlattiva u jistgħu jwasslu għall-hekk imsejħa ftehimiet "fl-ewwel qari", "kmieni fit-tieni qari" jew "fit-tieni qari", jew għal 'test konġunt' waqt il-konċiljazzjoni. It-trilogi jikkonsistu f'negozjati politiċi,

għalkemm jistgħu jkunu preċeduti minn laqgħat tekniċi preparatorji (li jattendu għalihom l-esperti tat-tliet istituzzjonijiet). L-għodda prinċipali ta' ħidma hija d-dokument b'erba' kolonni: l-ewwel tliet kolonni jippreżentaw kull waħda mill-pożizzjonijiet rispettivi tat-tliet istituzzjonijiet u l-aħħar waħda hi riżervata għall-proposti ta' kompromess[1]. Waqt il-laqgħat tat-trilogu, li huma ppreseduti mill-koleġiżlatur li jospita l-laqgħa (i.e. jew il-Parlament jew il-Kunsill), kull istituzzjoni tispjega l-pożizzjoni tagħha u jiżviluppa dibattitu bl-għan li jinstab kompromess.

Il-Kummissjoni taġixxi bħala medjatur bl-intenzjoni li tiffaċilita ftehim bejn il-koleġiżlaturi. Il-parteċipanti fit-trilogi joperaw abbażi tal-mandati ta' negozjar mogħtija lilhom mill-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom. It-tliet delegazzjonijiet jesploraw modi possibbli biex jinstab kompromess b'mod informali u jirrapportaw lura jew jitolbu istruzzjonijiet ġodda fuq bażi regolari skont ir-regoli interni tal-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom, i.e. permezz tat-tim tan-negozjati u/jew fil-kumitat għall-Parlament, fil-Coreper jew fil-grupp ta' ħidma responsabbli għall-Kunsill (ara l-flowchart hawn fuq).

Kwalunkwe ftehim li jintlaħaq fit-trilogi huwa provviżorju u jrid jiġi approvat skont il-proċeduri formali applikabbli f'kull istituzzjoni (għall-Parlament ara l-Artikolu 74 RtP).

Il-frekwenza kif ukoll in-numru tat-trilogi jiddependu fuq in-natura tal-fajl ikkonċernat u fuq ċirkustanzi politiċi speċifiċi (pereżempju, it-tmiem tal-leġiżlatura). Minħabba li l-Presidenza tal-Kunsill taħdem b'sistema ta' rotazzjoni, normalment ikun hemm pressjoni fuq kull Presidenza tal-Kunsill biex tikkonkludi ċerti fajls qabel tmiem il-Presidenza.

Wieħed jista' jgħid li meta mqabbel mal-fażi inizjali tal-proċedura ta' kodeċiżjoni, l-użu aktar istituzzjonalizzat tat-trilogi saħħaħ it-trasparenza u r-responsabilità fil-Parlament (peress li l-gruppi politiċi kollha għandhom aċċess għall-informazzjoni u l-laqgħat kollha) u l-kwalità tan-negozjati interistituzzjonali.

## 4.3. Il-proċedura biex jinbdew negozjati interistituzzjonali

Qabel ma tibda negozjati interistituzzjonali, kull istituzzjoni trid tagħti l-approvazzjoni lin-negozjaturi tagħha (ara l-paragrafu 4.4) biex jibdew dawn in-negozjati abbażi ta' mandat ta' negozjar, li jkollhom joperaw fil-limiti tiegħu. Il-proċeduri biex jinbdew negozjati jvarjaw skont l-istituzzjoni.

### 4.3.1. Il-Parlament

**Negozjati qabel l-ewwel qari tal-Parlament**

Fil-Parlament, fl-aħħar mill-aħħar hija l-plenarja li tiddeċiedi jekk għandux jiġi konkluż l-ewwel qari tal-Parlament jew tippermettix lill-kumitat jibda negozjati. L-intenzjoni li jinbdew negozjati hija deċiżjoni li tista' tittieħed fil-livell tal-kumitat bir-rapport tal-kumitat bħala mandat, imbagħad dik id-deċiżjoni trid tiġi approvata fil-plenarja (Artikolu 71 RtP). Jekk ma tiġix approvata, jew fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni tal-kumitat,

[1] F'xi negozjati d-dokument jista' jkun fih numru differenti ta' kolonni.

il-plenarja tista' tiddeċiedi wkoll li tirreferi fajl lura biex tippermetti lill-kumitat responsabbli jibda negozjati abbażi tal-emendi adottati mill-plenarja (Artikolu 59(4) RtP).

- *Deċiżjoni tal-kumitat li jinbdew negozjati fl-ewwel qari*

Jekk il-kumitat responsabbli jiddeċiedi li jibda negozjati fl-ewwel qari, bir-rapport tal-kumitat bħala mandat, din id-deċiżjoni tirrikjedi maġġoranza kwalifikata fil-livell tal-kumitat.

Sussegwentement, id-deċiżjoni trid titħabbar fil-bidu tas-sessjoni parzjali li tiġi wara l-adozzjoni fil-kumitat (normalment nhar ta' Tnejn filgħaxija fil-17.00 waqt sessjoni fi Strasburgu u nhar ta' Erbgħa waranofsinhar fit-15.00 waqt sessjoni parzjali fi Brussell). Sa tmiem il-ġurnata wara t-tħabbira, gruppi politiċi jew Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu medju (i.e. 76 Membru tal-PE) jistgħu jitolbu votazzjoni unika dwar id-deċiżjoni tal-kumitat (fil-każ ta' sessjoni fi Strasburgu tali votazzjoni ssir matul l-istess sessjoni parzjali). Fin-nuqqas ta' talbiet bħal dawn sal-iskadenza, il-kumitat jista' jibda n-negozjati.

Jekk tintalab votazzjoni, il-plenarja tista', b'maġġoranza sempliċi, tapprova d-deċiżjoni tal-kumitat – u l-kumitat jista' jibda n-negozjati immedjatament wara.

Jekk il-plenarja tiċħad id-deċiżjoni tal-kumitat biex jinbdew negozjati, ir-rapport jitqiegħed fl-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara f'konformità mal-Artikolu 59 RtP għal votazzjoni normali fil-plenarja u tiġi stabbilita skadenza għall-emendi.

- *Deċiżjoni plenarja biex jinbdew negozjati (bi jew mingħajr deċiżjoni preċedenti tal-kumitat)*

Wara ċaħda tad-deċiżjoni tal-kumitat jew fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, l-abbozz ta' att leġiżlattiv, l-emendi tal-kumitat li jikkostitwixxu r-rapport tiegħu u l-emendi mressqa mill-gruppi politiċi jew minn tal-anqas 38 Membru jitressqu għal votazzjoni fil-plenarja sabiex jiġi konkluż l-ewwel qari tal-Parlament.

Madankollu, eżatt qabel il-konklużjoni tal-ewwel qari, il-President, ir-Rapporteur tal-kumitat responsabbli, grupp politiku jew 38 Membru tal-Parlament Ewropew (limitu baxx) jistgħu jitolbu lill-plenarja tirreferi l-fajl lura lill-kumitat għal negozjati interistituzzjonali f'konformità mal-Artikolu 60 RtP, talba li mbagħad titressaq għall-votazzjoni.

**L-adozzjoni ta' mandati ta' negozjar fil-Parlament fid-dawl ta' negozjati fl-ewwel qari**



**Negozjati qabel l-ewwel qari tal-Kunsill (Artikolu 72 RtP):**

Jekk il-kumitat responsabbli jixtieq jibda negozjati interistituzzjonali wara li l-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-plenarja u qabel ma l-Kunsill jiffinalizza l-ewwel qari tiegħu (**negozjati kmieni fit-tieni qari**), irid jiddeċiedi dan b'maġġoranza kwalifikata; dik id-deċiżjoni trid titħabbar fil-plenarja, iżda għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

Il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tikkostitwixxi l-mandat għan-negozjati. Dan huwa għaliex, kuntrarjament għan-negozjati fl-ewwel qari, id-deċiżjoni tal-kumitat ma tistax tiġi kkontestata mill-plenarja. In-negozjati jistgħu jibdew immedjatament wara d-deċiżjoni tal-kumitat.

**Negozjati qabel it-tieni qari tal-Parlament (Artikolu 73 RtP):**

Biex jiddeċiedi li jinbdew negozjati qabel it-tieni qari tal-Parlament, il-kumitat responsabbli jeħtieġ biss maġġoranza sempliċi. Jista' jiddeċiedi li jibda negozjati fi kwalunkwe żmien wara li l-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Kunsill tkun ġiet riferuta lilu. Il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari tikkostitwixxi l-mandat tiegħu, iżda l-kumitat jista' jadotta linji gwida addizzjonali għat-tim tan-negozjati, anke fil-forma ta' emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, jekk dik il-pożizzjoni fiha elementi mhux koperti fil-proposta tal-Kummissjoni jew fl-ewwel qari tal-Parlament.

### 4.3.2. Il-Kunsill

M'hemm l-ebda rekwiżit formali għal-livell li fih iridu jinkisbu mandati ta' negozjar fl-ewwel qari (i.e. fil-livell tal-Coreper jew tal-Kunsill). Il-Kunsill għandu t-tendenza li jadotta aktar u aktar minnhom fil-livell tal-Kunsill fil-forma ta' **Approċċ Ġenerali** (b'maġġoranza kwalifikata, għalkemm, fil-prattika, ma ssir l-ebda votazzjoni), li huwa dokument pubbliku. Fit-tieni qari, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tikkostitwixxi l-mandat.

### 4.3.3. Il-Kummissjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni għal abbozz ta' att leġiżlattiv tikkostitwixxi l-mandat ta' negozjar tagħha. Fl-istadji kollha tal-proċedura leġiżlattiva, bidliet fil-pożizzjonijiet tal-Kummissjoni fin-negozjati interistituzzjonali huma mħejjija mill-Grupp għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali (**GRI**)[1]. Il-GRI jiltaqa' kważi kull ġimgħa u, *inter alia*, jiddiskuti u jaqbel dwar il-linja li għandha tieħu l-Kummissjoni fil-laqgħat tat-trilogu li jmiss fir-rigward tal-fajls kollha li jkunu qed jiġu nnegozjati. Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jieħdu sehem f'laqgħat tat-trilogu normalment jistgħu jaqblu biss 'ad referendum' dwar bidliet importanti għall-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni li jkunu

[1] Korp fil-Kummissjoni bil-kompitu li jikkoordina r-relazzjonijiet politiċi, leġiżlattivi u amministrattivi mal-istituzzjonijiet l-oħra u b'mod partikolari mal-Parlament u mal-Kunsill. Il-GRI jlaqqa' l-Viċi Kapijiet tal-kabinetti tal-Kummissarji kollha, peress li huma inkarigati mis-sorveljanza tal-affarijiet interistituzzjonali. Bħala prinċipju, jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Jittratta, b'mod aktar speċifiku, dossiers ittrattati mill-Parlament u mill-Kunsill li huma sensittivi minn perspettiva istituzzjonali, li wħud minnhom jaqgħu taħt il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

miftiehma mill-koleġiżlaturi, sakemm il-Kulleġġ tal-Kummissarji ma jkunx approva formalment pożizzjonijiet riveduti tal-Kummissjoni, jew sa meta japprovahom.

## 4.4. L-atturi fin-negozjati interistituzzjonali

### 4.4.1. Il-Parlament

Ir-reviżjoni tal-2017 mill-Parlament tar-Regoli ta' Proċedura ma biddlitx il-kompożizzjoni tat-tim tan-negozjati tal-Parlament kif diġà stabbilit fir-Regoli ta' Proċedura fl-2012. It-tim tal-Parlament jitmexxa mir-Rapporteur u huwa ppresedut mill-President tal-kumitat responsabbli, li jista' wkoll jagħżel Viċi President tal-kumitat bħala sostitut. Fit-trilogi, dan ħafna drabi jfisser li l-President (jew il-Viċi President) jew il-Presidenza tal-Kunsill jippresjedu l-laqgħat (skont jekk il-laqgħa ssirx fil-bini tal-Parlament jew tal-Kunsill). Barra minn hekk, il-President jista' jiffoka fuq il-kwistjonijiet aktar orizzontali, filwaqt li r-Rapporteur jiddefendi l-pożizzjoni tal-Parlament dwar fajl speċifiku. Kif stabbilit b'mod espliċitu fir-Regoli tal-Parlament, it-tim tan-negozjati għandu jinkludi wkoll tal-anqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku li jixtiequ jipparteċipaw.

Fit-trilogi, it-tim tan-negozjati huwa assistit minn tim tal-proġett ikkoordinat mis-segretarjat tal-kumitat responsabbli (ara l-paragrafu 3.2.1).

### 4.4.2. Il-Kunsill

Il-Kunsill normalment huwa rappreżentat mill-Presidenza fil-livell tal-President ta' Coreper II jew Coreper I, skont is-suġġett, u b'mod eċċezzjonali mill-Ministru rilevanti għal fajls ta' importanza politika. Madankollu, minħabba l-għadd kbir ta' trilogi, u skont in-natura tal-fajl u l-prassi tal-Istat Membru li jkollu f'idejh il-Presidenza tal-Kunsill b'rotazzjoni, it-trilogi jistgħu jitmexxew ukoll mill-Presidenti tal-gruppi ta' ħidma rilevanti. Punti ta' kuntatt addizzjonali utli għall-Parlament matul il-fażi tan-negozjati huma wkoll, il-gruppi **Antici** u **Mertens** ta' kull Presidenza[1]. It-tim tan-negozjati tal-Kunsill normalment huwa assistit mis-servizz inkarigat mid-dossier fis-segretarjat tal-Kunsill u fis-Servizz Legali.

### 4.4.3. Il-Kummissjoni

Il-Kummissjoni hija rappreżentata mid-Direttorat Ġenerali ewlieni (normalment fil-livell tal-Kap tal-Unità jew tad-Direttur) jew, għal fajls ta' importanza politika, mill-Kummissarju jew mid-Direttur Ġenerali responsabbli, bl-assistenza tas-Segretarjat Ġenerali u ġieli mis-Servizz Legali tal-Kummissjoni u l-kabinett tal-Kummissarju.

Matul il-proċedura leġiżlattiva kollha, il-Kummissjoni tappoġġa lill-koleġiżlaturi billi tipprovdi spjegazzjonijiet tekniċi u tiżvolġi r-rwol ta' faċilitatur matul in-negozjati interistituzzjonali. Tista' tiġi mistiedna biex tipproponi testi ta' kompromess jew biex tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata jew 'teknika'. Il-Kummissjoni għandha taġixxi

[1] Il-gruppi Antici u Mertens jippreparaw ix-xogħol ta' Coreper II u I rispettivament (ara l-Kapitolu 2.2).

ta' 'medjatur onest' meta tiddefendi jew tinnegozja l-proposti leġiżlattivi tagħha matul l-istadji kollha tal-proċess leġiżlattiv, f'konformità mad-dritt ta' inizjattiva tagħha u bi qbil mal-prinċipju ta' trattament indaqs tal-Parlament u l-Kunsill[1].

| **Kaxxa Nru 10 – Ftehimiet skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja: Il-karatteristiċi ewlenin mill-perspettiva tal-Parlament** | |
|---|---|
| **Ftehim fl-ewwel qari**<br>(Artikoli 59, 62, 71 RtP) | **Emendi:** għall-proposta tal-Kummissjoni; jistgħu jitressqu fl-istadju tal-kumitat u fl-istadju tal-plenarja; kriterji wesgħin ta' ammissibilità.<br><br>**Mandat**: (1) Rapport tal-kumitat: jekk il-plenarja tapprova d-deċiżjoni tal-kumitat li jinbdew negozjati, ir-rapport tal-kumitat jikkostitwixxi l-mandat; (2) Pożizzjoni fil-plenarja: jekk il-plenarja ma tapprovax id-deċiżjoni tal-kumitat u ssir votazzjoni normali fil-plenarja, jew jekk ma jkunx hemm deċiżjoni tal-kumitat biex jinbdew negozjati, il-plenarja tista' tirreferi lura r-riżultat tal-votazzjoni fil-plenarja lill-kumitat għal negozjati interistituzzjonali.<br><br>**Deċiżjoni biex jinbdew negozjati**: (1) mill-kumitat (maġġoranza kwalifikata) iżda li għandha titħabbar fil-plenarja, imbagħad il-plenarja tista' tiddeċiedi li tqiegħed dik id-deċiżjoni għal votazzjoni unika; (2) jekk il-plenarja ma tapprovax id-deċiżjoni, jew jekk ma jkun hemm ebda deċiżjoni tal-kumitat, il-plenarja xorta waħda tista' tiddeċiedi (b'maġġoranza sempliċi) li tirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għal negozjati interistituzzjonali.<br><br>**Limiti ta' żmien**: le.<br><br>**Konferma tal-ftehim provviżorju**: permezz ta' ittra mill-President tal-Coreper lill-President tal-Kumitat, qabel ma l-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari (preċeduta minn votazzjoni unika b'maġġoranza sempliċi fil-kumitat responsabbli)<br><br>**Maġġoranza meħtieġa fil-plenarja**: il-proposta tal-Kummissjoni tista' tiġi approvata, miċħuda jew emendata b'maġġoranza sempliċi (i.e. maġġoranza tal-Membri li jivvutaw). |
| **Ftehim kmieni fit-tieni qari**<br>(Artikoli 69, 72 RtP) | **Emendi**: l-ebda emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, peress li tirrifletti l-ftehim provviżorju nnegozjat mal-Parlament.<br><br>**Mandat**: Il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.<br><br>**Deċiżjoni biex jinbdew negozjati**: mill-kumitat (maġġoranza kwalifikata) fi kwalunkwe żmien wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari; imħabbra fil-plenarja iżda l-ebda approvazzjoni meħtieġa.<br><br>**Limiti ta' żmien**: le.<br><br>**Konferma tal-ftehim provviżorju**: votazzjoni b'maġġoranza sempliċi, li tikkonferma l-ftehim provviżorju u tapprova ittra mill-President tal-Kumitat lill-President tal-Coreper, li tindika li l-President se jirrakkomanda lill-plenarja li l- |

[1] Ara l-Ftehim Qafas ((ĠU L 304/47 20.11.2010)) dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, skont liema l-Kummissjoni trid "tqis kif jistħoqq ir-rwoli rispettivi mogħtija mit-Trattati lill-Parlament u lill-Kunsill, b'mod partikolari b'riferiment għall-prinċipju bażiku ta' trattament indaqs".

| | |
|---|---|
| | pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li tikkorrispondi għat-test tal-ftehim provviżorju tiġi adottata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.<br><br>**Maġġoranza meħtieġa fil-plenarja**: fit-tieni qari l-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (maġġoranza sempliċi) li tikkorrispondi għall-ftehim provviżorju kmieni fit-tieni qari. Jekk ma jitressqux jew ma jiġux adottati emendi jew proposta għal caħda (maġġoranza kwalifikata) il-President iħabbar li l-att propost, kif innegozjat mal-Kunsill, ġie adottat (l-ebda votazzjoni formali). |
| **Ftehim fit-tieni qari**<br><br>(Artikoli 67, 69, 73 RtP) | **Emendi**: għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, jistgħu jitressqu fl-istadju tal-kumitat (mhux iktar minn kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni) u fl-istadju tal-plenarja; kriterji stretti ta' ammissibilità.<br><br>**Mandat**: Il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari. Jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill fiha elementi mhux koperti mill-proposta tal-Kummissjoni jew mill-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, il-kumitat jista' jadotta linji gwida li jissupplementaw il-mandat tal-ewwel qari, anke fil-forma ta' emendi.<br><br>**Deċiżjoni biex jinbdew negozjati**: mill-kumitat responsabbli fi kwalunkwe żmien wara li l-pożizzjoni tal-Kunsill tkun ġiet riferuta lilu (b'maġġoranza sempliċi); l-ebda tħabbira fil-plenarja.<br><br>**Limiti ta' żmien**: massimu ta' 3 xhur+1 xahar għall-Parlament biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari (u massimu ieħor ta' 3 xhur+1 xahar għall-Kunsill).<br><br>**Konferma tal-ftehim provviżorju**: il-ftehim provviżorju huwa kkonfermat b'ittra mill-president tal-Coreper lill-president tal-kumitat, qabel ma l-Parlament jadotta l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari (preċeduta minn votazzjoni unika fil-kumitat responsabbli).<br><br>**Maġġoranza meħtieġa fil-plenarja**: emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, jew caħda, jirrikjedu maġġoranza kwalifikata. |
| **Il-konċiljazzjoni**<br><br>**u**<br><br>**t-tielet qari**<br><br>(Artikoli 75, 76, 77, 78 RtP) | **Emendi**: L-ebda emenda mhija permessa fit-tielet qari: Il-Parlament japprova jew jiċħad it-'test konġunt' kollu kemm hu b'maġġoranza sempliċi f'votazzjoni unika.<br><br>**Mandat**: Il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari.<br><br>**Deċiżjoni biex jinbdew negozjati**: mhux applikabbli.<br><br>**Limiti ta' żmien**: massimu ta' 24 ġimgħa (3 x 8 ġimgħat), li minnhom massimu ta' 8 ġimgħat iddedikati għall-konċiljazzjoni.<br><br>**Konferma tal-ftehim provviżorju**: ittra ta' trażmissjoni tat-test konġunt miż-żewġ Presidenti tad-delegazzjoni.<br><br>**Maġġoranza meħtieġa fil-plenarja**: maġġoranza sempliċi. |

## 4.5. Trasparenza tal-proċedimenti tal-Parlament u modi biex tiġi żgurata r-responsabilità

Il-Parlament jagħti importanza kbira lill-iżgurar li l-proċeduri leġiżlattivi tiegħu jkunu trasparenti u jseħħu kemm jista' jkun bil-miftuħ, f'konformità mal-Artikolu 15 TFUE.

Bħala regola ġenerali, il-laqgħat kollha fil-kumitat u fil-plenarja huma pubbliċi. Il-laqgħat kollha tal-plenarja, u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet anke l-laqgħat tal-kumitati, jixxandru dirett fuq l-internet. Id-dibattiti u l-votazzjonijiet kollha dwar fajls leġiżlattivi kemm fil-kumitat kif ukoll fil-plenarja jsiru fil-pubbliku. Barra minn hekk, id-dokumenti uffiċjali kollha huma disponibbli pubblikament, bħala regola, fil-lingwi uffiċjali kollha. L-osservatorju leġiżlattiv tal-Parlament[1] jipprovdi ammont kbir ta' informazzjoni rilevanti marbuta ma' kull fajl leġiżlattiv, inklużi l-ismijiet tar-rapporteur u tax-shadow rapporteurs, il-kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni u l-kumitati assoċjati, il-passi fil-proċeduri u d-dokumenti rilevanti (ara l-Kapitolu 11).

Rigward in-negozjati interistituzzjonali dwar fajls leġiżlattivi, il-Parlament jipprova bl-istess mod jiżgura li l-proċess ikun miftuħ, flimkien mal-Kunsill u l-Kummissjoni. Matul dawn l-aħħar snin, reġgħu tfaċċaw preokkupazzjonijiet dwar kemm in-negozjati interistituzzjonali huma miftuħa[2], anke minn ġewwa l-istituzzjonijiet. B'reazzjoni għal dan, il-Parlament diġà rreveda b'mod sinifikanti r-Regoli ta' Proċedura tiegħu fl-2012. Ir-reviżjoni ġenerali tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament li daħlu fis-seħħ f'Jannar 2017 tibni fuq dak it-titjib u tkompli ssaħħaħ l-obbligu ta' rendikont u l-iskrutinju parlamentari tan-negozjati leġiżlattivi. Permezz tar-Regoli tal-Parlament huwa żgurat li:

- Il-Parlament jinnegozja abbażi ta' mandat li jkun pubbliku u li dejjem ikollu l-appoġġ tal-plenarja;
- It-tim tan-negozjati tal-Parlament għandu kompożizzjoni standard, li fiha l-gruppi politiċi kollha għandhom id-dritt li jkunu rappreżentati, biex b'hekk jiġi żgurat li jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha u jkunu jistgħu jissorveljaw mill-qrib u jinfluwenzaw il-passi tan-negozjati kollha;
- Il-President u r-Rapporteur jirrapportaw lura lill-kumitat wara kull sessjoni ta' negozjati;
- Il-votazzjonijiet dwar ftehimiet provviżorji milħuqa fit-trilogi jsiru fil-kumitat u jsiru pubbliċi, qabel ma jitressqu fil-plenarja.

---

[1] Ara l-Osservatorju Leġiżlattiv tal-Parlament: http://www.europarl.europa.eu/oeil/home/home.do.

[2] Ara wkoll l-inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar 'L-iżvelar, mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, ta' dokumenti relatati mat-trilogi u t-trasparenza tat-trilogi inġenerali', Kawża: OI/8/2015/JAS, miftuħa fis-26 ta' Mejju 2015 – Deċiżjoni fit-12 ta' Lulju 2016: https://www.ombudsman.europa.eu/en.

## 5. IL-PROĊEDURA TA' KONĊILJAZZJONI FID-DETTALL

### Introduzzjoni

Kif indikat fil-Kapitolu 9, il-fajls leġiżlattivi, fil-biċċa l-kbira tagħhom, jiġu konklużi fl-istadju tal-ewwel qari u għadd iżgħar jiġi konkluż fl-istadju tat-tieni qari. L-għadd ta' konċiljazzjonijiet naqas b'mod stabbli matul is-snin, u matul it-tmien leġiżlatura, għall-ewwel darba, ma kien hemm ebda konċiljazzjoni.

Il-proċedura ta' konċiljazzjoni influwenzat b'mod sinifikanti kif isiru bħalissa n-negozjati waqt l-ewwel u t-tieni qari. Ħafna mill-proċeduri u l-prattiki oriġinaw mill-proċedura ta' konċiljazzjoni (bħall-użu tat-trilogi u tad-dokumenti fuq erba' kolonni). Il-ħtieġa li n-negozjati jsiru b'ordni u jkunu strutturati sew hija partikolarment importanti għall-proċedura ta' konċiljazzjoni, peress li din hija l-aħħar possibilità biex l-istituzzjonijiet jilħqu ftehim. Jekk iż-żewġ istituzzjonijiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim f'dan l-aħħar stadju, il-proposta kollha kemm hi tiddekadi.

Dan il-Kapitolu jispjega l-proċedura f'aktar dettall, filwaqt li jiffoka fuq dawk il-karatteristiċi li jvarjaw bejn l-ewwel u t-tieni qari.

### L-istadju preliminari

Malli jsir evidenti li l-Kunsill ma jkunx jista' jaċċetta l-emendi kollha tal-Parlament fit-tieni qari, huwa jinforma lill-Parlament dwar dan u jiġu inizjati kuntatti informali bejn it-tliet istituzzjonijiet biex tibda t-tħejjija biex il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jitlaqqa' malajr kemm jista' jkun, sal-limiti ta' żmien stabbiliti fit-Trattat. L-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi (LEGI) tassisti lid-**delegazzjoni tal-Parlament** tul il-proċedura ta' konċiljazzjoni, waqt li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mas-segretarjat tal-kumitat parlamentari rilevanti u mas-Servizz Legali, il-ġuristi lingwisti u l-uffiċjali tal-istampa tal-Parlament u mas-servizzi rilevanti l-oħra tal-PE.

### Il-kompożizzjoni u l-ħatra tad-delegazzjoni tal-Parlament

Id-delegazzjoni tal-Parlament għall-**Kumitat ta' Konċiljazzjoni** dejjem ikollha numru ta' Membri li jkun daqs in-numru ta' Stati Membri fil-Kunsill. Għal kull konċiljazzjoni, trid titwaqqaf delegazzjoni ġdida tal-Parlament. Id-delegazzjoni tal-Parlament dejjem tiġi ppreseduta minn wieħed mit-**tliet Viċi Presidenti** tal-Parlament **responsabbli għall-konċiljazzjoni**; anke r-Rapporteur(s) u l-President(i) tal-kumitat(i) parlamentari responsabbli jagħmlu parti ex officio mid-delegazzjoni.

Il-membri li jifdal tad-delegazzjoni jinħatru minn kull grupp politiku għal kull proċedura ta' konċiljazzjoni partikolari[1]. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, ikunu ġejjin mill-kumitat responsabbli jew mill-kumitati li jkunu ntalbu jagħtu opinjoni jew mill-kumitati assoċjati. Jinħatru numru ndaqs ta' Membri sostituti li jkunu jistgħu jattendu għal-

---

[1] B'mod simili għall-ħatra tar-rapporteurs fil-kumitati, il-membri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jiġu nnominati mill-gruppi politiċi abbażi tal-formula D'Hondt, wara li l-Konferenza tal-Presidenti tkun iddeċidiet dwar l-għadd eżatt tal-membri tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal kull grupp politiku.

laqgħat kollha tad-delegazzjoni u tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, iżda li ma jkunux jistgħu jivvotaw sakemm ma jkunux qed jissostitwixxu Membru sħiħ.

### Il-laqgħa kostituttiva tad-delegazzjoni tal-Parlament

L-għan ewlieni tal-laqgħa kostituttiva[1] tad-delegazzjoni tal-Parlament huwa li jingħata mandat lit-tim tan-negozjati tagħha – normalment il-Viċi President bħala President tad-delegazzjoni, il-President tal-kumitat responsabbli u r-Rapporteur(s) – biex jiftaħ in-negozjati mal-Kunsill fil-laqgħat tat-'trilogu'. Barra minn hekk, ikun hemm skambju qasir ta' fehmiet rigward is-sustanza tal-kwistjonijiet ikkonċernati. Bil-kontra għal dak li jiġri waqt l-ewwel u t-tieni qari, il-Kummissjoni normalment tkun preżenti fil-laqgħat kollha tad-delegazzjoni tal-Parlament biex tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-modi possibbli kif jistgħu jiġu rrikonċiljati l-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill jew biex tagħti risposta għat-talbiet għal informazzjoni aktar dettaljata jew 'teknika'.

### In-negozjati matul il-fażi ta' konċiljazzjoni

Skont l-iskeda tat-trilogi miftiehma bejn il-Parlament u l-Kunsill fil-bidu tal-konċiljazzjoni rigward fajl partikolari, isseħħ sensiela ta' trilogi tul il-proċedura ta' konċiljazzjoni kollha kemm hi bil-għan li jintlaħaq ftehim kumplessiv fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

Wara kull laqgħa tat-trilogu, it-tim tan-negozjati ta' kull istituzzjoni jirrapporta lura lid-delegazzjoni korrispondenti tiegħu. L-għan ewlieni tal-laqgħat tad-delegazzjoni huwa li jingħata tagħrif rigward in-negozjati, li jiġu vvalutati t-testi ta' kompromess eventwali u li jingħataw istruzzjonijiet lit-tim tan-negozjati dwar kif għandhom imexxu n-negozjati. Fi tmiem il-proċedura, id-delegazzjoni tapprova jew tiċħad b'mod formali l-ftehim proviżorju li jintlaħaq fil-konċiljazzjoni. L-approvazzjoni ta' ftehim tirrikjedi l-appoġġ ta' maġġoranza kwalifikata tal-Membri tad-delegazzjoni (tal-anqas 15-il vot favur mit-28 vot possibbli).

### Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li jikkonsisti mir-rappreżentanti tat-28 Stat Membru u 28 Membru tal-Parlament, jitlaqqa' mill-Presidenti tal-Parlament u tal-Kunsill. Il-Kumitat spiss jitlaqqa' meta l-pożizzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill tant ikunu qrib li jkun jista' jiġi antiċipat li tista' tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet pendenti. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li l-Kumitat jitlaqqa' sa mhux aktar tard minn sitt ġimgħat (jew tmienja, jekk kien hemm qbil li tingħata estensjoni) wara l-konklużjoni tat-tieni qari tal-Kunsill biex tinfetaħ b'mod formali l-proċedura ta' konċiljazzjoni. Il-Kumitat imbagħad ikollu sitt ġimgħat oħra (jew tmienja, jekk kien hemm qbil li tingħata estensjoni) sabiex jilħaq ftehim kumplessiv fl-għamla ta' test konġunt.

Il-Parlament u l-Kunsill jalternaw biex jospitaw dawn il-laqgħat. Il-Viċi-President li jippresiedi d-delegazzjoni tal-PE u l-Ministru tal-Istat Membru li jkun qed jokkupa l-

---

[1] F'każijiet eċċezzjonali, hemm possibilità li l-laqgħa kostituttiva tiġi sostitwita b'ittra mill-President tad-delegazzjoni lill-Membri tagħha ('kostituzzjoni permezz ta' proċedura bil-miktub').

Presidenza tal-Kunsill jikkopresiedu l-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Il-Kummissarju rilevanti jirrappreżenta lill-Kummissjoni.

Normalment, il-konċiljazzjoni fil-prattika tikkonsisti f'diversi laqgħat tat-trilogu u laqgħat tad-delegazzjonijiet rispettivi, qabel ma sseħħ il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Ġieli, il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni nnifisha tiġi interrotta għal negozjati fit-trilogu biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni attwali jew jinstabu kompromessi għall-kwistjonijiet li jibqgħu kontroversjali. Iseħħu wkoll laqgħat interni separati tad-delegazzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill bejn il-laqgħat tat-trilogu u l-laqgħat uffiċjali tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. Il-laqgħat ta' dan it-tip ikunu meħtieġa biex kull delegazzjoni tiġi informata dwar il-progress li jkun sar f'kull stadju tan-negozjati u biex jiġi kkunsidrat jekk għandhomx jingħataw istruzzjonijiet ġodda lit-tim tan-negozjati.

Jekk x'aktarx ma jkunx se jintlaħaq ftehim fl-ewwel laqgħa, jistgħu jiġu organizzati laqgħat ulterjuri, inklużi laqgħat tat-trilogu, sal-limitu ta' żmien ta' 6-8 ġimgħat stabbilit mit-Trattat biex jintlaħaq ftehim. Il-konċiljazzjoni tista' tiġi konkluża bi proċedura bil-miktub, jekk ikun xieraq.

Jekk iż-żewġ istituzzjonijiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-proposta kollha kemm hi tiddekadi[1].

**It-tielet qari (wara l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni)**

Ftehim li jintlaħaq fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jrid jiġi kkonfermat kemm mill-Parlament u kemm mill-Kunsill fi żmien sitt ġimgħat (jew tmien ġimgħat, jekk kien hemm qbil li tingħata estensjoni) minn mindu jiġi approvat **test konġunt**. Iż-żewġ istituzzjonijiet jivvotaw b'mod separat dwar it-test konġunt hekk kif ikun, mingħajr ebda possibilità ta' emendi ulterjuri.

Fil-Parlament, maġġoranza sempliċi hija rikjesta għall-approvazzjoni; inkella t-test konġunt jiġi miċħud. It-test konġunt irid jiġi approvat ukoll permezz ta' maġġoranza kwalifikata mill-Kunsill, li ġeneralment jivvota wara t-tielet qari tal-Parlament[2].

Hekk kif jiġri fl-istadji tal-ewwel u t-tieni qari, test ma jistax isir liġi qabel japprovaw it-test il-Parlament u l-Kunsill, it-tnejn li huma. Jekk waħda mill-istituzzjonijiet tonqos milli tagħmel dan, il-proċedura leġiżlattiva tintemm u tista' biss titnieda mill-ġdid permezz ta' proposta ġdida mill-Kummissjoni.

---

[1] Mill-1999 'l hawn, kien hemm żewġ każijiet fejn id-delegazzjonijiet tal-Parlament u tal-Kunsill ma rnexxilhomx jilħqu ftehim fuq test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u r-Regolament dwar Ikel Ġdid).

[2] Sal-lum, il-Kunsill qatt ma ċaħad ftehim li jkun intlaħaq fil-konċiljazzjoni. Kienu rari ħafna l-każijiet fejn il-Parlament ċaħad ftehim li jkun intlaħaq fil-konċiljazzjoni; żewġ eżempji huma relatati mal-ftehim milħuq rigward il-proposta għal Direttiva fuq "Offerti ta' Xiri" fl-2001 u l-ftehim milħuq rigward il-proposta dwar l-aċċess għas-suq għas-servizzi tal-portijiet fl-2003.

# 6. FINALIZZAZZJONI, IFFIRMAR U PUBBLIKAZZJONI TAT-TEST ADOTTAT

## 6.1. Finalizzazzjoni ġuridika lingwistika

Meta jkun intlaħaq ftehim proviżorju bejn l-istituzzjonijiet waqt l-ewwel, it-tieni jew it-tielet qari, it-test tal-ftehim jiġi soġġett għal verifika ġuridika lingwistika qabel jiġi adottat b'mod uffiċjali fil-plenarja. Dan huwa importanti biex, *inter alia*, jiġu żgurati ċ-ċertezza tad-dritt u l-konsistenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti bl-għan li jkun hemm implimentazzjoni uniformi, u biex tiġi evitata l-ħtieġa ta' rettifika fi stadju sussegwenti (fil-prinċipju, ma ssir l-ebda bidla għat-test wara l-votazzjoni plenarja)[1].

Fil-Parlament, il-finalizzazzjoni ġuridika lingwistika titmexxa u tiġi kkoordinata mill-ġuristi lingwisti mid-Direttorat għall-Atti Leġiżlattivi (DLA), f'kooperazzjoni mill-qrib mad-Direttorat tal-Kunsill għall-Kwalità tal-Leġiżlazzjoni (DQL). Is-segretarjat tal-kumitat u s-servizz responsabbli tal-Kunsill huma kompletament involuti fil-proċedura u jiġu regolarment informati dwar il-progress li jkun sar. Skont il-bżonn jiġu kkonsultati servizzi oħra fiż-żewġ istituzzjonijiet, kif ukoll fil-Kummissjoni.

L-istadji ewlenin tal-proċedura ta' finalizzazzjoni ġuridika lingwistika huma:

- Il-ġuristi lingwisti koordinaturi mill-Parlament jew mill-Kunsill jikkompilaw verżjoni konsolidata tat-test fil-lingwa oriġinali tal-ftehim proviżorju, fejn jinkorporaw l-emendi miftiehma fil-livell politiku ġol-proposta tal-Kummissjoni u jiżguraw li t-test jirrifletti l-ftehim, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ġuristi lingwisti responsabbli fl-istituzzjoni l-oħra, is-segretarjat tal-kumitat rilevanti fil-Parlament u s-servizz responsabbli tal-Kunsill.
- Il-ġuristi lingwisti koordinaturi jibagħtu t-test konsolidat lis-servizzi tat-traduzzjoni;
- Il-ġuristi lingwisti koordinaturi miż-żewġ istituzzjonijiet jirrevedu l-verżjoni lingwistika oriġinali tat-test konsolidat, bi qbil mar-regoli u l-prattiki stabbiliti fil-qasam tat-tifsil tal-leġiżlazzjoni u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-segretarjat tal-kumitat rilevanti fil-Parlament u s-servizz responsabbli tal-Kunsill.
- Fejn ikun xieraq, it-tim tan-negozjati tal-Parlament jiġi kkonsultat fir-rigward tal-bidliet ġuridiċi lingwistiċi proposti u jkun hemm laqgħa tal-esperti nazzjonali fil-Kunsill;
- Il-ġuristi lingwisti fil-Parlament u l-Kunsill jiffinalizzaw it-testi bil-lingwi kollha abbażi tal-verżjoni lingwistika oriġinali bl-intenzjoni li jiġu adottati mill-Parlament u mill-Kunsill.

Normalment il-proċedura ta' finalizzazzjoni ġuridika lingwistika ddum **tmien ġimgħat** mid-data meta l-ftehim politiku jkun ġie kkonfermat permezz ta' ittra li l-Coreper jibgħat lill-President tal-Kumitat rilevanti.

---

[1] Wara l-votazzjoni fil-plenarja, il-finalizzazzjoni ġuridika lingwistika tal-atti leġiżlattivi tibqa' possibbli, però f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss, u normalment iddum aktar mill-proċedura ta' finalizzazzjoni standard b'mod sinifikanti, *inter alia* minħabba l-ħtieġa għal proċedura ta' rettifika (Artikolu 241 RtP).

## 6.2. Iffirmar

Wara li l-Parlament u l-Kunsill ikunu kkonkludew l-adozzjoni formali ta' ftehim fl-ewwel, it-tieni jew it-tielet qari, il-President tal-Parlament, flimkien ma' rappreżentant tal-Presidenza rotanti tal-Kunsill jiffirmaw l-att bi qbil mal-Artikolu 297(1) TFUE.

Mill-2003 'l hawn, fuq inizjattiva tal-Parlament, il-President tal-Parlament u l-Presidenza tal-Kunsill jiffirmaw it-testi b'mod konġunt bħala parti mis-sessjonijiet plenarji tal-Parlament, spiss fil-preżenza tal-President tal-Kumitat responsabbli u tar-Rapporteur. L-iskop taċ-ċerimonja ta' ffirmar konġunt 'LEX' huwa li turi li ż-żewġ koleġiżlaturi, li jaġixxu fuq livell ta' parità, adottaw formalment l-atti leġiżlattivi.



Ċerimonja ta' ffirmar fis-sala tal-protokoll waqt is-Sessjoni Plenarja ta' Ottubru 2019 fi Strasburgu mas-Sinjura Tytti Tuppurainen, Ministru għall-Affarijiet Ewropej tal-Finlandja, u l-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur David Maria Sassoli © Parlament Ewropew (2019)

## 6.3. Pubblikazzjoni

Wara li jiġu ffirmati, l-atti leġiżlattivi jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU), flimkien mad-dikjarazzjonijiet eventwali li jkun intlaħaq ftehim konġunt fir-rigward tagħhom. L-applikabilità ta' dawn l-atti tiddependi fuq il-pubblikazzjoni tagħhom fil-ĠU[1]. Sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor mill-koleġiżlaturi, l-atti jidħlu fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jkunu ġew ippubblikati.

[1] Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU) jiġi ppubblikat bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE. Jeżistu żewġ sensiliet: L (leġiżlazzjoni); C (informazzjoni u avviżi).

# 7. IL-PROĊEDURI L-OĦRA LI L-PARLAMENT INVOLUT FIHOM

## 7.1. Il-proċeduri leġiżlattivi speċjali

Hekk kif inhuwa indikat fil-Kapitolu 3, it-Trattat ta' Lisbona jirreferi għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja u għall-proċeduri leġiżlattivi speċjali (Artikolu 289(2) TFUE[1]). Il-proċeduri leġiżlattivi speċjali ħadu post il-proċeduri ta' konsultazzjoni, ta' kooperazzjoni u ta' kunsens li kien hemm qabel bl-intenzjoni li l-proċess deċiżjonali tal-UE jiġi ssemplifikat. Hekk kif jindika isimhom, dawn il-proċeduri jikkostitwixxu deroga mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja u għaldaqstant huma eċċezzjonijiet. It-Trattati ma jagħtux deskrizzjoni preċiża tal-proċeduri leġiżlattivi speċjali. Ir-regoli jiġu definiti fuq bażi *ad hoc*, skont l-artikoli rilevanti tat-trattat li jinkludu t-terminu "proċedura leġiżlattiva speċjali" u jiddeskrivu l-istadji tagħha. Jistgħu jiġu identifikati żewġ proċeduri leġiżlattivi speċjali:

- **Konsultazzjoni (paragrafu 7.1.1.)**: il-Parlament jista' japprova, jiċħad jew jipproponi emendi għal proposta leġiżlattiva. Il-Kunsill mhuwiex legalment obbligat iqis l-opinjoni tal-Parlament, iżda ma jistax jieħu deċiżjoni qabel ikun irċieva dik l-opinjoni;
- **Approvazzjoni (paragrafu 7.1.2.)**: il-Parlament għandu s-setgħa jaċċetta jew jiċħad proposta leġiżlattiva, iżda ma jistax jemendaha. Il-Kunsill m'għandu l-ebda setgħa jiddeċiedi xorta oħra u jwarrab l-opinjoni tal-Parlament. F'xi każijiet speċifiċi, proposta mill-Parlament tirrikjedi l-approvazzjoni mill-Kunsill[2].

### 7.1.1. Konsultazzjoni

Sad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, il-proċedura ta' konsultazzjoni kienet l-aktar proċedura użata. Din il-proċedura tippermetti li l-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu dwar att leġiżlattiv propost. Jista' japprova, jiċħad jew jipproponi emendi għall-proposta (maġġoranza sempliċi). Il-Kunsill mhuwiex legalment obbligat iqis l-opinjoni tal-Parlament iżda, bi qbil mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, meta t-Trattat jipprevedi l-konsultazzjoni mandatorja tal-Parlament jeħtieġ li ma jiħux deċiżjoni qabel ma jkun irċeviha. Il-konsultazzjoni bħala proċedura leġiżlattiva speċjali għadha tapplika għal ċerti miżuri f'numru limitat ta' oqsma ta' politika (bħall-kompetizzjoni, il-politika monetarja, l-impjiegi u l-politika soċjali, u ċerti miżuri ta' natura fiskali fl-oqsma tal-ambjent u l-enerġija).

---

[1] L-Artikolu 289(2) TFUE: "*Fil-każijiet speċifiċi previsti mit-Trattati, l-adozzjoni ta' Regolament, Direttiva jew Deċiżjoni mill-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni tal-Kunsill jew mill-Kunsill bil-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew għandha tikkostitwixxi l-proċedura leġiżlattiva speċjali.*"

[2] Ara l-Artikolu 223(2) TFUE, li jistipula li l-Parlament, skont proċedura leġiżlattiva speċjali, wara li jkun talab l-opinjoni tal-Kummissjoni u bl-approvazzjoni tal-Kunsill, għandu jifformula r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tad-doveri tal-Membri tiegħu (fl-Istatut għall-Membri), u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 226 TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Parlament li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet fid-dettall rigward id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament, wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

Il-konsultazzjoni tal-Parlament hija rikjesta wkoll fi proċedura mhux leġiżlattiva meta jkunu qed jiġu adottati l-ftehimiet internazzjonali fl-ambitu tal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

### 7.1.2. Approvazzjoni

Meta proċedura leġiżlattiva speċjali tirrikjedi li l-Parlament jew il-Kunsill jiksbu l-approvazzjoni rispettiva tagħhom rigward abbozz ta' att leġiżlattiv, l-istituzzjoni kkonċernata tista' tapprova jew tiċħad il-proposta (maġġoranza kwalifikata) iżda ma tistax temendaha. L-approvazzjoni jew nuqqas tagħha ma jistgħux jitwarrbu biex tittieħed deċiżjoni xorta oħra. Bħala eżempju, din il-proċedura leġiżlattiva speċjali tintuża għat-twaqqif ta' Uffiċċju ta' Prosekutur Pubbliku (Artikolu 86(1) TFUE), għall-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali (Artikolu 312 TFUE) u għal-leġiżlazzjoni li tiġi adottata bil-bażi legali ta' "sussidjarjetà" (Artikolu 352 TFUE).

L-approvazzjoni tal-Parlament hija rikjesta wkoll fi **proċeduri mhux leġiżlattivi** importanti (maġġoranza sempliċi), meta:

- il-Kunsill jadotta ċerti ftehimiet internazzjonali li jkunu ġew innegozjati mill-UE, ħlief dawk li jkollhom x'jaqsmu esklużivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni. Il-proċedura ta' approvazzjoni tintuża għall-ftehimiet li jkopru l-oqsma fejn tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja iżda, fost affarijiet oħra, anke għall-ftehimiet ta' assoċjazzjoni u l-ftehimiet b'implikazzjonijiet baġitarji importanti għall-Unjoni (Artikolu 218 TFUE);
- fil-każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali (Artikolu 7 TUE);
- għall-adeżjoni ta' membri ġodda fl-UE (Artikolu 49 TUE);
- arranġamenti għall-ħruġ mill-UE (Artikolu 50 TUE).

## 7.2. L-atti delegati u ta' implimentazzjoni

Il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni tal-UE tinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu li l-Kummissjoni tadotta atti delegati jew ta' implimentazzjoni. Jista' jkun hemm bżonn li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tieħu deċiżjonijiet fl-ambitu ta' waħda minn dawn iż-żewġ proċeduri pereżempju fil-każ li jkunu meħtieġa aġġornamenti tekniċi, meta jkun hemm bżonn li sustanzi jew prodotti jiġu awtorizzati jew ipprojbiti, jew meta tkun meħtieġa applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri. Meta dawn id-deċiżjonijiet ikunu jirrikjedu ħeffa, flessibilità u/jew ħidma teknika oħra, jista' jkun li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun iebsa wisq. Id-deċiżjonijiet ta' dan it-tip li jittieħdu fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri, għalkemm spiss ikollhom natura dettaljata u teknika, jistgħu jkunu politikament importanti, u jkollhom impatti sinifikanti fuq is-saħħa, l-ambjent u l-ekonomija u impatt dirett fuq iċ-ċittadini, l-impriżi u setturi ekonomiċi sħaħ.

L-introduzzjoni tal-**atti delegati** permezz tat-Trattat ta' Lisbona (Artikolu 290 TFUE) (miżuri ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jemendaw jew jissupplimentaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att bażiku) qawwiet il-prerogattivi tal-Parlament: is-setgħa tiegħu ta' veto mhijiex ristretta u, fi kwalunkwe mument, jista' jirrevoka s-setgħa tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati taħt att bażiku partikolari. Fir-rigward tal-**atti ta'**

**implimentazzjoni** (Artikolu 291 TFUE), is-setgħa tal-Parlament hija limitata u m'għandux il-possibilità ta' veto. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhomx jiġu ddelegati lill-Kummissjoni setgħat delegati jew ta' implimentazzjoni, kif ukoll dwar l-għażla bejniethom, hija għalhekk importanti ferm u tiddefinixxi r-rwol ta' skrutinju sussegwenti tal-Parlament. Dik id-deċiżjoni trid issir mill-koleġiżlaturi fl-att bażiku matul il-proċedura leġiżlattiva.

L-istituzzjonijiet għandhom interpretazzjonijiet differenti tal-Artikoli 290 u 291 u dan wassal biex kien hemm problemi rikorrenti fin-negozjati fir-rigward ta' dik l-għażla. Għal dik ir-raġuni, il-ftehimiet li jintlaħqu fin-negozjati leġiżlattivi ilhom mill-2012 jiġu sorveljati mill-Konferenza tal-Presidenti[1], sabiex jiġi żgurat ir-rispett tal-Artikoli 290 u 291 TFUE kif ukoll tad-drittijiet istituzzjonali korrispondenti tal-Parlament, abbażi ta' valutazzjoni regolari min-naħa tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati Dik tal-atti delegati kienet waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li ġew indirizzati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-2016 (ara l-Kaxxa Nru 11 fil-Kapitolu 8).

[1] Ara d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tad-19 ta' April 2012. F'każ li l-Konferenza tal-Presidenti tikkunsidra li ftehim ma jissalvagwardjax id-drittijiet istituzzjonali tal-Parlament, hija ma tressaqx il-fajl quddiem il-plenarja għal votazzjoni li twassal għal ftehim fl-ewwel qari.

## 8. IL-FTEHIM INTERISTITUZZJONALI DWAR IT-TFASSIL AĦJAR TAL-LIĠIJIET

Nhar it-13 ta' April 2016 daħal fis-seħħ il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1], li ssostitwixxa l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003, u li nbena fuq diversi ftehimiet u dikjarazzjonijiet preċedenti bil-għan tal-istituzzjonalizzazzjoni tal-prattiki tajbin, filwaqt li kkomplementahom. Huwa jistabbilixxi għadd ta' inizjattivi u proċeduri mmirati lejn it-tfassil aħjar tal-liġijiet (ara l-kaxxa hawn taħt), ifakkar fl-importanza tal-metodu Komunitarju u l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, bħal-leġittimità demokratika, is-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u ċ-ċertezza tad-dritt. Jippromwovi t-trasparenza u jisħaq li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jmissha tippermetti li ċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji faċilment jifhmu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, tevita r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi u tkun prattika biex tiġi implimentata.

Għall-Parlament kien importanti li l-ftehim jikkomplementa, iżda mhux jissostitwixxi, il-Ftehim Qafas tal-2010 mal-Kummissjoni. Għalhekk, ġiet ippubblikata dikjarazzjoni mill-Parlament u mill-Kummissjoni, fejn ġie ċċarat li l-ftehim kien mingħajr preġudizzju għall-Ftehim Qafas tal-2010[2].

**Kaxxa Nru 11 - Sommarju tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-2016**

Il-ftehim il-ġdid bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jindirizza *inter alia*:

- **Il-programmazzjoni pluriennali u annwali** (paragrafi 4 sa 11): Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jikkollaboraw fil-programmazzjoni leġiżlattiva annwali u pluriennali, biex b'hekk jimplimentaw l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. It-tliet istituzzjonijiet ifasslu konklużjonijiet konġunti dwar l-objettivi u l-prijoritajiet prinċipali tal-politiki fil-bidu ta' leġiżlatura ġdida u dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali, fejn jidentifikaw dawk il-fajls li għandhom jingħataw trattament prijoritarju, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-koleġiżlaturi skont it-Trattati. Jeħtieġ li jiġi nnotat li, f'Diċembru 2016, il-Presidenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ffirmaw flimkien l-ewwel Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali, li identifikat l-inizjattivi leġiżlattivi ta' importanza politika kbira li kellhom jiġu ttrattati bħala prijoritajiet leġiżlattivi għas-sena 2017. It-tieni dokument ta' dan it-tip ġie ffirmat f'Diċembru 2017, u inkluda l-prijoritajiet leġiżlattivi sa tmiem it-8 leġiżlatura (2018-2019). Barra minn hekk, il-ftehim interistituzzjonali għandu l-għan li jtejjeb il-proċedura għall-

[1] Il-Ftehim dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tqies fir-reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, *inter alia* fl-Artikolu 38 dwar id-dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali u dwar l-irtirar, fl-Artikolu 40(4) dwar l-iskambju tal-fehmiet mal-Kunsill u mal-Kummissjoni fir-rigward ta' kontestazzjoni dwar il-validità jew l-adegwatezza tal-bażi legali, fl-Artikolu 47 dwar it-talbiet mill-PE biex jitressqu proposti leġiżlattivi, fl-Artikolu 49 dwar l-aċċellerazzjoni tal-proċess leġiżlattiv, fl-Artikolu 61 dwar skambji ta' fehmiet interistituzzjonali fil-każ ta' modifiki tal-bażi legali, u fl-Artikolu 126 dwar konklużjonijiet konġunti rigward il-programmazzjoni interistituzzjonali pluriennali.

[2] Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, ĠU L 124, 13.5.2016, p. 1.

irtirar[1] u għall-proposti għal atti tal-Unjoni li jsiru mill-Parlament jew mill-Kunsill skont l-Artikolu 225 jew l-Artikolu 241 TFUE[2].

- **L-Għodda għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (paragrafi 12 sa 24)**: il-Ftehim jirrikonoxxi l-kontribut pożittiv li jagħtu l-valutazzjonijiet tal-impatt biex jgħinu lit-tliet istituzzjonijiet jaslu għal deċiżjonijiet abbażi ta' informazzjoni tajba, filwaqt li jistqarr li dawn il-valutazzjonijiet ma jmisshomx ikunu sostitut għal deċiżjonijiet politiċi u ma jmisshomx iwasslu għal dewmien mhux dovut jew jipprevjenu lill-koleġiżlaturi milli jressqu emendi. Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, l-atti delegati u l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha tagħha li jkun mistenni li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti. Jeħtieġ li dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt jissodisfaw diversi rekwiżiti stabbiliti fil-ftehim. L-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jew fid-dikjarazzjoni konġunta, bħala regola ġenerali, jiġu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt. Il-Parlament u l-Kunsill iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt għall-emendi sostanzjali tagħhom, meta jikkunsidraw li jkunu xierqa u meħtieġa. Barra minn hekk, il-Ftehim huwa mmirat biex itejjeb il-konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-partijiet ikkonċernati, u jinkoraġġixxi b'mod partikolari l-parteċipazzjoni min-naħa tal-impriżi ta' daqs żgħir u medju, kif ukoll biex itejjeb l-evalwazzjoni ex post tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- **L-għażla tal-bażi legali (paragrafu 25)**: il-ftehim jimplika li jekk tkun prevista bidla tal-bażi legali mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja għal proċedura leġiżlattiva speċjali jew proċedura mhux leġiżlattiva, it-tliet istituzzjonijiet ikollhom skambju ta' fehmiet dwar dan. Huwa enfasizzat li l-Kummissjoni għandha tkompli taqdi kompletament ir-rwol tagħha li tiżgura r-rispett tat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

- **L-atti delegati u ta' implimentazzjoni (paragrafi 26 sa 31 u anness)**: Biex jiġu indirizzati l-problemi rikorrenti fin-negozjati interistituzzjonali fir-rigward tal-għażla bejn l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, il-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati ġie rivedut u mehmuż mal-ftehim, *inter alia* biex ġie indirizzat it-tħassib tal-Kunsill dwar il-mod kif jiġu kkonsultati l-esperti tal-Istati Membri. Skont il-Kunsill, dan kieku jiffaċilita n-negozjati dwar dik l-għażla fil-ġejjieni. Il-Fehim Komuni rivedut jiċċara kif suppost isseħħ dik il-konsultazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jiżgura li l-Parlament u l-Kunsill ikollhom aċċess ugwali għall-informazzjoni kollha. Jiżgura wkoll li l-esperti tal-Parlament u tal-Kunsill ikollhom aċċess għall-gruppi esperti tal-Kummissjoni rigward l-atti delegati. Barra minn hekk, il-ftehim ikkonferma l-ħtieġa li jinbdew negozjati dwar kriterji ta' delinjazzjoni mhux vinkolanti u, wara sentejn ta' negozjati, intlaħaq ftehim li sussegwentement ġie approvat fir-rebbiegħa tal-2019[3]. Dawn il-kriterji mhux vinkolanti issa jistgħu jintużaw mill-koleġiżlaturi bħala forma ta' gwida meta jiddeċiedu jekk għandhomx jiddelegaw is-setgħat u jekk ikun il-każ, liema strument għandhom jagħżlu. Il-ħtieġa tal-allinjament tal-leġiżlazzjoni eżistenti kollha mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona ġiet issodisfata parzjalment matul it-8 leġiżlatura u l-bqija għad irid jiġi nnegozjat. Sabiex jittejbu t-trasparenza u t-traċċabilità tal-istadji differenti kollha taċ-ċiklu tal-ħajja ta' att delegat, fi tmiem l-2017 ġie stabbilit reġistru funzjonali konġunt tal-atti delegati.

- **It-trasparenza u l-koordinazzjoni tal-proċess leġiżlattiv (paragrafi 32 sa 39)**: il-ftehim jisħaq li l-Parlament u l-Kunsill, bħala l-koleġiżlaturi, għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fuq bażi ta' parità, u li l-Kummissjoni għandha taqdi r-rwol tagħha ta' faċilitatur

[1] Ara wkoll l-Kaxxa Nru 3 fil-Kapitolu 2.3.
[2] Ara wkoll l-Kaxxa Nru 5 fil-Kapitolu 3.1.
[3] ĠU C 223, 3.7.2019

billi tittratta lill-Parlament u lill-Kunsill l-istess, b'rispett sħiħ għar-rwoli assenjati mit-Trattati. Il-ftehim għandu l-għan li jiżgura li l-istituzzjonijiet iżommu lil xulxin informati tul il-proċedura kollha kemm hi, jikkoordina l-kalendarji aħjar u, fejn ikun xieraq, iħaffef il-proċess leġiżlattiv, filwaqt li jiżgura li l-prerogattivi tal-koleġiżlaturi jiġu rispettati. Ikun tajjeb li tittejjeb il-komunikazzjoni tul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu kemm hu u li l-ftehimiet li jintlaħqu jitħabbru b'mod konġunt, pereżempju permezz ta' konferenzi stampa konġunti. Biex tiġi ffaċilitata t-trasparenza se tiġi żviluppata bażi ta' data konġunta ddedikata rigward il-qagħda attwali tal-fajls leġiżlattivi.

- **Il-ftehimiet internazzjonali (paragrafu 40)**: intlaħaq qbil rigward "klawżola rendez-vous" li, permezz tagħha, l-istituzzjonijiet impenjaw irwieħhom biex jiftħu n-negozjati dwar it-titjib tal-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni fir-rigward tan-negozjati u l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali, biex b'hekk, *inter alia*, tiġi indirizzata l-implimentazzjoni tal-Artikolu 218(10) TFUE dwar id-dritt tal-Parlament li jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura. In-negozjati bdew matul it-8 leġiżlatura u għadhom ma ġewx konklużi.
- **L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (paragrafi 41 sa 45)**: fil-ftehim sar appell lill-Istati Membri (li effettivament mhumiex parti għall-ftehim) biex jikkomunikaw b'mod ċar lill-pubbliku dawk il-miżuri li jittrasponu jew jimplimentaw il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Meta l-Istati Membri jagħżlu li jżidu elementi li ma jkunu bl-ebda mod relatati mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jkunu qed jittrasponu, ikun xieraq li jidentifikaw dawn iż-żidiet fl-att ta' traspożizzjoni jew f'dokument assoċjat. Fir-rapport annwali tagħha lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni tinkludi riferiment għal dawn iż-żidiet, fejn ikun rilevanti[1].
- **Is-semplifikazzjoni (paragrafi 46-48)**: il-ftehim jimpenja lill-firmatarji biex jużaw aktar spiss it-teknika ta' riformulazzjoni, biex jippromwovu l-armonizzazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku, biex jikkooperaw biex jaġġornaw u jissemplifikaw il-leġiżlazzjoni u biex jevitaw ir-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji, inklużi l-impriżi ta' daqs żgħir u medju, filwaqt li jiżguraw li l-objettivi tal-leġiżlazzjoni jiġu ssodisfati. Apparti l-programm eżistenti tagħha dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni se tippreżenta stħarriġ annwali tal-piżijiet li jeżamina r-riżultati tal-isforzi tal-Unjoni favur is-semplifikazzjoni. Kull fejn ikun possibbli, il-Kummissjoni tikkwantifika t-tnaqqis tal-piż regolatorju jew il-potenzjal li jiġu ffrankati riżorsi li jirriżultaw mill-proposti jew l-atti legali individwali u tivvaluta wkoll kemm ikun fattibbli li fil-programm REFIT jiġu stabbiliti objettivi għat-tnaqqis tal-piżijiet f'setturi speċifiċi.
- **L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-ftehim (paragrafi 49 u 50)**: il-ftehim jimpenja lit-tliet istituzzjonijiet biex jiżguraw li jkollhom il-mezzi u r-riżorsi rikjesti għall-implimentazzjoni tal-ftehim. Huma se jwettqu monitoraġġ konġunt u regolari ta' dik l-implimentazzjoni, kemm fil-livell politiku permezz ta' diskussjonijiet annwali u kemm f'dak tekniku fil-Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali.

[1] Barra minn hekk, il-Ftehim Interistituzzjonali jistqarr li t-tliet istituzzjonijiet żammew kompletament l-impenn li kienu ħadu favur id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni (ĠU C 369, 17.12.2011, p. 15), fejn l-istituzzjonijiet qablu li, fejn tkun iġġustifikata l-ħtieġa għal dokumenti ta' spjegazzjoni, se jiġi speċifikat fi premessa li "*l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jżidu man-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom [...] dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni*".

## 9. IĊ-ĊIFRI RELATATI MAL-PROĊEDURA LEĠIŻLATTIVA ORDINARJA

Minn mindu l-proċedura ta' kodeċiżjoni ġiet introdotta skont it-Trattat ta' Maastricht fl-1993, l-importanza relattiva tagħha meta mqabbla mal-proċedura ta' konsultazzjoni żdiedet f'kull leġiżlatura. Dan fil-biċċa l-kbira rrifletta l-estensjoni progressiva tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dik li issa saret 'il-proċedura leġiżlattiva ordinarja' tul is-snin: filwaqt li, inizjalment, bit-Trattat ta' Amsterdam u mbagħad b'dak ta' Nizza, il-bidla kienet waħda gradwali, it-Trattat ta' Lisbona, li daħal fis-seħħ f'Diċembru 2009, irrappreżenta trasformazzjoni vera u proprja tal-qafas leġiżlattiv tal-UE u ssenjala l-bidu ta' era ġdida.

Matul it-8 leġiżlatura, il-koleġiżlaturi adottaw 401 att skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (OLP). It-tnaqqis żgħir (20%) meta mqabbel mal-leġiżlatura preċedenti jista' jiġi spjegat faċilment: il-bidu tal-Parlament preċedenti (is-7 leġiżlatura) ħabat mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (Diċembru 2009), l-għadd kbir ta' proposti għall-programmi settorjali tal-QFP għall-perjodu 2014-2020 – imressqa mill-Kummissjoni matul it-tieni nofs tal-2011 – ġew konklużi qabel l-elezzjonijiet tal-2014, u l-Kummissjoni Juncker konxjament ipproponiet inqas leġiżlazzjoni.




Id-distribuzzjoni tal-fajls OLP adottati (u ffirmati) (li ma jinkludux il-kodifikazzjonijiet) fost il-kumitati tal-Parlament tikkonferma l-oqsma ta' politika ta' prijorità ta' dawn l-aħħar snin (il-ġustizzja u l-affarijiet interni, l-affarijiet ekonomiċi, l-ambjent). Bħal f'leġiżlaturi preċedenti, il-biċċa l-kbira tal-proposti skont il-proċedura leġiżlattiva

ordinarja ġew ittrattati minn għadd żgħir ta' kumitati: aktar minn 50% minn ħames kumitati; u 75% minn tmien kumitati.




Peress li 99% tal-fajls fl-ambitu tal-OLP ġew adottati jew fl-ewwel qari jew kmieni fit-tieni qari - żieda fuq iċ-ċifra magħquda ta' 93% li kiseb il-Parlament preċedenti - it-tendenza li jintlaħqu ftehimiet fi stadji bikrin tal-proċedura leġiżlattiva ġiet għaldaqstant ikkonfermata matul it-8 leġiżlatura.




Konsegwenza loġika tal-għadd akbar ta' ftehimiet li jintlaħqu fl-ewwel qari jew kmieni fit-tieni wieħed hija li inqas fajls jaslu fl-istadju tat-tieni qari jew il-proċedura ta' konċiljazzjoni, li hija tassew l-aħħar pass possibbli fejn jista' jinstab ftehim. Fl-aħħar leġiżlatura (2014-2019), għall-ewwel darba mill-introduzzjoni tal-proċedura ta' kodeċiżjoni skont it-Trattat ta' Maastricht (1993), ma kienx hemm konċiljazzjonijiet. Kien hemm biss 4 proċeduri sħaħ fit-tieni qari (jiġifieri 1%), u l-ebda waħda minn tmiem l-2015. Is-sehem ta' proċeduri kmieni fit-tieni qari żdied. Dan huwa kważi esklużivament minħabba l-għadd kbir ta' pożizzjonijiet fl-ewwel qari tal-PE (82) li ġew riportati mis-7 leġiżlatura.

Fl-aħħar leġiżlatura, it-tul medju ta' proċedura tal-atti adottati fl-ewwel qari kien ta' ftit inqas minn 18-il xahar (meta mqabbel ma' 17-il xahar għall-Parlament preċedenti). L-atti adottati kmieni fit-tieni qari ħadu medja ta' 39 xahar; dawk adottati fit-tieni qari ħadu 40 xahar.

Ta' min jinnota li, f'każijiet eċċezzjonali, il-koleġiżlaturi jistgħu jaġixxu malajr ħafna, bħal pereżempju għall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), proċedura li damet 6 xhur mill-bidu sal-aħħar (xi proposti relatati mal-Brexit kienu saħansitra aktar veloċi). Madankollu, b'mod ġenerali, il-Parlament (u l-Kunsill) jirrikonoxxu li n-negozjar u l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni (ħafna drabi kumplessa) jieħdu ż-żmien (meta jitqiesu wkoll ir-rekwiżiti tal-multilingwiżmu).

| | 1999-2004 | 2004-2009 | 2009-2014 | 2014-2019 |
|---|---|---|---|---|
| L-1 qari | 11-il xahar | 16-il xahar | 17-il xahar | 18-il xahar |
| It-2 qari | 24 xahar | 29 xahar | 32 xahar | 39 xahar |
| It-3 qari | 31 xahar | 43 xahar | 29 xahar | / |
| Medja tat-tul totali | 22 xahar | 21 xahar | 19-il xahar | 20 xahar |

## 10. TERMINOLOĠIJA

### A. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni

- **Il-Parlament Ewropew:** ara l-Kapitolu 2.1
- **Il-Kunsill:** ara l-Kapitolu 2.2
- **Il-Kummissjoni Ewropea:** ara l-Kapitolu 2.3
- **Il-Kunsill Ewropew:** ara l-Kapitolu 2.4
- **Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE):** ara l-Kapitolu 2.4
- **Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE):** ara l-Kapitolu 2.4

### B. Il-korpi tal-Unjoni

- **Il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR):** ara l-Kapitolu 2.4
- **Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE):** ara l-Kapitolu 2.4

### C. Il-Parlamenti Nazzjonali

- **Il-Protokolli Nri 1 u 2:** ara l-Kapitolu 2.4
- **Il-proċedura ta' karta safra:** ara l-Kapitolu 2.4
- **Il-proċedura ta' karta oranġjo:** ara l-Kapitolu 2.4
- **L-opinjonijiet motivati:** ara l-Kapitolu 2.4

### D. It-Trattati u l-proċeduri

- **It-Trattat ta' Lisbona, it-Trattat ta' Nizza, it-Trattat ta' Amsterdam u t-Trattat ta' Maastricht:** ara l-Kapitolu 1 u l-Kaxxa Nru 1
- **It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE):** ara l-Kapitolu 1
- **It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):** ara l-Kapitolu 1 u l-Anness I għall-artikoli rilevanti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja
- **Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja (OLP):** ara *inter alia* l-Kapitolu 1 u l-Anness I
  - **L-ewwel qari:** ara l-Kapitoli 3.2 u 4.3 u l-Kaxxa Nru 10 fil-Kapitolu 4
  - **Ftehim kmieni fit-tieni qari:** ara l-Kapitoli 3.2.2 u 4.3.1 u l-Kaxxa Nru 10 fil-Kapitolu 4
  - **It-tieni qari:** ara l-Kapitoli 3.3 u 4.3 u l-Kaxxa Nru 10 fil-Kapitolu 4
  - **Il-konċiljazzjoni u t-tielet qari:** ara l-Kapitoli 3.4 u 5 u l-Kaxxa Nru 10 fil-Kapitolu 4
- **Il-proċeduri leġiżlattivi speċjali:** ara l-Kapitolu 7
  - **Il-proċedura ta' konsultazzjoni:** ara l-Kapitolu 7.1.1
  - **Il-proċedura ta' approvazzjoni:** ara l-Kapitolu 7.1.2
- **L-atti delegati u ta' implimentazzjoni (DIAs):** ara l-Kapitolu 7.2

## E. Il-korpi, l-atturi u l-proċessi deċiżjonali fi ħdan l-istituzzjonijiet

**Il-Parlament Ewropew:**

*Il-korpi u l-atturi*

- **Il-Konferenza tal-Presidenti (CoP):** ara l-Kaxxa Nru 2 fil-Kapitolu 2.1
- **Il-Bureau:** ara l-Kaxxa Nru 2 fil-Kapitolu 2.1
- **Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati (CCC):** ara l-Kaxxa Nru 2 fil-Kapitolu 2.1
- **Il-President (u l-Viċi Presidenti):** ara l-Kapitolu 2.1
- **Il-koordinaturi:** ara l-Kapitolu 2.1
- **Ir-rapporteurs u x-shadow rapporteurs:** ara l-Kapitolu 2.1
- **Ir-rapporteur għal opinjoni:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Laqgħat max-shadow rapporteurs** ara l-Kapitolu 3.2.1

*L-involviment tad-diversi kumitati matul il-proċedura leġiżlattiva ordinarja*

- **Il-kumitat responsabbli jew il-kumitat ewlieni:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-kumitati assoċjati:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-kumitati konġunti:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-proċedura tal-Artikolu 56+:** ara n-nota f'qiegħ il-paġna għall-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1

*Teħid ta' deċiżjonijiet*

- **Ir-Regoli ta' Proċedura (RtP):** ara l-Kapitolu 4.3, il-Kaxxa Nru 12 fil-Kapitolu 8, il-Kapitolu 11 u l-Anness II
- **Il-Kodiċi ta' Kondotta:** ara l-Anness III
- **Limiti:** ara l-Kaxxa Nru 12 fil-Kapitolu 8
- **Il-kompetenza esklużiva:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-kompetenza kondiviża:** ara l-Kaxxa Nru 6 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-maġġoranza sempliċi:** ara l-Kaxxa Nru 8 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-maġġoranza kwalifikata:** ara l-Kaxxa Nru 8 fil-Kapitolu 3.2.1
- **L-emendi orali:** ara l-Kapitolu 3.2.1
- **Il-votazzjoni b'sejħa tal-ismijiet (RCV):** ara l-Kapitolu 3.2.1

**Il-Kunsill:**

*Il-korpi*

- **Il-Presidenza tal-Kunsill:** ara l-Kapitolu 2.2 u l-Anness IV
- **Coreper I u II:** ara l-Kapitolu 2.2
- **Il-Kumitat Speċjali dwar l-Agrikoltura (KSA):** ara n-nota f'qiegħ il-paġna fil-Kapitolu 2.2

- **Il-Grupp Antici:** ara l-Kapitoli 2.2 u 4.4.2
- **Il-Grupp Mertens:** ara l-Kapitoli 2.2 u 4.4.2
- **Il-gruppi ta' ħidma:** ara l-Kapitoli 2.2 u 4.4.2

*Il-proċessi deċiżjonali*

- **Ir-Regoli ta' Proċedura (RtP):** ara l-Kapitolu 2.2 u l-Kapitolu 11
- **L-approċċ ġenerali:** ara l-Kapitoli 3.2.2 u 3.4.2
- **Ir-rapporti ta' progress:** ara l-Kapitolu 3.2.2
- **Il-maġġoranza sempliċi:** ara l-Kaxxa Nru 8 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-maġġoranza kwalifikata:** ara l-Kaxxa Nru 8 fil-Kapitolu 3.2.1
- **Il-punti A u B:** ara l-Kapitolu 2.2

## Il-Kummissjoni

*Il-korpi u l-atturi*

- **Il-Kulleġġ tal-Kummissarji:** ara l-Kapitoli 2.3 u 4.4.3
- **Il-President u l-Viċi Presidenti:** ara l-Kapitolu 2.3
- **Il-Grupp għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali (GRI):** ara l-Kapitolu 2.3

*Il-proċessi deċiżjonali*

- **Ir-Regoli ta' Proċedura (RtP):** ara l-Kapitolu 2.3 u l-Kapitolu 11
- **Irtirar:** ara l-Kaxxa Nru 3 fil-Kapitolu 2.3
- **Il-Green Papers / White Papers:** ara l-Kapitolu 2.3

## F. Is-servizzi fi ħdan is-Segretarjat tal-Parlament Ewropew

- **LEGI: L-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi** (li qabel kienet l-Unità tal-Konċiljazzjonijiet u l-Kodeċiżjoni - CODE) (Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Direttorat għall-Koordinament Leġiżlattiv u tal-Kumitati) tipprovdi appoġġ, konsulenza u koordinazzjoni dwar kwistjonijiet leġiżlattivi, proċedurali u istituzzjonali. Għandha ħarsa ġenerali tal-fajls kollha li jkunu għaddejjin skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u tgħin biex jinstabu soluzzjonijiet għal kwistjonijiet proċedurali, orizzontali u speċifiċi, b'mod partikolari matul negozjati leġiżlattivi interistituzzjonali, meta tassisti lill-Membri, lill-gruppi u lis-segretarjati tal-kumitati. L-Unità tippromwovi l-koerenza bejn il-kumitati parlamentari fil-ħidma leġiżlattiva tagħhom, anke permezz tal-iskambju tal-aħjar prassi, tal-organizzazzjoni ta' netwerks informali u ta' sessjonijiet ta' taħriġ. Għandha wkoll għarfien espert speċifiku dwar aspetti relatati mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni, u tibqa' f'kuntatt mal-istituzzjonijiet l-oħra dwar kwistjonijiet interistituzzjonali relatati mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Barra minn hekk, tiżvolġi r-rwol tas-segretarjat matul it-tielet qari tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (OLP) (i.e. matul il-proċeduri ta' konċiljazzjoni). L-Unità LEGI tgħin ukoll fl-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' ffirmar tat-testi leġiżlattivi finali mill-Parlament u mill-Kunsill.

- **COORDLEG: L-Unità tal-Koordinament tal-Kumitati u l-Programmazzjoni Leġiżlattiva** (Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Direttorat għall-Koordinament Leġiżlattiv u tal-Kumitati) torganizza l-laqgħat tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u tassisti lill-President tagħha, tħejji r-rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għall-aġendi tas-sessjonijiet parzjali futuri, tindirizza l-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-kompetenzi rispettivi tal-kumitati u l-kooperazzjoni reċiproka bejniethom, tissorvelja l-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, tiżgura l-koordinament ta' kull tip ta' attività min-naħa tal-kumitati (il-laqgħat mal-kostitwenti, is-seduti ta' smigħ tal-kummissarji nominati, ir-rapporti ta' inizjattiva, il-programmi tas-seduti ta' smigħ, il-missjonijiet u l-attivitajiet mal-parlamenti nazzjonali) u tagħti pariri lis-segretarjati tal-kumitati dwar kwistjonijiet proċedurali/organizzattivi, eċċ. b'mod partikolari permezz tal-iskambji tal-aħjar prattika.

- **DLA:** Id-Direttorat għall-Atti Leġiżlattivi (Direttorat Ġenerali għall-Presidenza) jinkludi l-ġuristi lingwisti tal-Parlament. Dawn il-ġuristi lingwisti, li jaħdmu bl-24 lingwa kollha kemm huma, fost il-kompiti l-oħra li għandhom, jipprovdu assistenza fl-abbozzar leġiżlattiv għall-Membri, il-gruppi u s-segretarjati tal-kumitati tul il-proċess leġiżlattiv u, flimkien mal-Kunsill, huma responsabbli għall-finalizzazzjoni ġuridika lingwistika tal-atti kollha li jiġu adottati fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Fil-kuntest tat-timijiet tal-proġetti, il-ġurista lingwista li jkun qed isegwi fajl leġiżlattiv partikolari jipprovdi wkoll assistenza proċedurali u programmattiva għall-istadji suċċessivi tal-proċess leġiżlattiv u jaġixxi bħala punt ta' kuntatt bejn is-segretarjat tal-kumitat u s-servizzi l-oħra fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Presidenza.

- **LS:** Il-kompiti tas-Servizz Legali jinkludu żewġ aspetti: jagħti pariri lill-Parlament rigward il-kwistjonijiet legali u jirrappreżentah fil-proċedimenti ġudizzjarji. Fir-rwol konsultattiv tiegħu, is-Servizz Legali jassisti lill-korpi politiċi tal-Parlament (il-President, il-Bureau, il-Konferenza tal-Presidenti, il-Kwesturi u l-kumitati parlamentari) u lis-Segretarjat tiegħu tul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu. Jipprovdi opinjonijiet ġuridiċi indipendenti u joffri assistenza kontinwa lill-kumitati parlamentari. Fl-istess ħin, il-membri tas-Servizz Legali, bħala aġenti tal-Parlament, jirrappreżentaw lill-istituzzjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali meta tiġi kkontestata l-leġiżlazzjoni li tkun ġiet deċiża b'mod konġunt mill-Parlament u mill-Kunsill.

# 11. LINKS UTLI

| **Il-Parlament** | www.europarl.europa.eu |
|---|---|
| Ir-Regoli ta' Proċedura | http://www.europarl.europa.eu/sides/getLastRules.do?language=MT&reference=TOC |
| Is-sit dwar il-Proċedura Leġiżlattiva Ordinarja (inkluża statistika) | http://www.europarl.europa.eu/ordinary-legislative-procedure/mt/home.html |
| L-Osservatorju Leġiżlattiv<br><br>(il-bażi ta' data dwar il-proċess deċiżjonali fil-livell interistituzzjonali) | http://www.europarl.europa.eu/oeil/home/home.do<br><br>Fir-rigward tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, huma disponibbli *inter alia* d-dokumenti li ġejjin:<br><br>*Fl-ewwel qari tal-Parlament*:<br>• L-abbozz ta' rapport u r-rapport finali mfassla minn rapporteur u adottati mill-kumitat responsabbli (l-istess jgħodd għall-opinjonijiet li jitħejjew minn kumitati oħra)<br>• L-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni li jitqiegħdu fuq il-Mejda f'kumitat<br>• L-emendi li jitqiegħdu fuq il-Mejda fil-plenarja<br>• Il-pożizzjoni li l-Parlament ikun adotta fl-ewwel qari<br><br>*Fit-tieni qari tal-Parlament*:<br>• L-abbozz ta' rakkomandazzjoni u r-rakkomandazzjoni finali għat-tieni qari mfassla minn rapporteur u adottati mill-kumitat ewlieni<br>• L-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li jitqiegħdu fuq il-Mejda f'kumitat<br>• L-emendi li jitqiegħdu fuq il-Mejda fil-plenarja<br>• Il-pożizzjoni li l-Parlament ikun adotta fit-tieni qari<br><br>*Il-konċiljazzjoni u t-tielet qari*:<br>• It-test konġunt miftiehem mill-kumitat ta' konċiljazzjoni<br>• Id-deċiżjoni li l-Parlament ikun adotta fit-tielet qari<br><br>*Fin-negozjati interistituzzjonali*:<br>• Il-mandat ta' negozjar tal-Parlament<br>• Il-ftehim provviżorju |
| **Il-Kunsill** | https://www.consilium.europa.eu/mt/ |
| Ir-Regoli ta' Proċedura | http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32009D0937&from=MT |
| Ir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill | http://www.consilium.europa.eu/mt/documents-publications/public-register/ |

| **Il-Kummissjoni** | https://ec.europa.eu/commission/index_mt |
|---|---|
| Ir-Regoli ta' Proċedura | http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32010D0138&from=MT |
| Is-sit 'Insegwiment tat-tfassil tal-liġijiet' | https://ec.europa.eu/info/law/track-law-making_mt |
| Is-sit tal-Pjattaforma REFIT | https://ec.europa.eu/info/law/law-making-process/overview-law-making-process/evaluating-and-improving-existing-laws/reducing-burdens-and-simplifying-law/refit-platform_mt |
| Konsultazzjonijiet | https://ec.europa.eu/info/consultations_mt |
| Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt u l-Pjanijiet Direzzjonali tal-proposti leġiżlattivi ppjanati | http://ec.europa.eu/smart-regulation/impact/index_mt.htm |
| **It-Trattati** | |
| Il-verżjonijiet konsolidati tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) | http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2012:326:FULL:MT:PDF |
| Lista tal-bażijiet ġuridiċi li jistabbilixxu l-proċedura leġiżlattiva ordinarja fit-Trattat ta' Lisbona[1] | http://www.epgencms.europarl.europa.eu/cmsdata/upload/89445f93-5ccc-405a-b0dd-d37f09c4a9e9/List_of_legal_bases.pdf |
| **Il-Ftehimiet Interistituzzjonali** | |
| Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (2016) | http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32016Q0512(01)&from=MT |
| Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea (2010) | http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32010Q1120(01)&from=MT |
| Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni (2007) | http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32007C0630(01)&from=MT |

[1] Riprodotta mir-Rapport A6-0013/2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona (2007/2286(INI)).

| **L-għodod ta' tiftix l-oħra** | |
|---|---|
| EUR-Lex | http://eur-lex.europa.eu/homepage.html |
| L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet) | https://publications.europa.eu/mt/home |
| Ir-reġistru tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni | https://webgate.ec.europa.eu/regdel/#/home |
| Il-kriterji ta' delinjazzjoni | https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2019.223.01.0001.01.MLT&toc=OJ:C:2019:223:TOC |

# ANNESSI

# ANNESS I - L-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

1. Meta fit-Trattati jkun hemm referenza għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-adozzjoni ta' att, għandha tapplika l-proċedura li ġejja.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

***L-ewwel qari***

3. Il-Parlament Ewropew għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Kunsill.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att inkwistjoni għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

5. Jekk il-Kunsill ma japprovax il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari u jikkomunikaha lill-Parlament Ewropew.

6. Il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bir-raġunijiet li wassluh sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew kompletament bil-pożizzjoni tagħha.

***It-tieni qari***

7. Jekk, fi żmien tliet xhur minn din il-komunikazzjoni, il-Parlament Ewropew:

(a) japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jew ma jkunx ħa deċiżjoni, l-att konċernat għandu jiġi kkunsidrat adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

(b) jirrifjuta, b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, l-att propost għandu jitqies li ma ġiex adottat;

(c) jipproponi, b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu, emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, it-test hekk emendat għandu jintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, li għandha tagħti opinjoni dwar dawk l-emendi.

8. Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi l-emendi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata:

(a) japprova dawk l-emendi kollha, l-att inkwistjoni għandu jitqies li ġie adottat;

(b) ma japprovax l-emendi kollha, il-President tal-Kunsill, bi ftehim mal-President tal-Parlament Ewropew, għandu jsejjaħ laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fi żmien sitt ġimgħat.

9. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu fuq l-emendi li fuqhom il-Kummissjoni tkun tat opinjoni negattiva.

### *Konċiljazzjoni*

10. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandu jkun kompost mill-membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom, u numru ugwali ta' membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew, għandu l-kompitu li jilħaq ftehim dwar test [konġunt], b'maġġoranza kwalifikata tal-membri tal-Kunsill jew ir-rappreżentanti tagħhom u b'maġġoranza tal-membri li jirrappreżentaw il-Parlament Ewropew fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjaħ, abbażi tal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fit-tieni qari.

11. Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa fix-xogħol tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u għandha tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa bil-ħsieb li tirrikonċilja l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

12. Jekk, fi żmien sitt ġimgħat minn meta jissejjaħ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ma japprovax it-test konġunt, l-att propost għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.

### *It-tielet qari*

13. Jekk, f'dak il-perjodu, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni japprova test konġunt, il-Parlament Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza tal-voti espressi, u l-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandhom kull wieħed ikollhom perjodu ta' sitt ġimgħat minn din l-approvazzjoni sabiex fih jadottaw l-att inkwistjoni skont dan it-test. Jekk jonqsu li jagħmlu dan, l-att propost għandu jitqies li ma jkunx ġie adottat.

14. Il-perjodi ta' tliet xhur u sitt ġimgħat previsti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mtawla b'massimu ta' xahar u ġimagħtejn rispettivament fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

### *Dispożizzjonijiet speċjali*

15. Meta, fil-każijiet previsti mit-Trattati, att leġiżlattiv ikun suġġett għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja fuq l-inizjattiva ta' grupp ta' Stati Membri, fuq rakkomandazzjoni mill-Bank Ċentrali Ewropew, jew fuq it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-paragrafu 2, it-tieni sentenza tal-paragrafu 6, u l-paragrafu 9 m'għandhomx japplikaw.

F'dawn il-każijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkomunikaw l-abbozz tal-att propost lill-Kummissjoni flimkien mal-pożizzjonijiet tagħhom fl-ewwel u fit-tieni qari. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jitolbu l-opinjoni tal-Kummissjoni tul il-proċedura kollha, liema opinjoni tista' tingħata wkoll mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha stess. Din tista' wkoll, jekk tqis meħtieġ, tipparteċipa fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni skont il-paragrafu 11.

## ANNESS II - L-artikoli mir-Regoli ta' Proċedura rilevanti għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja

| | |
|---|---|
| **Taqsima 1 - L-ewwel qari** | |
| Artikolu 59 | (votazzjoni fil-plenarja) |
| Artikolu 60 | (riferiment lura) |
| Artikolu 62 | (ftehim) |
| **Taqsima 2 - It-tieni qari** | |
| Artikolu 63 | (pożizzjoni tal-Kunsill) |
| Artikolu 64 | (limiti ta' żmien) |
| Artikolu 65 | (kumitat) |
| Artikolu 66 | (plenarja) |
| Artikolu 67 | (votazzjoni) |
| Artikolu 68 | (ammissibilità) |
| Artikolu 69 | (ftehim) |
| **Taqsima 3 - In-negozjati interistituzzjonali** | |
| Artikolu 70 | (ġenerali) |
| Artikolu 71 | (l-ewwel qari tal-PE) |
| Artikolu 72 | (kmieni fit-tieni qari) |
| Artikolu 73 | (it-tieni qari) |
| Artikolu 74 | (tmexxija tan-negozjati) |
| **Taqsima 4 - Il-konċiljazzjoni u t-tielet qari** | |
| Artikolu 75 | (limiti ta' żmien) |
| Artikolu 76 | (tlaqqigħ tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni) |
| Artikolu 77 | (delegazzjoni) |
| Artikolu 78 | (test konġunt) |

**Artikolu 59 : Votazzjoni fil-Parlament – l-ewwel qari**

1. Il-Parlament jista' japprova, jemenda jew jiċħad l-abbozz ta' att leġiżlattiv.

2. Il-Parlament għandu l-ewwel jivvota fuq kwalunkwe proposta għaċ-ċaħda immedjata tal-abbozz ta' att leġiżlattiv li jkun tqiegħed fuq il-Mejda bil-miktub mill-kumitat responsabbli, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx.

Jekk il-proposta għaċ-ċaħda tiġi adottata, il-President għandu jitlob lill-istituzzjoni li minnha toriġina l-proposta biex tirtira l-abbozz ta' att leġiżlattiv.

Jekk l-istituzzjoni li minnha toriġina l-proposta tagħmel dan, il-President għandu jiddikjara l-proċedura magħluqa.

Jekk l-istituzzjoni li minnha toriġina l-proposta ma tirtirax l-abbozz ta' att leġiżlattiv, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari tal-Parlament huwa magħluq, ħlief jekk, fuq proposta tal-President jew tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew ta' grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, il-Parlament jiddeċiedi li jirriferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għal eżami mill-ġdid.

Jekk il-proposta għaċ-ċaħda ma tiġix adottata, il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi skont il-paragrafi 3, 4 u 5.

3. Kull ftehim proviżorju mqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4), għandu jingħata prijorità fil-votazzjoni u għandu jitressaq għal votazzjoni waħdanija, sakemm, fuq talba ta' grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, il-Parlament ma jiddeċidix li jipproċedi bil-votazzjoni fuq l-emendi skont l-paragrafu 4. F'dan il-każ, il-Parlament għandu jiddeċiedi wkoll jekk il-votazzjoni fuq l-emendi għandhiex issir minnufih. Jekk le, il-Parlament għandu jistabbilixxi skadenza ġdida biex l-emendi jitqiegħdu fuq il-Mejda u l-votazzjoni għandha ssir f'seduta suċċessiva.

Jekk, b'dik il-votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju jiġi adottat, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari tal-Parlament ġie konkluż.

Jekk, b'dik il-votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju jonqos milli jiżgura l-maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jistabbilixxi skadenza ġdida biex l-emendi għall-abbozz ta' att leġiżlattiv jitqiegħdu fuq il-Mejda. Dawn l-emendi mbagħad għandu jittieħed vot fuqhom f'seduta suċċessiva biex il-Parlament jikkonkludi l-ewwel qari tiegħu.

4. Ħlief fejn proposta għal ċaħda tkun ġiet adottata skont il-paragrafu 2 jew ftehim proviżorju jkun ġie adottat skont il-paragrafu 3, kull emenda għall-abbozz ta' att leġiżlattiv imbagħad għandu jittieħed vot fuqha, inkluż, fejn applikabbli, partijiet

individwali tal-ftehim proviżorju, meta jkunu saru talbiet għal votazzjonijiet maqsuma jew separati jew ikunu tqiegħdu fuq il-Mejda emendi li jikkompetu.

Qabel ma l-Parlament jivvota fuq l-emendi, il-President jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel il-kummenti tiegħu.

Wara li jkun ivvota fuq dawk l-emendi, il-Parlament għandu jivvota fuq l-abbozz ta' att leġiżlattiv kollu kemm hu, emendat jew le.

Jekk l-abbozz ta' att leġiżlattiv kollu, emendat jew le, jiġi adottat, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari jkun ġie konkluż, sakemm, fuq proposta tal-President jew tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew ta' grupp politiku jew ta' għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, il-Parlament ma jiddeċidix li jirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli, għal negozjati interistituzzjonali skont l-Artikoli 60 u 74.

Jekk l-abbozz tal-att leġiżlattiv kollu, kif emendat jew le, jonqos milli jiżgura maġġoranza tal-voti mitfugħa, il-President għandu jħabbar li l-ewwel qari jkun ġie konkluż, sakemm, fuq proposta tal-President jew tar-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew ta' grupp politiku jew ta' għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, il-Parlament ma jiddeċidix li jirreferi l-kwistjoni lura lill-kumitat responsabbli għal eżami mill-ġdid.

5. Wara l-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 2, 3 u 4, u l-votazzjonijiet li mbagħad jittieħdu fuq l-emendi għall-abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva rigward talbiet proċedurali, jekk ikun hemm, ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva għandha titqies li ġiet adottata. Jekk ikun hemm bżonn, ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva għandha tiġi modifikata, skont l-Artikolu 203(2), sabiex tirrifletti r-riżultat tal-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 2, 3 u 4.

It-test tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva u tal-pożizzjoni tal-Parlament għandhom jitressqu, mill-President, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll, fejn l-abbozz ta' att leġiżlattiv joriġina minnhom, lill-grupp ta' Stati Membri, lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lill-Bank Ċentrali Ewropew.

### Artikolu 60 : Riferiment lura lill-kumitat responsabbli

Jekk, skont l-Artikolu 59, il-kwistjoni tiġi riferuta lura lill-kumitat responsabbli għal eżami mill-ġdid jew għal negozjati interistituzzjonali skont l-Artikolu 74, il-kumitat responsabbli għandu, oralment jew bil-miktub, jirrapporta lill-Parlament fi żmien erba' xhur. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti.

*Wara riferiment lura lill-kumitat, il-kumitat responsabbli jeħtieġlu, qabel ma jieħu deċiżjoni dwar il-proċedura, jippermetti li kumitat assoċjat, kif jipprevedi l-Artikolu 57, jagħmel għażliet dwar l-emendi li huma rilevanti għall-kompetenza esklużiva tiegħu, u b'mod partikolari l-għażla ta' emendi li għandhom jiġu ppreżentati mill-ġdid fil-plenarja.*

*Xejn ma jipprevjeni lill-Parlament milli jiddeċiedi li jagħmel, jekk ikun il-każ, dibattitu ta' konklużjoni wara r-rapport mill-kumitat responsabbli li lilu tkun ġiet riferuta lura l-kwistjoni.*

**Artikolu 62 : Ftehim fl-ewwel qari**

Fejn, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill ikun għarraf lill-Parlament li jkun approva l-pożizzjoni tal-Parlament, il-President, wara l-finalizzazzjoni skont l-Artikolu 203, għandu jħabbar fil-Parlament li l-att leġiżlattiv ikun ġie adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament.

**Artikolu 63 : Komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill**

1. Il-komunikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sseħħ meta titħabbar mill-President fil-Parlament. Il-President għandu jagħmel it-tħabbira wara li jkun irċieva d-dokumenti li jkun fihom il-pożizzjoni nnifisha, id-dikjarazzjonijiet kollha li jsiru fil-minuti tal-Kunsill meta jadotta il-pożizzjoni, ir-raġunijiet li wasslu lill-Kunsill sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, tradotti kif imiss fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. It-tħabbira mill-President għandha ssir waqt l-ewwel sessjoni parzjali wara l-wasla ta' dawk id-dokumenti.

*Qabel jagħmel it-tħabbira, il-President għandu jistabbilixxi, wara li jikkonsulta lill-president tal-kumitat responsabbli, jew ir-rapporteur, jew lit-tnejn li huma, li t-test li jkun rċieva jkun tabilħaqq pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u li ċ-ċirkustanzi deskritti fl-Artikolu 61 ma japplikawx. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-President, flimkien mal-kumitat responsabbli u, fejn hu possibbli, bi ftehim mal-Kunsill, għandu jfittex soluzzjoni xierqa.*

2. Fil-jum meta titħabbar fil-Parlament, il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha titqies li tkun tressqet awtomatikament quddiem il-kumitat responsabbli fl-ewwel qari.

3. Għandha tiġi pubblikata lista ta' dawn il-komunikazzjonijiet fil-minuti tas-seduta flimkien mal-isem tal-kumitat responsabbli.

**Artikolu 64 : Estensjoni ta' skadenzi**

1. Il-President, fuq talba tal-President tal-kumitat responsabbli, għandu jestendi l-limiti ta' żmien għat-tieni qari skont l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-President għandu javża lill-Parlament b'kull estensjoni tal-limitu ta' żmien skont l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sew jekk dawk l-estensjonijiet ikunu fuq inizjattiva tal-Parlament sew jekk ikunu fuq inizjattiva tal-Kunsill.

**Artikolu 65 : Proċedura fil-kumitat responsabbli**

1. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tiddaħħal bħala punt ta' prijorità fl-aġenda tal-ewwel laqgħa tal-kumitat responsabbli li ssir wara l-komunikazzjoni tal-pożizzjoni. Il-Kunsill jista' jiġi mistieden jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu.

2. Ħlief jekk il-kumitat responsabbli jiddeċiedi mod ieħor, ir-rapporteur fit-tieni qari għandu jkun l-istess bħar-rapporteur fl-ewwel qari.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 68(2) u (3) rigward l-ammissibilità tal-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill għandhom japplikaw għall-proċeduri fil-kumitat responsabbli; membri u sostituti permanenti ta' dak il-kumitat biss jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda proposti għal ċaħda jew għal emendi. Il-kumitat għandu jiddeċiedi b'maġġoranza tal-voti mitfugħa.

4. Il-kumitat responsabbli għandu jippreżenta rakkomandazzjoni għat-tieni qari li tipproponi li tapprova, temenda jew tiċħad il-pożizzjoni adottata mill-Kunsill. Ir-rakkomandazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni qasira għad-deċiżjoni proposta.

5. L-Artikoli 51, 52, 56 u 198 m'għandhomx japplikaw waqt it-tieni qari.

**Artikolu 66 : Tressiq quddiem il-Parlament**

Il-pożizzjoni tal-Kunsill u, fejn tkun disponibbli, ir-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu awtomatikament fl-abbozz tal-aġenda għas-sessjoni parzjali li l-jum tal-Erbgħa tagħha jkun jaħbat qabel u jkun eqreb għall-jum tal-iskadenza ta' tliet xhur jew, jekk jiġi estiż skont l-Artikolu 64, ta' erba' xhur, ħlief jekk il-kwistjoni kienet ikkunsidrata f'sessjoni parzjali ta' qabel.

**Artikolu 67 : Votazzjoni fil-Parlament – it-tieni qari**

1. Il-Parlament għandu l-ewwel jivvota fuq kwalunkwe proposta għaċ-ċaħda immedjata tal-pożizzjoni tal-Kunsill li tkun tqiegħdet fuq il-Mejda bil-miktub mill-kumitat responsabbli, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx. Biex tiġi adottata, din il-proposta għaċ-ċaħda għandha tirrikjedi l-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.

Jekk din il-proposta għal ċaħda tiġi adottata, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi miċħuda u l-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-proċedura leġiżlattiva hija magħluqa.

Jekk il-proposta għaċ-ċaħda ma tiġix adottata, il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi skont il-paragrafi 2 sa 5.

2. Kull ftehim proviżorju mqiegħed fuq il-Mejda mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 74(4), għandu jingħata prijorità fil-votazzjoni u għandu jitressaq għal votazzjoni waħdanija, sakemm, fuq talba ta' grupp politiku jew ta' għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, il-Parlament jiddeċiedi li jipproċedi immedjatament bil-votazzjoni dwar l-emendi bi qbil mal-paragrafu 3.

Jekk, b'votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju jikseb il-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li t-tieni qari tal-Parlament ikun ġie konkluż.

Jekk, b'votazzjoni waħdanija, il-ftehim proviżorju ma jiksibx il-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament, il-Parlament għandu mbagħad jipproċedi skont il-paragrafi 3, 4 u 5.

3. Ħlief fejn proposta għal ċaħda tkun ġiet adottata skont il-paragrafu 1 jew fejn ftehim proviżorju jkun ġie adottat skont il-paragrafu 2, kwalunkwe emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill, inklużi dawk li jinsabu fil-ftehim proviżorju mqiegħed fuq il-Mejda skont l-Artikolu 74(4) mill-kumitat responsabbli, għandu jittieħed vot fuqhom. Kwalunkwe emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tiġi adottata biss jekk tikseb il-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.

Qabel il-votazzjoni fuq l-emendi, il-President jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara l-pożizzjoni tagħha u jista' jitlob lill-Kunsill sabiex jagħmel il-kummenti tiegħu.

4. Minkejja votazzjoni mill-Parlament kontra l-proposta inizjali għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill skont il-paragrafu 1, il-Parlament jista', fuq proposta tal-President jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli jew ta' grupp politiku jew ta' għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, jeżamina proposta oħra għaċ-ċaħda wara li jivvota fuq l-emendi skont il-paragrafi 2 jew 3. Biex tiġi adottata, din il-proposta għandha tirrikjedi l-voti tal-maġġoranza tal-Membri li jagħmlu parti mill-Parlament.

Jekk il-pożizzjoni tal-Kunsill tkun miċħuda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-proċedura leġiżlattiva tkun magħluqa.

5. Wara l-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 1 sa 4 u kwalunkwe votazzjoni sussegwenti li jittieħdu dwar l-emendi għall-abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva dwar talbiet proċedurali, il-President għandu jħabbar li t-tieni qari tal-Parlament ikun ġie konkluż u r-riżoluzzjoni leġiżlattiva għandha titqies li tkun ġiet adottata. Jekk ikun hemm bżonn, ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva għandha tiġi modifikata, skont l-Artikolu 203(2), sabiex tirrifletti r-riżultat tal-votazzjonijiet li jittieħdu skont il-paragrafi 1 sa 4 jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 69.

It-test tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva u tal-pożizzjoni tal-Parlament, jekk ikun hemm, għandhom jintbagħtu mill-President lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Meta ma tkun tqiegħdet fuq il-Mejda l-ebda proposta sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni tal-Kunsill, din għandha titqies li ġiet approvata.

**Artikolu 68 : Ammissibilità tal-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill**

1. Il-kumitat responsabbli, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill biex jiġu eżaminati fil-Parlament.

2. Emenda għall-pożizzjoni tal-Kunsill tkun ammissibbli biss jekk tkun skont l-Artikoli 180 u 181 u tkun tfittex li:

(a) terġa' ġġib lura kompletament jew parzjalment il-pożizzjoni adottata mill-Parlament fl-ewwel qari tiegħu; jew

(b) tilħaq kompromess bejn il-Kunsill u l-Parlament; jew

(c) temenda parti mit-test ta' pożizzjoni tal-Kunsill li ma kinitx inkluża fil-proposta ppreżentata fl-ewwel qari jew li kienet differenti minnha fil-kontenut; jew

(d) tqis fatt ġdid jew sitwazzjoni legali ġdida li seħħew minn meta saret l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari.

Id-diskrezzjoni tal-President li jiddikjara emenda ammissibbli jew mhux ammissibbli ma tistax tiġi kkontestata.

3. Jekk ikunu saru elezzjonijiet ġodda minn mindu jkun sar l-ewwel qari, imma l-Artikolu 61 ma jkunx ġie invokat, il-President jista' jiddeċiedi li jneħħi r-restrizzjonijiet dwar l-ammissibilità stipulati fil-paragrafu 2.

**Artikolu 69 : Ftehim fit-tieni qari**

Meta ebda proposta għaċ-ċaħda tal-pożizzjoni tal-Kunsill, u ebda emenda għal dik il-pożizzjoni ma jkunu tqiegħdu fuq il-Mejda skont l-Artikoli 67 u 68 fiż-żmien stabbilit għat-tqegħid fuq il-Mejda u t-teħid ta' vot fuq l-emendi jew fuq proposti għaċ-ċaħda, il-President għandu jħabbar fil-Parlament li l-att propost ġie adottat b'mod definittiv.

**Artikolu 70 : Dispożizzjonijiet ġenerali**

Negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħrajn bil-għan li jintlaħaq ftehim waqt proċedura leġiżlattiva jistgħu jitwettqu biss wara deċiżjoni meħuda skont l-Artikoli 71 sa 73, jew wara riferiment lura lill-Parlament għal negozjati interistituzzjonali. Tali negozjati għandhom jitwettqu filwaqt li jitqies il-Kodiċi ta' Kondotta stabbilit mill-Konferenza tal-Presidenti [(1)].

(1) Kodiċi ta' kondotta għal negozjar fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (ara l-Kompendju - Parti C.2.)

**Artikolu 71 : Negozjati qabel l-ewwel qari tal-Parlament**

1. Meta l-kumitat ikun adotta rapport leġiżlattiv skont l-Artikolu 51, huwa jista' jiddeċiedi, permezz tal-maġġoranza tal-membri tiegħu, li jidħol f'negozjati abbażi ta' dak ir-rapport.

2. Id-deċiżjonijiet biex jibdew negozjati għandhom jitħabbru fil-bidu tas-sessjoni parzjali li ssegwi l-adozzjoni tagħhom fil-kumitat. Sa tmiem il-jum ta' wara t-tħabbira fil-Parlament, għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju jistgħu jitolbu bil-miktub li deċiżjoni ta' kumitat għal dħul f'negozjati jittieħed vot fuqhom. Il-Parlament għandu jivvota fuq dawn it-talbiet matul l-istess sessjoni parzjali.

Jekk ma ssir l-ebda talba sal-iskadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu, il-President għandu jinforma lill-Parlament li dan huwa l-każ. Jekk issir talba, il-President jista', immedjatament qabel il-votazzjoni, jagħti d-dritt tal-kelma lil kelliem wieħed favur id-deċiżjoni ta' kumitat għal dħul f'negozjati u kelliem wieħed kontra dik id-deċiżjoni. Kull kelliem jista' jagħmel diskors ta' mhux aktar minn żewġ minuti.

3. Jekk il-Parlament jirrifjuta d-deċiżjoni tal-kumitat li jidħol f'negozjati, l-abbozz ta' att leġiżlattiv u r-rapport tal-kumitat responsabbli għandhom jitqiegħdu fl-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' wara, u l-President għandu jistabbilixxi skadenza biex l-emendi jitqiegħdu fuq il-Mejda. L-Artikolu 59(4) għandu japplika.

4. In-negozjati jistgħu jibdew fi kwalunkwe ħin wara l-iskadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 mingħajr talba għal votazzjoni fil-Parlament dwar id-deċiżjoni meħuda għal dħul f'negozjati. Jekk din it-talba tkun saret, in-negozjati jistgħu jibdew fi kwalunkwe żmien wara li d-deċiżjoni tal-kumitat biex jidħol f'negozjati tkun ġiet approvata fil-Parlament.

**Artikolu 72 : Negozjati qabel l-ewwel qari tal-Kunsill**

Fejn il-Parlament ikun adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, din għandha tikkostitwixxi l-mandat għal kwalunkwe negozjati ma' istituzzjonijiet oħra. Il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi, b'maġġoranza tal-membri tiegħu, li jidħol f'negozjati fi kwalunkwe ħin wara dan. Tali deċiżjonijiet għandhom jitħabbru fil-Parlament matul is-sessjoni parzjali wara l-votazzjoni fil-kumitat u referenza għalihom għandha tiġi inkluża fil-minuti.

**Artikolu 73 : Negozjati qabel it-tieni qari tal-Parlament**

Meta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tkun ġiet riferuta lill-kumitat responsabbli, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari għandha, soġġetta għall-Artikolu 68, tikkostitwixxi l-mandat għal kwalunkwe negozjati ma' istituzzjonijiet oħrajn. Il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi li jidħol f'negozjati fi kwalunkwe ħin sussegwenti.

Meta l-pożizzjoni tal-Kunsill tkun tinkludi elementi li ma jkunux koperti mill-abbozz ta' att leġiżlattiv jew mill-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, il-kumitat jista' jadotta linji gwida, inkluż fil-forma ta' emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, għat-tim tan-negozjati.

**Artikolu 74 : Tmexxija tan-negozjati**

1. It-tim tan-negozjati tal-Parlament għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu jiġi ppresedut mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-President. Huwa għandu jinkludi għall-anqas ix-shadow rapporteurs minn kull grupp politiku li jixtieq jipparteċipa.

2. Kull dokument maħsub biex jiġi eżaminat f'laqgħa mal-Kunsill u mal-Kummissjoni ("trilogu") għandu jitqassam lit-tim tan-negozjati tal-anqas 48 siegħa qabel jew, f'każijiet ta' urġenza, tal-anqas 24 siegħa qabel dak it-trilogu.

3. Wara kull trilogu, il-President tat-tim tan-negozjati u r-rapporteur, f'isem it-tim tan-negozjati, għandhom jirrapportaw lura għal-laqgħa li jmiss tal-kumitat responsabbli.

Meta ma jkunx fattibbli li tissejjaħ laqgħa tal-kumitat b'mod f'waqtu, il-President tat-tim tan-negozjati u r-rapporteur, f'isem it-tim tan-negozjati, għandhom jirrapportaw lura għal laqgħa tal-koordinaturi tal-kumitati.

4. Jekk in-negozjati jwasslu għal ftehim proviżorju, il-kumitat responsabbli għandu jkun infurmat mingħajr dewmien. Id-dokumenti li jirriflettu l-eżitu tat-trilogu konklużiv għandhom ikunu disponibbli għall-kumitat responsabbli u għandhom jiġu ppubblikati. Il-ftehim proviżorju għandu jitressaq lill-kumitat responsabbli, li għandu jiddeċiedi, permezz ta' votazzjoni waħdanija b'maġġoranza tal-voti mitfugħa, jekk japprovahx. Jekk jiġi approvat, għandu jitressaq għall-eżami mill-Parlament, fi preżentazzjoni li turi b'mod ċar il-modifiki li jkunu saru fl-abbozz ta' att leġiżlattiv.

5. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati kkonċernati skont l-Artikoli 57 u 58, ir-regoli dettaljati għall-ftuħ tan-negozjati u għat-tmexxija ta' tali negozjati għandhom jiġu ddeterminati mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati b'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'dawk l-Artikoli.

**Artikolu 75 : Estensjoni tal-limiti taż-żmien**

1. Il-President, fuq talba tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-kumitat ta' konċiljazzjoni, jestendi l-limiti ta' żmien għat-tielet qari skont l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Il-President għandu javża lill-Parlament b'kull estensjoni tal-limitu ta' żmien skont l-Artikolu 294(14) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, sew jekk dawk l-estensjonijiet ikunu fuq inizjattiva tal-Parlament sew jekk ikunu fuq inizjattiva tal-Kunsill.

**Artikolu 76 : Tlaqqigħ tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni**

Meta l-Kunsill jinforma lill-Parlament li ma jkunx jista' japprova l-emendi kollha tal-Parlament għall-pożizzjoni tal-Kunsill, il-President għandu, flimkien mal-Kunsill, jiftiehem dwar ħin u post għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. L-iskadenza

ta' sitt ġimgħat jew, jekk tittawwal, ta' tmien ġimgħat, kif stipulat fl-Artikolu 294(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha tibda mill-jum meta jiltaqa' l-ewwel darba l-Kumitat.

**Artikolu 77 : Delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni**

1. Id-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandha tkun magħmula minn numru ta' membri illi jkun ugwali għan-numru ta' membri tad-delegazzjoni tal-Kunsill.

2. Il-kompożizzjoni politika tad-delegazzjoni għandha tikkorrispondi mal-kompożizzjoni tal-Parlament skont gruppi politiċi. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi n-numru eżatt ta' Membri minn kull grupp politiku li għandhom iservu bħala membri tad-delegazzjoni tal-Parlament.

3. Il-membri tad-delegazzjoni għandhom jinħatru mill-gruppi politiċi għal kull każ ta' konċiljazzjoni, preferibbilment minn fost il-membri tal-kumitat responsabbli, ħlief għal tliet membri li għandhom jinħatru bħala membri permanenti ta' delegazzjonijiet konsekuttivi għal perjodu ta' tnax-il xahar. It-tliet membri permanenti għandhom jinħatru mill-partiti politiċi minn fost il-Viċi Presidenti u għandhom ikunu ġejjin minn mhux inqas minn żewġ gruppi politiċi differenti. Il-President u r-rapporteur fit-tieni qari tal-kumitat responsabbli kif ukoll ir-rapporteur ta' kwalunkwe kumitat assoċjat għandhom f'kull każ ikunu membri tad-delegazzjoni.

4. Il-gruppi politiċi rappreżentati fid-delegazzjoni għandhom jaħtru sostituti.

5. Gruppi politiċi li ma jkunux rappreżentati fid-delegazzjoni jistgħu jibagħtu rappreżentant kull wieħed għal kull laqgħa interna ta' preparazzjoni tad-delegazzjoni. Jekk [id-delegazzjoni] ma tinkludi l-ebda Membru mhux affiljat, Membru mhux affiljat wieħed jista' jattendi kwalunkwe laqgħa interna ta' preparazzjoni tad-delegazzjoni.

6. Id-delegazzjoni għandha titmexxa mill-President jew minn wieħed mit-tliet membri permanenti.

7. Id-delegazzjoni għandha tiddeċiedi b'maġġoranza tal-membri tagħha. Id-deliberazzjonijiet tagħha m'għandhomx ikunu pubbliċi.

Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi linji gwida proċedurali oħra għall-ħidma tad-delegazzjoni għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

8. Id-delegazzjoni għandha tirrapporta r-riżultati tal-konċiljazzjoni lill-Parlament.

**Artikolu 78 : Test konġunt**

1. Meta jintlaħaq ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-kwistjoni għandha titqiegħed fl-aġenda ta' seduta tal-Parlament li għandha ssir fi żmien sitt ġimgħat jew, jekk ikun hemm estensjoni, fi żmien tmien ġimgħat mid-data tal-approvazzjoni tat-test konġunt mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

2. Il-President jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandu jagħmel stqarrija dwar it-test konġunt, u din għandha jkollha anness magħha rapport.

3. L-ebda emenda għat-test konġunt ma tista' titqiegħed fuq il-Mejda.

4. Għandha tittieħed votazzjoni waħdanija fuq it-test konġunt sħiħ. It-test konġunt għandu jkun approvat jekk iġib il-maġġoranza tal-voti mitfugħa.

5. Meta ma jintlaħaq ebda ftehim dwar test konġunt fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, il-President jew membru ieħor nominat tad-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għandhom jagħmlu stqarrija. Dik l-istqarrija għandha tiġi segwita b'dibattitu.

6. Waqt il-proċedura ta' konċiljazzjoni bejn il-Parlament u l-Kunsill li tiġi wara t-tieni qari, ma jistax ikun hemm riferiment lura lill-kumitat.

7. L-Artikoli 51, 52 u 56 m'għandhomx japplikaw waqt it-tielet qari.

# ANNESS III - Kodiċi ta' kondotta għan-negozjati fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja[1]

## 1. Introduzzjoni

Dan il-Kodiċi ta' Kondotta jipprovdi gwida fi ħdan il-Parlament dwar kif għandhom jitmexxew in-negozjati matul l-istadji kollha tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, inkluż fit-tielet qari, u għandu jinqara b'mod konġunt mal-Artikoli 70 sa 74 tar-Regoli ta' Proċedura.

Huwa jikkomplementa d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[2], li jirrigwardaw it-trasparenza u l-koordinament tal-proċess leġiżlattiv, u d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni[3] li ġiet miftiehma bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fit-13 ta' Ġunju 2007.

## 2. Prinċipji ġenerali u preparazzjoni għan-negozjati

In-negozjati interistituzzjonali fil-kuntest tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja għandhom jiġu bbażati fuq il-prinċipji tat-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-effiċjenza, b'mod li jiġi żgurat proċess deċiżjonali li jkun affidabbli, traċċabbli u miftuħ, kemm fi ħdan il-Parlament u kemm fir-rigward tal-pubbliku.

Bħala regola ġenerali, il-Parlament għandu jisfrutta l-possibilitajiet kollha offruti fl-istadji kollha tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Id-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati, b'mod partikolari bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari, għandha tiġi kkunsidrata bħala waħda li tittieħed skont kull każ speċifiku, li tqis il-karatteristiċi distintivi ta' kull fajl individwali.

Il-possibilità li jinfetħu n-negozjati mal-Kunsill għandha tiġi ppreżentata mir-rapporteur lill-kumitat sħiħ, li għandu jiddeċiedi f'konformità mal-artikolu rilevanti tar-Regoli ta' Proċedura. Il-mandat għandu jkun ir-rapport leġiżlattiv tal-kumitat jew l-emendi li jkunu ġew adottati fil-plenarja għan-negozjati fl-ewwel qari, il-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament għan-negozjati fit-tieni qari antiċipat jew għan-negozjati fit-tieni qari għan-negozjati fit-tielet qari.

Il-Parlament għandu jinżamm informat dwar id-deċiżjonijiet kollha biex jinfetħu n-negozjati u għandu jwettaq skrutinju tagħhom. Sabiex jinkiseb l-akbar grad ta' trasparenza fil-proċess leġiżlattiv, il-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandu jżomm lill-Konferenza tal-Presidenti informata fuq bażi regolari, billi

[1] Kif approvat mill-Konferenza tal-Presidenti fit-28 ta' Settembru 2017.
[2] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[3] ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

jipprovdilha informazzjoni sistematika u puntwali dwar id-deċiżjonijiet kollha tal-kumitati biex jidħlu f'negozjati u dwar il-progress tal-fajls fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Kwalunkwe ftehim li jintlaħaq waqt in-negozjati għandu jitqies bħala provviżorju sal-adozzjoni tiegħu mill-Parlament.

Il-korp prinċipalment responsabbli għat-tmexxija tan-negozjati fl-ewwel, kmieni fit-tieni jew fit-tieni qari għandu jkun il-kumitat responsabbli, li jiġi rappreżentat mit-tim tan-negozjati bi qbil mal-Artikolu 74. Fit-tielet qari, il-Parlament għandu jiġi rappreżentat fin-negozjati mid-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li għandha tiġi ppreseduta minn wieħed mill-Viċi Presidenti responsabbli għall-konċiljazzjoni. Tul in-negozjati, il-bilanċ politiku għandu jiġi rispettat u l-gruppi politiċi kollha għandu jkollhom id-dritt li jiġu rappreżentati minn tal-anqas fil-livell tal-persunal.

Il-Kodiċi ta' Kondotta għandu japplika *mutatis mutandis* meta l-kundizzjonijiet definiti fl-Artikoli 57 dwar il-proċedura ta' kumitati assoċjati jew fl-Artikolu 58 dwar il-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati u l-proċedura b'kumitati assoċjati jkunu ġew sodisfatti, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tat-tim tan-negozjati u t-tmexxija tan-negozjati. Ikun tajjeb li l-Presidenti tal-kumitati kkonċernati jiftiehmu minn qabel rigward l-arranġamenti tal-kooperazzjoni tagħhom tul in-negozjati interistituzzjonali kollha kemm huma.

## 3. Tmexxija tan-negozjati u finalizzazzjoni tal-ftehim

Bħala prinċipju u sabiex isaħħaħ it-trasparenza, il-Parlament għandu jipprovdi lill-pubbliku bil-mezzi neċessarji biex jinżamm informat adegwatament tul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu kemm hu, filwaqt li jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra, biex tkun iffaċilitata t-traċċabilità tal-proċess leġiżlattiv. Dawn għandhom jinkludu t-tħabbira konġunta tal-proċeduri leġiżlattivi li jkollhom eżitu pożittiv, anke permezz ta' konferenzi stampa konġunti, jew kwalunkwe mezz ieħor li jiġi kkunsidrat xieraq.

In-negozjati fit-trilogi għandhom jiġu bbażati fuq dokument konġunt wieħed (normalment fil-forma ta' dokument fuq diversi kolonni), li jkun jindika l-pożizzjoni tal-istituzzjonijiet rispettivi fir-rigward tal-emendi ta' xulxin u jinkludi wkoll kull test ta' kompromess li jkun intlaħaq ftehim provviżorju dwaru. Dan id-dokument konġunt għandu jkun dokument kondiviż bejn l-istituzzjonijiet, u kwalunkwe verżjoni li tiġi ċċirkolata għal trilogu, bħala prinċipju, suppost tiġi miftiehma mill-koleġiżlaturi. Wara kull trilogu, il-President tat-tim tan-negozjati u r-rapporteur għandhom jirrapportaw lura lill-kumitat responsabbli jew lill-koordinaturi tiegħu dwar il-progress tan-negozjati.

Meta jintlaħaq ftehim provviżorju mal-Kunsill, il-President tat-tim tan-negozjati u r-rapporteur għandhom jinformaw kompletament lill-kumitat responsabbli dwar l-eżitu tan-negozjati li għandu jiġi ppubblikat. It-test ta' kwalunkwe ftehim provviżorju li jintlaħaq għandu jintbagħat lill-kumitat responsabbli biex jeżaminah fi preżentazzjoni

li tindika b'mod ċar il-modifiki għall-abbozz ta' att leġiżlattiv. Il-kumitat responsabbli għandu jiddeċiedi bi qbil mal-Artikolu 74.

Il-ftehim provviżorju li jintlaħaq matul in-negozjati għandu jiġi kkonfermat bil-miktub permezz ta' ittra uffiċjali. Fil-każ tal-ftehimiet li jintlaħqu fl-istadji tal-ewwel u t-tieni qari, il-President ta' Coreper jikkonferma l-ftehim provviżorju bil-miktub lill-president tal-kumitat responsabbli, filwaqt li, fil-każ tal-ftehimiet li jintlaħqu kmieni fit-tieni qari, il-president tal-kumitat responsabbli jinforma lill-Kunsill li jkun se jirrakkomanda lill-plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li tikkorrispondi għat-test tal-ftehim provviżorju tiġi adottata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament.[1]

Għandu jkun hemm biżżejjed żmien bejn l-approvazzjoni tal-ftehim proviżorju mill-Kumitat u l-votazzjoni fil-Parlament biex il-gruppi politiċi jkunu jistgħu jippreparaw il-pożizzjoni finali tagħhom.

Il-ftehim provviżorju għandu jiġi suġġett għal finalizzazzjoni ġuridikolingwistika, bi qbil mal-Artikolu 203. M'għandha ssir l-ebda bidla għal xi ftehim provviżorju mingħajr il-qbil espliċitu, fil-livell xieraq, kemm tal-Parlament Ewropew u kemm tal-Kunsill.

## 4. Assistenza lit-tim tan-negozjati

It-tim tan-negozjati għandu jingħata r-riżorsi kollha li jkollu bżonn biex iwettaq ħidmietu kif suppost. Huwa għandu jiġi assistit minn "tim amministrattiv responsabbli għall-proġett" ikkoordinat mis-segretarjat tal-kumitat responsabbli, u għandu jinkludi minn tal-inqas l-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi, is-servizz legali, id-direttorat għall-atti leġiżlattivi, is-servizz għall-istampa tal-Parlament kif ukoll is-servizzi rilevanti l-oħra, li għandhom jiġu deċiżi skont il-każ speċifiku. Il-konsulenti tal-gruppi politiċi għandhom ikunu mistiedna għal-laqgħat li jħejju jew li jsegwu l-laqgħat tat-trilogu. L-Unità tal-Affarijiet Leġiżlattivi għandha tikkoordina l-għoti tal-assistenza amministrattiva lid-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni.

[1] Ara l-punt 18 tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni.

# ANNESS IV - L-ordni tal-Presidenzi tal-Kunsill[1]

*Diviżjoni tal-ordni ta' Presidenzi fi gruppi ta' tliet Stati Membri (Triju ta' Presidenzi)*

| | | |
|---|---|---|
| Rumanija | Jannar - Ġunju | 2019 |
| Finlandja | Lulju - Diċembru | 2019 |
| Kroazja | Jannar - Ġunju | 2020 |
| Ġermanja | Lulju - Diċembru | 2020 |
| Portugall | Jannar - Ġunju | 2021 |
| Slovenja | Lulju - Diċembru | 2021 |
| Franza | Jannar - Ġunju | 2022 |
| Repubblika Ċeka | Lulju - Diċembru | 2022 |
| Żvezja | Jannar - Ġunju | 2023 |
| Spanja | Lulju - Diċembru | 2023 |
| Belġju | Jannar - Ġunju | 2024 |
| Ungerija | Lulju - Diċembru | 2024 |
| Polonja | Jannar - Ġunju | 2025 |
| Danimarka | Lulju - Diċembru | 2025 |
| Ċipru | Jannar - Ġunju | 2026 |
| Irlanda | Lulju - Diċembru | 2026 |
| Litwanja | Jannar - Ġunju | 2027 |
| Greċja | Lulju - Diċembru | 2027 |
| Italja | Jannar - Ġunju | 2028 |
| Latvja | Lulju - Diċembru | 2028 |
| Lussemburgu | Jannar - Ġunju | 2029 |
| Netherlands | Lulju - Diċembru | 2029 |
| Slovakkja | Jannar - Ġunju | 2030 |
| Malta | Lulju - Diċembru | 2030 |

[1] ĠU L 208, 2.8.2016, p. 42.

# Anness V - L-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea fuq il-maġġoranzi u l-limiti użati għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja

| **Il-maġġoranzi użati għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja** | |
|---|---|
| **Fil-Parlament** | |
| Il-maġġoranza sempliċi: | Maġġoranza tal-voti mitfugħa |
| Il-maġġoranza kwalifikata: | Maġġoranza tal-membri komponenti (għal votazzjoni fil-plenarja, i.e. 353 mis-705 voti) |
| **Fil-Kunsill** | |
| Il-maġġoranza sempliċi: | Maġġoranza tal-Istati Membri tiegħu (14-il Stat Membru favur) |
| Il-maġġoranza kwalifikata: | 55% tal-Istati Membri favur (i.e. 15-il Stat Membru) li jkunu jirrappreżentaw mill-inqas 65% tal-popolazzjoni tal-UE |
| L-unanimità: | L-Istati Membri kollha li jivvutaw ikunu favur (astensjoni ma timpedix l-adozzjoni b'unanimità) |

| **Il-limiti għal talbiet proċedurali użati fil-Parlament** | |
|---|---|
| Il-limitu baxx | Wieħed minn kull għoxrin tal-membri komponenti tal-Parlament jew grupp politiku (36 Membru tal-PE) |
| Il-limitu medju | Wieħed minn kull għaxra tal-membri komponenti tal-Parlament, magħmula minn grupp politiku wieħed jew aktar jew Membri individwali, jew kombinazzjoni tat-tnejn (71 Membru tal-PE) |
| Il-limitu għoli | Wieħed minn kull ħamsa tal-membri komponenti tal-Parlament, magħmula minn grupp politiku wieħed jew aktar jew Membri individwali, jew kombinazzjoni tat-tnejn (141 Membru tal-PE) |